Harġa nru. 74 - Mejju 2013

# SPORTIV

B'XEJN ma' l-orizzont

Magażin Sportiv ta' kull xahar



# Birkirkara F.C. champions 2012/13

» Aktar f'paġna 16

• FUTBOL • BASKETBALL • MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
• KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT •
• STORJA TAL-FUTBOL MALTI • SNOOKER • GOZO SPORT •

TeamSporT®

IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MA' TEAMSPORT


U*BET®
Maltco LOTTERIES
LIVE THE GAME...
www.maltco.com | Helpline: 2388 3333
PLAY RESPONSIBLY 18+

2013



## Mejju

Matul dan ix-xahar ġew fi tmiemhom il-Kampjonati ta' kull sport rispettiv. Bla dubju, l-attenzjoni ewlenija kienet mixħuta fuq il-Kampjonat Premier fejn kellha tintlagħab iċ-Championship Decider b'Birkirkara joħorġu rebbieħa, bl-iskor ta' 3-1 fuq Hibernians, biex rebħu dan l-unur għar-raba' darba fl-istorja tal-club.

Iżda Hibernians temmew l-istaġun fuq nota pożittiva meta rebħu l-U*Bet FA Trophy meta fil-final għelbu lil Qormi 3-1.

Anke l-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni kellu jmur għal-logħba deċiżiva, fejn din id-darba, fi tmiem drammatiku, Naxxar Lions għelbu lil Vittoriosa Stars bl-iskor ta' 3-1.

It-Tieni u t-Tielet Diviżjoni ntrebħu minn Zebbug Rangers u Senglea Athletic rispettivament.

Il-Kampjonat tal-basketball intrebaħ minn Floriana għall-ewwel darba meta fl-aħħar Play-Off (minn ħamsa) għelbu lill-Athleta li baqgħet eċċitanti u nċerta sal-aħħar mumenti.

Dawn l-emozzjonijiet kollha jinsabu fl-aktar magażin popolari fil-Gżejjer Maltin ... *Sportiv* ... li issa huwa stabbilit mad-dilettanti sportivi Maltin.

Jesmond Moore - Editur




# Irbaħ ma'

TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ wieħed mit-tliet rigali ġentilment offruti lilna minn Teamsport...

**Kemm-il darba Birkirkara rebħu l-Kampjonat wara li fiċ-Championship Decider għelbu lil Hibernians 3-1?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Ġunju, 2013:

**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**

Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 73 hija:*
**Nabab du Chatelet**
*u r-rebbieħa huma (1) Jerome Mizzi - Fgura (2) Ismahel Tarhoni - Qawra (3) Mario Caruana - San Gwann*




1




2




3




# FAMILY HEALTH COVER

One family. One plan. Shared benefits.

The Family Health Cover, a new product in the Laferla Healthplans, giving your family the flexibility it requires.

Call now: 2124 6340 | www.laferla.com.mt

LAFERLA
INSURANCE AGENCY LIMITED

Agents for:
MIDDLESEA
A MEMBER OF THE MAPFRE GROUP

COM NO 110413 746

Laferla Insurance Agency Limited, Vincenti Buildings, Old Bakery Street, Valletta VLT 1453.

Tel: 2124 6340 Fax: 2124 6704 www.laferla.com.mt

Laferla Insurance Agency Limited is licensed to act as an insurance agent for Middlesea Insurance p.l.c. and both companies are authorised to transact insurance business by the Malta Financial Services Authority.








SPORTIV

Ħarġa nru 74
SPORTIV
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Ippubblikat minn Union Print**
Union Print Co. Ltd
Marsa Tel: 25900265

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Reklamar**
Alfred Caruana (Manager)
acaruana@unionprint.com.mt

Claudia Mifsud
sportivmalta@yahoo.com

Jason Penza
jpenza@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Ray Attard u Roger Azzopardi

*Cover - Il-captain ta' Birkrikara Gareth Sciberras jgħolli t-Tazza tar-rebħ tal-Kampjonat Premier*

UNION PRINT CO. LTD
SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta

# Werrej

4 **MFA**
Żjara lill-Prim Ministru

14 **FA Trophy**
Hibernians jirbħu l-FA Trophy għall-għaxar darba

16 **Premier**
Birkirkara Champions għar-raba' darba

24 **L-Ewwel Diviżjoni**
Naxxar jirbħu l-logħba deċiżiva kontra Vittoriosa S.

26 **It-Tieni u t-Tielet Diviżjoni**
Żebbuġ Rangers u Senglea Athletic Champions

28 **Youth FA**
Tibdil fil-Kampjonati u Festivals tal-Youth FA mill-istaġun 2013/14

30 **Kunsill Malti għall-Isport**
Jiltaqa' l-bord il-ġdid tad-diretturi tal-KMS

40 **The Science in Sports**
Jikteb Dr. Kirill Micallef Stafrace

42 **Gozo Sports**
Kerċem jirbħu l-BOV GFA Cup

44 **Waterpolo**
Neptunes Champions tax-xitwa

46 **Basketball**
Floriana champions għall-ewwel darba

48 **Snooker**
Duncan Bezzina champion Malti għat-tieni darba

50 **Tiġrijiet taż-Żwiemel**
Jingħata bidu għall-Kampjonat Franċiż

52 **L-Istorja tal-Futbol Malti**
Ħames players imkeċċija bejn Sliema W. u Hibernians

54 **Storja tar-Regatta**
It-Tiġrija tal-Vitorja (1990 - 1999)

56 **Spot the Ball u Tisliba**
Irbaħ ma' SPORTIV

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

mfa.com.mt



# L-iskwadra Nazzjonali tan-Nisa
## mistiedna tal-Prim Ministru

**L-iskwadra nazzjonali tan-nisa, immexxija mill-coach Pierre Brincat, għamlet żjara ta' kortesija lill-Prim Ministru Joseph Muscat, fil-bini tal-Parlament.**

It-team Malti għadu kemm ikkwalifika għar-round ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja, 2015, liema fażi finali se ssir fil-Kanada.

Fost l-uffiċjali tal-MFA li akkumpanjaw il-kontinġent kien hemm is-segretarju ġenerali Joe Gauci u l-viċi presidenti Alex Manfrè u Ludovico Micallef filwaqt li l-coaches u l-players tkellmu mal-Prim Ministru dwar l-iżvilupp li għadda minnu dan it-team għall-fatt li Malta ilha tikkompeti biss f'dan il-livell internazzjonali ftit iktar minn għaxar snin.

Il-Prim Ministru Muscat qal li Malta hija kburija bir-riżultati li qed jikseb dan it-team, f'dixxiplina sportiva li hija aktar assoċjata mal-irġiel. Waqt li inkoraġġihom biex jagħmlu l-aħjar tagħhom, wiegħed li l-Gvern se jkompli jsegwihom u huwa kommess li jagħtihom kull appoġġ biex ikomplu jiżviluppaw it-talenti tagħhom.

Il-Prim Ministru kien ippreżentat b'ritratt kommemorattiv tat-team mill-viċi-president Ludovico Micallef waqt li ż-żewġ uliedu bniet kienu ppreżentati bi flokk tat-team nazzjonali.

Għal din l-okkażjoni, kienu preżenti wkoll il-Ministru Helena Dalli u s-Segretarju Parlamentari għall-Isport Stefan Buontempo.

Min-naħa tal-MFA, attendiet ukoll id-deputat segretarju Maria Mifsud, li hija l-persuna li tikkoordina l-Futbol tan-Nisa fi ħdan iċ-Ċentru Tekniku tal-MFA.






# Coaches u amministraturi Maltin jattendu Study Group f'Ċipru

**Matul dawn l-aħħar ġimgħat, grupp ta' coaches u amministraturi tal-football lokali attendew għal UEFA Study Group, f'Ċipru.**

Din kienet attività utili ħafna li tat lill-kontinġent Malti, li attenda, l-opportunità li jiltaqgħu ma' coaches u amministraturi mill-Bulgarija, mill-Bosnja Herzegovina u minn Ċipru, il-pajjiż li organizza dan il-grupp.

Fuq l-aġenda kien hemm diversi suġġetti li kienu diskussi speċjalment fir-rigward tat-taħriġ tekniku u tattiku. Il-laqgħat kienu nteressanti fejn il-parteċipanti kollha qasmu l-ideat tagħhom u anke ssuġġerew oħrajn ġodda u sar forma ta' networking bejn l-erba' pajjiżi parteċipanti.

Din kienet opportunità unika għal dawn il-gruppi ta' studju biex joperaw permezz ta' workshop u s-sinerġija bejn kulħadd kienet waħda qawwija.

Il-parteċipanti Maltin esprimew il-gratitudni tagħhom lejn l-FA ta' Ċipru speċjalment lejn is-sur Sawas Costantinou li ħa ħsiebhom tajjeb matul il-kors kollu. Dawn huma attivitajiet li jkabbru r-relazzjonijiet bejn l-assoċjazzjonijiet u li jgħinu biex tkompli tissaħħaħ il-familja tal-futbol internazzjonali.

Kienet espressa wkoll it-tama li fil-futur isiru aktar laqgħat ta' dawn il-gruppi ta' studju. Il-pajjiżi parteċipanti, fosthom Malta, irringrazzjaw lill-UEFA li tathom din l-opportunità sabiex jaqsmu din l-esperjenza mportanti ma' coaches oħrajn mill-Ewropa.



# L-MFA tappoġġa bis-sħiħ il-maratona ta' PuttinuCares

**L-MFA reġgħet tat l-appoġġ sħiħ tagħha lill-maratona ta' 60 siegħa futbol b'risq il-Fondazzjoni Puttinu Cares li saret fl-ewwel jiem ta' Mejju u li fetħet b'diskors mill-President ta' Malta, l-Eċċellenza Tiegħu George Abela.**

Roderick Briffa, plejer tat-team nazzjonali, ippreżenta lill-President b'ballun iffirmat mill-players tat-team nazzjonali bħala donazzjoni għall-Fond ta' Puttinu Cares.

Kien il-President ta' Malta li ta l-ewwel daqqa ta' sieq lill-ballun biex fetaħ uffiċjalment il-maratona biex imbagħad il-players tat-timijiet nazzjonali tal-Irġiel u tan-Nisa lagħbu partita ta' ħbiberija bejniethom li ferrħet lill-folla preżenti. Kien hemm spirtu ta' ħbiberija kbira f'din il-logħba biex in-nisa ħaduha kontra l-irġiel fi dwell interessanti ta' futbol milgħub fi spirtu ta' fair play.

Naturalment il-klassi tal-Irġiel kienet evidenti minkejja li t-tfajliet għamlu l-parti tagħhom biex jagħmlu minn din il-logħba avveniment ta' divertiment minbarra li kellu l-iskop nobbli li jinġabru fondi għall-Puttinu Cares.

Daniel Bogdanovic, li kien preżenti għal din l-attività, kellu kliem ta' tifħir għat-team tan-Nisa u ddeskriva dan l-avveniment bħala wieħed li jġib miegħu ħafna ferħ u pożittività.

F'din il-maratona, li damet tlitt ijiem, inġabret is-somma fantastika ta' €1.35 miljun. Il-Malta Football Association tawgura li l-logħba tal-futbol tibqa' tkun essenzjali biex tgħaqqad lill-pubbliku Malti u Għawdxi għal skopijiet ta' beneficjenza.







# Tournament tal-Futbol minn Special Olympics Malta

**Lejn l-aħħar ta' April saru l-finali tal-football minn Special Olympics Malta, bil-logħob kollu jsir fis-Centenary Stadium, Ta' Qali, fejn kulħadd ipparteċipa fi spirtu sportiv u f'atmosfera ta' festa.**

Dan l-avveniment infetaħ uffiċjalment mis-Segretarju Parlamentari għall-Isport, Stefan Buontempo, u sar fuq inizjattiva ta' Special Olympics Malta bl-għajnuna tal-Malta Football Association.

F'dan l-avvenimet ħa sehem ukoll it-team Ingliż ta' Surrey Blues Disability minn Chelsea. Il-logħbiet ta' kwalifikazzjoni intlagħbu fil-grounds tal-Kulleġġ San Benedittu, f'Ħal Kirkop. Dawn il-logħbiet ma kienux miftuħin għall-pubbliku imma l-istudenti tal-Kulleġġ setgħu jaraw il-logħbiet u jagħtu l-appoġġ tagħhom.

Il-finali kienu miftuħin għall-pubbliku u ntlagħbu fis-Centenary Stadium tal-MFA li wkoll offriet il-faċilitajiet tat-taħriġ għad-dispożizzjoni tat-tfal li fformaw it-timijiet. L-MFA ipprovdiet ukoll ir-referees biex jikkontrollaw dawn il-logħbiet u biex b'hekk kollox ikun organizzat bl-aħjar mod possibbli.

Fi tmiem it-tournament, il-parteċipanti kienu ppreżentati b'midalji minn Anna Calleja, f'isem Special Olympics Malta u minn Maria Mifsud, Deputat Segretarju għaż-Żgħażagħ u l-Iżvilupp tal-MFA.









# Intemm b'suċċess festival ieħor ta' futbol għal studenti bniet







**Il-ġranet finali tal-istaġun 2012-13 tal-festival tal-futbol fl-iskejjel tal-bniet, organizzat taħt l-awspiċi taċ-Ċentru Tekniku tal-MFA, kienu organizzati matul l-ewwel ġimgħa ta' Mejju fit-Training Grounds, f'Ta' Qali, bil-parteċipazzjoni ta' 11-il skola rrappreżentati minn 14-il tim għal total ta' aktar minn 130 plejers żgħażagħ.**

Studenti ta' età żgħira kienu ħerqana u urew entużjażmu kbir biex juru l-abbilitajiet tagħhom bil-ballun. It-temp sabiħ għen biex l-atmosfera tkun waħda kkulurita fuq il-pitches ħodor tat-Training Grounds li kienu ppreparati tajjeb għal dan l-avveniment.

Kull team kien taħt il-gwida ta' għalliem tal-Edukazzjoni Fiżika li żgur għenu lil dawn iż-żgħażagħ ikomplu jitħarrġu fil-logħba. Fil-fatt, il-livell li ntwera kien inkoraġġanti aktar milli mistenni u l-logħbiet taw prova li dawn l-istudenti għandhom il-logħba tal-football għal qalbhom u li huma ggwidati fid-direzzjoni t-tajba.

Matul il-ġurnata, wieħed seta' josserva biss l-espressjoni ta' ferħ fuq wiċċ dawn it-tfajliet. Il-parteċipanti kollha kienu wkoll sodisfatti li ngħataw t-shirt abbinat ma' okkażjonijiet bħal dawn.

L-MFA esprimiet għal darb'oħra s-sodisfazzjon tagħha għal dan l-avveniment u rringrazzjat lill-isponsors kollha ta' dan il-festival li bil-materjal li pprovdew għamlu dan l-avveniment suċċess kbir. L-isponsors ewlenin kienu TeamSport tal-Iklin u l-kumpanija General Soft Drinks.

**L-iskejjel li ħadu sehem f'dan il-festival tal-futbol għall-bniet kienu:**

- San Anton School
- St Martin's College
- San Andrea School
- Chiswick House School
- St Francis School Birkirkara
- St Joan Antide School
- Fgura Government Primary School
- Mosta Government Primary School
- St Catherine's High School
- Thereza Nuzzo School
- Convent of the Sacred Heart School Foundation

# L-interess għall-*Istadium Tours* qiegħed dejjem jikber



**Għal darb'oħra din is-sena, ġiet imnedija l-iskema tal-Istadium Tours fl-istess perijodu li bdiet is-sena skolastika. Il-materjal promozzjonali neċessarju ntbagħat kollu lill-iskejjel tal-istat u tal-knisja. Saru wkoll bosta laqgħat ma' rappreżentanti tal-iskejjel biex tiġi promossa din l-inizjattiva kemm fuq livell sportiv kif ukoll fuq livell edukattiv.**

L-għan ewlieni ta' dawn it-Tours huwa biex jgħinu lill-istudenti jkunu aktar konxji tax-xogħol u l-ħidma kontinwa li qed issir fil-faċilitajiet sportivi tal-MFA. Aktar minn hekk, l-obbjettiv prinċipali huwa biex iressaq lil dawn it-tfal aktar qrib lejn it-timijiet nazzjonali, tal-Irġiel u tan-Nisa.

L-iskejjel li pparteċipaw f'dawn it-Tours kienu Marsaxlokk Primary School; Sliema Primary School; St. Martin's School; Boys' Secondary School, tas-Samra, Ħamrun; St. Monica's School, Birkirkara; St. Francis School, Birkirkara u Verdala International School. L-istudenti li esperjenzaw dawn it-Tours, kellhom kliem ta' tifħir lejn l-organizzazzjoni u l-preżentazzjoni tal-faċilitajiet kollha li huma amministrati mill-MFA.

Id-dressing rooms u l-mixja fit-tunnel lejn il-ground huma l-aktar li ġew apprezzati mill-istudenti fejn għal ftit minuti esperjenzaw l-eċitament li tgħaddi mill-istess postijiet minn fejn jgħaddu l-players waqt il-partiti nazzjonali u internazzjonali.

L-istudent tal-MCAST taw ukoll il-kontribut tagħhom għal din l-esperjenza billi organizzaw attivitajiet bħala parti minn dan it-Tour li kienu jinkludu wkoll diversi logħbiet li saru fis-Centenary Stadium.

F'Ottubru li għada, ġie organizzat Tour speċjali għall-operaturi u r-rappreżentanti tal-aġenziji tal-ivjaġġar bil-possibbiltà li din l-inizjattiva tiġi mnedija f'dan il-qasam. L-ewwel parti ta' dan it-Tour kienet tikkonsisti fit-tour innifsu u diskussjoni bejn dawk preżenti bir-rispons ikun wieħed mill-aktar pożittiv.

Din l-iskema għal dan l-istaġun tiġi fi tmiemha b'attività fejn isiru l-preżentazzjonijiet lill-iskejjel parteċipanti u lil dawk l-istudenti tal-MCAST li kienu nvoluti f'dawn l-attivitajiet.

# Samsonite sieħeb ieħor kummerċjali tal-MFA




**L-MFA ħabbret li d-ditta Samsonite hija l-aħħar sieħba minn fost dawk preferuti kummerċjali tal-Assoċjazzjoni Maltija tal-Futbol**

L-istrateġija tal-MFA dwar l-istruttura ta' sponsorships intlaqgħet tajjeb għaliex minn sponsorships tradizzjonali issa saru sieħba permezz ta' Brand Communication. Dawn il-partnerships huma bbażati fuq il-ħolqien ta' opportunitajiet kummerċjali.

Grazzi għal dan il-ftehim li hu għal perjodu ta' sena, Samsonite se jagħtu lill-MFA bagalji tal-cabin flights għall-plejers tat-tim nazzjonali A, l-istaff tekniku u l-uffiċjali tal-MFA.

Min-naħa tagħha, Samsonite se tgawdi minn pubbliċità tal-prodott tagħha fil-ġranet li jkun qed jilgħab it-tim nazzjonali.

F'Malta, Samsonite hi rappreżentata minn, Airmode Ltd, fil-Floriana.




# Għoxrin fotografu jieħdu sehem f'workshop waqt logħbiet domestiċi

**Għat-tieni sena konsekuttiva, il-Malta Institute of Professional Photographers (MIPP) taw bidu għall-korsijiet annwali tal-fotografija bl ewwel minn din is serje mmexxija minn fotografi li rċevew rikonoxximent internazzjonali, tkun l-enfasi fuq xenarji prattiċi.**

Domenic Aquilina, fotografu ta' avvenimenti sportivi ta bidu għal dan il-workshop b'sessjoni interessanti li saret fl-Istadium Nazzjonali, f'Ta' Qali, waqt logħbiet tal-BOV Premier League bejn Sliema Wanderers vs Tarxien Rainbows u l-logħba l-kbira, Birkirkara vs Valletta.

Għoxrin membru tal-MIPP ipparteċipaw f'dan l-avveniment u li għal ħafna minnhom kienet l-ewwel darba li kienu fl-azzjoni f'avveniment daqshekk importanti, esperjenza unika li żgur se tħallilhom memorji sbieħ.

Warren Kiomall, wieħed mill-parteċipanti, qal li għalih din kienet esperjenza eċċezzjonali u rringrazzja lill-għalliem tagħhom Domenic Aquilina. Huwa sostna li din l-esperjenza pożittiva ispiratu biex jieħu aktar ritratti ta' avvenimenti tal-isport.

Domenic Aquilina, fotografu tal-MFA, qal li kull wieħed mill-fotografi ħa gost jikkompeti f'avveniment tal-ogħla kwalita u finalment kollha ħadu ritratti tajbin u dan kien ta' sodisfazzjon għal kulħadd. Huwa rringrazzja lill-Malta Football Association li għat-tieni sena konsekuttiva, tat l-appoġġ tagħha għal din l-inizjattiva stupenda.

# Preżentazzjoni ħelwa f'Jum l-Omm



**Madwar mitt tifla li ħadu sehem fil-festival tan-Knock-Out għall-bniet ta' Taħt il-11 u s-16-il sena wettqu ġest sabiħ ma' ommijiethom f'attività li saret proprju f'Jum l-Omm, fejn għal din l-okkażjoni ġiet ippreżentata fjura lill-ommijiet kollha preżenti.**

Din l-idea intgħoġbot u ntlaqgħet tajjeb, bil-bniet parteċipanti jmorru jiġru lejn l-ommijiet li kienu preżenti għas-sessjonijiet biex jippreżentawlhom il-fjuri waqt li awgurawlhom jum mill-isbaħ.

Is-sinifikat kien sabiħ ħafna, bil-bniet japprezzaw l-appoġġ kontinwu li jagħtuhom il-ġenituri f'ħajjithom u s-sostenn li jsibu mingħandhom biex jinkoraġġuhom jilagħbu l-football.

Mingħajr l-għajnuna kontinwa u l-paċenzja tal-ommijiet, it-tfal li jirrikjedu ħafna sagrifiċċji, uliedhom ma jistgħux imorru jitħarrġu u jilagħbu f'lokalitajiet differenti matul l-istaġun tal-football. Mingħajr dawn is-sagrifiċċji, żgur li l-gost u l-pjaċir ta' dawn it-tfal li jilagħbu l-football ma jkunx possibbli, għaldaqstant ġest bħal dan juri l-apprezzament li l-ulied għandhom lejn il-ġenituri tagħhom.

L-ommijiet kollha preżenti kienu sorpriżi b'dan il-ġest u speċjalment bil-messaġġ miktub 'Grazzi Mummy ta' kull ma tagħmel għalina u tal-appoġġ li tagħtina biex nilagħbu l-football'.

Din l-attività, li kienet organizzata mid-Dipartiment tal-Futbol tan-Nisa tal-MFA, kompliet issaħħaħ l għaqda li teżisti fil kamp tal futbol femminili f'pajjiżna.







# Mill-istaġun li ġej l-MFA se tibda tintroduċi l-assistenti referees addizzjonali








**L-MFA ħabbret li mill-istaġun li ġej se tibda tintroduċi l-assistenti referees addizzjonali (AAR) fil-logħob tal-ogħla divizjoni u għaldaqstant se tkun waħda mill-ewwel membri tal-UEFA li se tagħmel dan.**

L-MFA użat żewġ referees addizzjonali bħala esperiment fil-logħbiet tal-FA Trophy tas-semi-finali u tal-finali. Biex tintroduċi ż-żieda ta' dawn iż-żewġ uffiċjali, l-MFA organizzat seminar għall-uffiċjali u l-osservaturi tal-logħba, fis-sala tal-konferenzi fi ħdan id-Dipartiment tar-Referees, f'Ta' Qali.

Dan is-seminar tmexxa mill-Olandiż Ed Janssen, assistit mid-Direttur tar-Refereeing tal-MFA, Adrian Casha.

Fil-parti tat-teorija ta' dan is-seminar, kienu diskussi r-riżultati miksuba mill-introduzzjoni tal-AAR fil-logħbiet tal-UEFA u l-preparazzjoni meħtiega. Saret ukoll diskussjoni dwar l-irwol tar-raba' uffiċjal f'dan il-kuntest.

Mill-analiżi li saret sa issa mill-UEFA dwar dan is-suġġett, ħareġ ċar li jrid ikun hemm kollettività bejn il-membri kollha tat-team tar-referees waqt li ingħataw linji gwida lill-osservaturi dwar kif ikunu assessjati dawn ir-referees addizzjonali u kif għandhom jingħataw il-marki mill-osservaturi.

Il-parti prattika kienet tikkonsisti f'dimostrazzjoni, fis-Centenary Stadium, fejn wara diversi logħbiet mill-kampjonati tal-Youths sar eżerċizzju fejn diversi logħbiet kienu kkontrollati minn team ta' sitt uffiċjali. Janssen u Casha kellhom l-opportunità li jkunu preżenti biex josservaw u jagħtu struzzjonijiet qabel, waqt l-intervall u fi tmiem il-logħbiet.

Ed Janssen kien impressjonat bl-interess u l-entużjażmu li wrew l-uffiċjali tal-logħba u osserva li kien hemm diversi aspetti pożittivi u żviluppi kontinwi ta' prattiċi ġodda fir-refereeing lokali.

Dan kollu jixhed ix-xogħol kontinwu li qiegħda tagħmel l-MFA biex il-livell tal-uffiċjali tal-logħba jkompli jitjieb u biex dan ikompli jseħħ l-Assoċjazzjoni Maltija tal-football kommessa li tkompli teduka u tħarreġ lill-uffiċjali tagħha b'mod kostanti.







# Ftehim mal-Assoċjazzjoni Olandiża tal-Futbol bejn iż-żewġ Dipartiment tar-Referees

**Dan l-aħħar l-MFA ħabbret li kien intlaħaq ftehim bejn iż-żewġ dipartimenti tar-referees ta' Malta u l-Olanda sabiex ikun hemm kollaborazzjoni reċiproka li minnha jgawdu direttament l-uffiċjali tal-logħba.**

Id-Direttur tar-Referees tal-MFA, Adrian Casha u l-Ispeċjalista tal-Assistenti Referees, Philip Agius, kienu mistiedna mill-Assoċjazzjoni tal-Futbol Olandiża sabiex imorru Zeist u jattendu għal seminar li sar għall-uffiċjali tal-logħba u l-assistenti tal-ogħla kategorija bejn is-16 u t-18 ta' April.

Minbarra analiżi dettaljata ta' sitwazzjonijiet minn partiti riċenti fil-Kampjonat Olandiż u sessjonijiet ta' taħriġ fiżiku, nofs ta' nhar mis-seminar kien iddedikat għal sessjoni ta' preparazzjoni mentali li ffokat l-aktar fuq il-konċentrazzjoni.

Kemm Adrian Casha u kif ukoll Philip Agius fissru s-sodisfazzjon tagħhom għall mod tajjeb ħafna kif intlaqgħu mill-Assoċjazzjoni Olandiża, speċjalment mill-Kap tar-Referees Dick van Egmond u l-assistent tiegħu Raymond van Meenen.

Adrian Casha kellu dan xi jgħid: "Fl-aħħar sentejn fil-kariga mmexxi s-settur tar-Refereeing, iltqajt ma' Dick van Egmond diversi drabi f'korsijiet tal-UEFA, imma fl-1997, konna rreffjajna flimkien f'tournament tal-UEFA ġewwa l-Portugall.

"Dan għamilha aktar faċli għalina sabiex inġeddu l-kuntatt bejnietna u noħolqu kuntatt uffiċjali bejn iż-żewġ assoċjazzjonijiet permezz tad-dipartimenti tar-referees li aħna t-tnejn immexxu."

Il-kuntatt bejn Adrian Casha u Dick van Egmond ħa spinta 'l quddiem f'laqgħa li kellhom waqt kors tal-UEFA sena ilu. "Tkellimna fuq kif pajjiż bħall-Olanda jista' jgħin lil Malta, anki jekk il-livell tal-football huwa wieħed differenti għall-aħħar."

Ftit ġimgħat wara din il-laqgħa, l-Assoċjazzjoni Olandiża kitbet lill-MFA sabiex tliet uffiċjali Maltin jikkontrollaw il-partita ta' ħbiberija ta' Taħt il-21 sena bejn l-Olanda u l-Italja. Il-partita ntlagħbet fil-15 ta' Awwissu, 2012, ġewwa Cambuur Stadium f'Leeuwarden u ntemmet f'rebħa ta' 3-0 għat-Taljani. Ir-referee tal-partita kien Alan Mario Sant, assistit minn Alan Camilleri u Edward Spiteri.

Il-kollaborazzjoni kompliet tissaħħaħ matul dan l-istaġun u fil-fatt fi Frar li għadda l-Assoċjazzjoni Olandiża bagħtet lil Adriaan Inia, wieħed mill-aħjar kowċis tal-assistenti referees fid-dinja għal taħriġ speċjalizzat lill-assistenti referees Maltin u Għawdxin.

Kemm Adrian Casha kif ukoll Philip Agius stqarrew li kienu impressjonati bil-professjonalita' li raw, fis-seminar li sar f'Zeist, u kienu sodisfatti wkoll li dak ix-xogħol li qed tagħmel l-MFA permezz tad-Dipartiment tar-Referees huwa, bla dubju, miexi fid-direzzjoni t-tajba.

Waqt iż-żjara tagħhom, f'Zeist, ġew konkluzi taħditiet sabiex l-Assoċjazzjoni Olandiża tassisti lill-MFA fl-iżvilupp tas-settur tar-referees lokali. Bejn l-1 u l-4 ta' Mejju, Ed Janssen, mexxa kors dwar l-użu tal-assistenti referees addizzjonali li ntlaqa' tajjeb ħafna mill-uffiċjali Maltin.

Ed Janssen għadu referee attiv u huwa wieħed mill-aktar uffiċjali fl-Ewropa li ħa sehem f'partiti tal-UEFA Champions League u l-UEFA Europa League bħala assistent referee addizzjonali. Hawn Malta huwa kkontrolla l-partita mill-Kampjonat BOV Premier bejn Floriana u Qormi, nhar il-Ġimgħa 3 ta' Mejju, u l-għada tal-logħba għamel analiżi tiegħu stess tal-prestazzjoni li kellu waqt laqgħa għar-referees u l-osservaturi tagħhom, bl-għajnuna ta' filmat miġbud mill-cameraman tal-MFA, Mario Pisani.

Il-ftehim milħuq bejn iż-żewġ dipartimenti tar-referees se jagħti wkoll l-opportunità li referees u assistenti referees Maltin jirreffjaw fl-Olanda. L-ewwel appointment huwa tournament internazzjonali ta' Taħt l-20 Sena li se jsir, f'The Hague, bejn il-31 ta' Mejju u t-2 ta' Ġunju, li fih ser jirreffjaw Trustin Farrugia Cann u Luke Portelli.


Bezzina



Mario Muscat u Andrew Cohen jgħollu l-U*BET FA Trophy wara l-preżentazzjoni

F. A. TROPHY U*BET

# Hibernians jirbħu
## l-FA Trophy għall-għaxar darba

**Wara d-diżappunt tat-telf tal-Kampjonat, Hibernians spiċċaw l-istaġun fuq nota pożittiva meta fil-final tal-U*BET FA Trophy għelbu lil Qormi bl-iskor ta' 3-1 biex rebħu dan l-unur għall-għaxar darba fl-istorja tal-club.**

Inċidentalment dan l-iskor kien dak identiku tal-final tal-istaġun li għadda meta l-istess Pawlisti għelbu lil Qormi biex dawn tal-aħħar tilfu t-tliet finali li kkontestaw matul dawn l-aħħar erba' snin.

B'koinċidenza wkoll, iż-żewġ coaches - Michael Woods (Hibernians) u Jesmond Zerafa (Qormi) - kienu qed jiffaċċjaw lil xulxin eżattament sentejn wara, proprju meta, fit-22 ta' Mejju, 2011, Michael Woods li kien qed imexxi lil Floriana għeleb lil Jesmond Zerafa li kien fir-responsabbiltà ta' Valletta, bl-iskor ta' 1-0.

L-eroj ta' Hibernians kien l-attakkant Brażiljan, Edison Luis Dos Santos meta skorja doppjetta (52, 66) biex fit-tieni taqsima l-Pawlisti rebħu l-inizjattiva għal kollox.

L-affarijiet għall-Qriema komplew jeħżienu meta, fit-73 minuta, tkeċċa Matthew Gauci għal żewġ karti sofor.

Meta kollox kien qed jindika li l-partita kienet se tispiċċa f'rebħa ta' 2-0, kien Moises Avila Perez (91) li naqqas il-marġni tal-iskor għal Qormi, fil-ħin miżjud, iżda minuta wara, Jackson Lima Sequeira rreċiproka biex issiġilla r-rebħa għal Hibernians.

### Semi-Final (1)

**17.05.2013 - 19.30 hrs**

**Qormi** 1
Edison Bilbao Zarate 67
**Lija Athletic** 0

HT 0-0 **National Stadium**

**Qormi** – Matthew Farrugia, Kris Thackray, Roderick Sammut, Alfred Effiong (Matthew Bartolo 93), Joseph Chetcuti (Duncan Pisani 86), Moises Avila Perez, Luke Sciberras, Matthew Gauci, Edison Bilbao Zarate, Jonathan Bondin, Leighton Grech
*Coach* – Jesmond Zerafa
**Lija A.** – Luke Bonnici, Clayton Giordmaina, Timothy Fleri Soler (Amadeo Mercieca 75), Matthew Fleri Soler, Daniel Scerri, Erjon Beu, Leontiev Konda, Evano Briffa (Ricardo Severino Goncalves 55), Andre Scicluna, Beppen Antignolo (Antoine Sacco 84), Abdullahi Adeshina Ige
*Coach* – Brian Spiteri
**Referee** – Malcolm Spiteri
**Assistenti** – Duncan Spiteri, Sammy Attard
**Assistenti Ref. Addizjonali** – Marco Borg, Trustin Farrugia Cann
**Raba' Uff.** – Edwardi Spiteri
**Ammoniti** – E. Briffa (LA); J. Bondin, M. Gauci, K. Thackray, M. Avila Perez
**Tkeċċew** – C. Giordmaina 79, M. Fleri Soler 91 (LA)

### Semi-Final (2)

**18.05.2013 - 18.00 hrs**

**Valletta** 2
D. Toure 45 pen, R. Briffa 92
**Hibernians** 3
C. Failla 39 , 45, E. Dos Santos 66

HT 1-2 **Hibernians Stadium**

**Valletta** – Manuel Bartolo, Jonathan Caruana, Ian Azzopardi, Ryan Fenech, Michael Mifsud (Abubakar Bello-Osagie 75), Roderick Briffa, William Barbosa (Yenz Cini 42), Demba Toure, Denni, Jason Vandelannoite, Luke Dimech
*Coach* – Mark Miller
**Hibernians** – Mario Muscat, Ryan Camilleri, Jonathan Pearson, Rodolfo Soares, Andrew Cohen, Bjorn Kristensen, Marcelo Dias, Clayton Failla, Zoran Levnaic (Jackson Lima 58), Edison Dos Santos (Obinna Obiefule 79), Jean Paul Farrugia (Daniel Balzan 45)
*Coach* – Michael Woods
**Referee** – Clayton Pisani
**Assistenti** – William Debattista, Paul Apap
**Assistenti Ref. Addizjonali** – Chris Lautier, Mario Apap
**Raba' Uff.** – Ingmar Spiteri
**Ammoniti** – I. Azzopardi, W. Barbosa, L. Dimech (V); J. Pearson (H)
**Tkeċċew** – J. Vandelannoite 38, M. Bartolo 41 (V); M. Muscat 45 (H)

### Final

**22.05.2013 - 19.30 hrs**

**Hibernians** 3
E. L. Dos Santos 52, 66, J. Lima Sequiera 92
**Qormi** 1
M. Avila Perez 91

HT 0-0 **National Stadium**

**Hibernians** – Daniel Balzan, Ryan Camilleri, Jonathan Pearson (Adrian Pulis 63), Rodolfo Soares, Marcelo Dias (Jackson Lima Siquiera 58), Andrew Cohen, Clayton Failla, Bjorn Kristensen, Zoran Levniac, Jean Paul Farrugia, Edison Luis Dos Santos (Obinna Obiefule 89)
*Coach* – Michael Woods
**Qormi** – Matthew Farrugia, Kris Thackray, Rode-rick Sammut, Alfred Effiong (Joseph Chetcuti 15), Luke Sciberras, Matthew Gauci, Edison Bilboa Zarate, Duncan Pisani, Jonathan Bondin, Leighton Grech (Matthew Bartolo 79)
*Coach* – Jesmond Zerafa
**Referee** – Adrian Azzopardi
**Assistenti** – Edward Spiteri, Roberto Vella
**Assistenti Ref. Addizjonali** – Esther Azzopardi, Andrè Arciola
**Raba' Uff.** – Thomas Debono
**Ammoniti** – E. Luis Dos Santos, R. Camilleri (H), M. Avila Perez, K. Thackray, M. Gauci (Q)
**Tkeċċa** – M. Gauci 73 (Q)




# Birkirkara champions għar-raba' darba

## - Hamrun Spartans u Melita relegati




Il-Karkariżi jiċċelebraw wara l-preżentazzjoni li saret mill-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo

Il-coach Paul Zammit merfugħ fuq l-idejn



**Birkirkara huma ċ-champions il-ġodda wara li fil-partita deċiżiva għelbu lil Hibernians bl-iskor ta' 3-1 biex irnexxielhom jirbħu l-Kampjonat Malti għar-raba' darba fl-istorja tal-club.**

Kien suċċess meritat minħabba li Birkirkara kienu l-aktar konsistenti kif ukoll kisbu l-akbar ammont ta' punti, fil-ground, matul il-kors tal-istaġun b'total ta' 66. Jekk forsi wieħed iħares lejn Hibernians dawn irreġistraw 67 punt, li iżda, kisbu tliet punti fuq il-mejda meta rebħu protest kontra Floriana wara li dawn għelbuhom bl-iskor ta' 1-0, fit-tieni round.

Fit-tliet rounds, Birkirkara kisbu medja ta' 22 punt minn medja ta' 10.67 partiti biex irreġistraw kważi 70% tal-punti għad-dispożizzjoni.

Fiċ-Championship Pool bdew b'telfa ta' 1-0 kontra Sliema Wanderers, li iżda, qatt ma ħarsu lura biex eventwlament, mid-disa' partiti li kien fadal, kisbu seba' rebħiet u żewġ draws.

Hibernians baqgħu jżommu l-pass magħhom hekk kif fiċ-Championship Pool, irreġistraw seba' rebħiet, draw waħda u sofrew żewġ telfiet.

L-aħħar partita ta' bejn Birkirkara u Hibernians, dik ta' nhar l-14 ta' April, 2013, li spiċċat fi draw ta' 1-1, kienet ikkattaratterizzata minn bosta kontroversji biex iż-żewġ timijiet baqgħu fit-taqtiegħa għar-rebħ tat-titlu.

Fiż-żewġ partiti sussegwenti, iż-żewġ timijiet issuperaw l-ostakli, Valletta-Tarxien Rainbows u Mosta- Valletta, rispettivament, biex kien jinħtieġ li ssir iċ-Championship Decider.

Kienet ħasra li minn dan il-konfront kien se jkun hemm it-tellief hekk kif iż-żewġ settijiet ta' partitarji telgħu bi ħġarhom lejn l-Istadium Nazzjonali li ħolqu atmosfera mpekkabbli għall-ikbar attendenza tal-istaġun.

Kienu Hibernians li fetħu l-iskor minn penalty ta' Clayton Failla iżda fit-tieni taqsima Birkirkara dawru r-riżultat meta skorjaw tliet darbiet mingħajr risposta minn Edward Herrera, Nikola Vukanac u Zach Muscat biex ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 3-1 ... bil-konsegwenza li ssiġillaw ir-rebħ tar-raba' titlu.

Valletta kienu d-diżappunt ta' dan l-istaġun meta wieħed iqis li kienu l-aktar club attiv fis-suq tat-trasferimenti kif ukoll kienu armati bl-aqwa elementi possibbli, li iżda, kellhom jikkuntentaw bit-tielet post.

Sliema Wanderers, kien it-team enigma li rebaħ bosta konfronti mal-kbar iżda tilef il-punti f'dawk il-konfronti li kienu mistennija li jirbħu.

Tarxien u Mosta laħqu l-obbjettiv tagħhom li jikkwalifikaw għaċ-Championship Pool, iżda dawn tal-aħħar iddiżappuntaw bil-kbir f'din il-kategorija meta, minn possibbiltà ta' 30 punt, kisbu biss wieħed ... fid-draw ta' 0-0 kontra Birkirkara.

Fir-Relegation Pool, Floriana u Qormi aċċertaw mis-salvazzjoni hekk kif beda t-tieni round filwaqt li Balzan iddiżappuntaw meta bħal donnhom ikkrollaw fl-aktar mumenti kruċjali. Iżda l-punti li kisbu matul l-Ewwel Fażi għenuhom biex staġun ieħor jilagħbu fl-ogħla diviżjoni.

Kontra kull mistenni, Rabat Ajax irnexxielhom jittrasformaw lilhom infushom biex salvaw posthom wara li fi tmiem l-Ewwel Fażi kienu ankrati f'qiegħ il-klassifika mingħajr l-ebda "ħajja".

Iż-żewġ timijiet li tilfu posthom kienu Hamrun Spartans u Melita li kien komposti minn għadd ta' players żgħażagħ u li, bla dubju, kisbu l-esperjenza meħtieġa tal-ogħla diviżjoni.

Minn dawn il-kolonni nawgurawlhom ritorn ta' malajr fl-ogħla diviżjoni.

L-aħjar skorer kien l-attakkant Spanjol ta' Rabat Ajax, Josè Luis Armario Negrin, bi 22 goal, li ħamsa minnhom skorjahom ma' Melita fl-ewwel parti tal-istaġun.

Barra minn hekk, ġie rreġistrat rekod ta' 612-il goal li ssupera dak tal-istaġun li għadda li kien ta' 595 goal. Il-goals għal dan l-istagun ġew skorjati hekk - 248 mill-players Maltin, 353 mill-players barranin u 11-il auto-goal. Il-goals kienu maqsuma f'dawn l-istadiums - Stadium Nazzjonali 269; Hibernians Stadium 153; Victor Tedesco Stadium 185, Centenary Stadium 5.

# Ir-rebbieħa kollha

| | | |
|---|---|---|
| 1 | 1909-10 | Floriana |
| 2 | 1911-12 | Floriana |
| 3 | 1912-13 | Floriana |
| 4 | 1913-14 | Hamrun S. |
| 5 | 1914-15 | Valletta |
| 6 | 1916-17 | St George's |
| 7 | 1917-18 | Hamrun S. |
| 8 | 1918-19 | KOMR |
| 9 | 1919-20 | Sliema W. |
| 10 | 1920-21 | Floriana |
| 11 | 1921-22 | Floriana |
| 12 | 1922-23 | Sliema W. |
| 13 | 1923-24 | Sliema W. |
| 14 | 1924-25 | Floriana |
| 15 | 1925-26 | Sliema W. |
| 16 | 1926-27 | Floriana |
| 17 | 1927-28 | Floriana |
| 18 | 1928-29 | Floriana |
| 19 | 1929-30 | Sliema W. |
| 20 | 1930-31 | Floriana |
| 21 | 1931-32 | Valletta |
| 22 | 1932-33 | Sliema W. |
| 23 | 1933-34 | Sliema W. |
| 24 | 1934-35 | Floriana |
| 25 | 1935-36 | Sliema W. |
| 26 | 1936-37 | Floriana |
| 27 | 1937-38 | Sliema W. |
| 28 | 1938-39 | Sliema W. |
| 29 | 1939-40 | Sliema W. |
| 30 | 1944-45 | Valletta |
| 31 | 1945-46 | Valletta |
| 32 | 1946-47 | Hamrun S. |
| 33 | 1947-48 | Valletta |
| 34 | 1948-49 | Sliema W. |
| 35 | 1949-50 | Floriana |
| 36 | 1950-51 | Floriana |
| 37 | 1951-52 | Floriana |
| 38 | 1952-53 | Floriana |
| 39 | 1953-54 | Sliema W. |
| 40 | 1954-55 | Floriana |
| 41 | 1955-56 | Sliema W. |
| 42 | 1956-57 | Sliema W. |
| 43 | 1957-58 | Floriana |
| 44 | 1958-59 | Valletta |
| 45 | 1959-60 | Valletta |
| 46 | 1960-61 | Hibernians |
| 47 | 1961-62 | Floriana |
| 48 | 1962-63 | Valletta |
| 49 | 1963-64 | Sliema W. |
| 50 | 1964-65 | Sliema W. |
| 51 | 1965-66 | Sliema W. |
| 52 | 1966-67 | Hibernians |
| 53 | 1967-68 | Floriana |
| 54 | 1968-69 | Hibernians |
| 55 | 1969-70 | Floriana |
| 56 | 1970-71 | Sliema W. |
| 57 | 1971-72 | Sliema W. |
| 58 | 1972-73 | Floriana |
| 59 | 1973-74 | Valletta |
| 60 | 1974-75 | Floriana |
| 61 | 1975-76 | Sliema W. |
| 62 | 1976-77 | Floriana |
| 63 | 1977-78 | Valletta |
| 64 | 1978-79 | Hibernians |
| 65 | 1979-80 | Valletta |
| 66 | 1980-81 | Hibernians |
| 67 | 1981-82 | Hibernians |
| 68 | 1982-83 | Hamrun S. |
| 69 | 1983-84 | Valletta |
| 70 | 1984-85 | Rabat A. |
| 71 | 1985-86 | Rabat A. |
| 72 | 1986-87 | Hamrun S. |
| 73 | 1987-88 | Hamrun S. |
| 74 | 1988-89 | Sliema W. |
| 75 | 1989-90 | Valletta |
| 76 | 1990-91 | Hamrun S. |
| 77 | 1991-92 | Valletta |
| 78 | 1992-93 | Floriana |
| 79 | 1993-94 | Hibernians |
| 80 | 1994-95 | Hibernians |
| 81 | 1995-96 | Sliema W. |
| 82 | 1996-97 | Valletta |
| 83 | 1997-98 | Valletta |
| 84 | 1998-99 | Valletta |
| 85 | 1999-00 | Birkirkara |
| 86 | 2000-01 | Valletta |
| 87 | 2001-02 | Hibernians |
| 88 | 2002-03 | Sliema W. |
| 89 | 2003-04 | Sliema W. |
| 90 | 2004-05 | Sliema W. |
| 91 | 2005-06 | Birkirkara |
| 92 | 2006-07 | Marsaxlokk |
| 93 | 2007-08 | Valletta |
| 94 | 2008-09 | Hibernians |
| 95 | 2009-10 | Birkirkara |
| 96 | 2010-11 | Valletta |
| 97 | 2011-12 | Valletta |
| 98 | 2012-13 | Birkirkara |



L-iskwadra ta' Birkirkara flimkien mal-istaff tekniku u diriġenti

Players ta' Birkirkara quddiem il-partitarji Karkariżi








**Championship Decider**

**11.05.2013 - 18.00 hrs**

**Birkirkara** 3
E. Herrera 56, N. Vukanac 67, Z. Muscat 74

**Hibernians** 1
C. Failla 33 pen

HT 0-1 **National Stadium**

**Birkirkara** – Justin Haber, Zach Muscat, Nikola Vukanac, Alejandro Mendoza Corujo, Rodrigo Pereira, Paul Fenech, Gareth Sciberras, Rowen Muscat (Ryan Scicluna 84), Edward Herrera, Jean Pierre Mifsud Triganza (Ryan Camilleri 78), Jhonnattann Benites de Conceicao (Haruna Shola Shodiya 34)
*Coach* – Paul Zammit

**Hibernians** – Mario Muscat, Ryan Camilleri, Jonathan Pearson, Rodolfo Soares (Obinna Obiefule 74), Marcelo Dias (Allan Kardeck dos Santos 85), Andrew Cohen, Bjorn Kristensen, Jackson Lima Siqueira, Clayton Failla, Edison Luis Dos Santos, Jean Paul Farrugia (Adrian Pulis 74)
*Coach* – Michael Woods

**Referee** – Alan Mario Sant
**Assistenti** – Alan Camilleri, Mitchell Scerri
**Raba' Uff.** – Kevin Azzopardi
**Ammoniti** – J. Haber, E. Herrera (B); E. L. Dos Santos, B. Kristensen (H)








Parti mill-iskwadra ta' Birkirkara flimkien ma' bosta partitarji


**FXDD**

FXDD is a leading online foreign exchange dealer whose clients can participate in the electronic global foreign exchange market. FXDD provides access to the foreign exchange market and offers customer support 24 hours a day, five days a week, in twelve languages to individual and institutional traders, hedge funds, commercial entities, brokerage firms, and money managers.

By trading through FXDD Malta, clients can trade with a competitive leverage allotment of 200:1, hedge their positions, and know that their funds are maintained in off-balance sheet segregated accounts. These clients trade off streaming currency quotes using the company's free and easy-to-use software. The trading software is available on PC, Mac, and on all popular mobile devices, including iOS and Android. To further aid traders, FXDD provides innovative in-depth education including interactive webinars, video courses, and reading materials.

FXDD is a highly successful global financial services organization and is committed to sharing its success by sponsoring sporting teams and events that deliver excitement to people throughout the world.

## L-iskorers kollha

22 – Jose Luis Armano Negrin (Rabat A. + 5 għal Melita).

20 – Daniel Mariano Bueno (Tarxien R.).

18 – Michael Mifsud (Valletta).

14 – Elton Alexandre da Silva (Balzan), Jhonnattan (Birkirkara).

13 – Ryan Darmanin (Balzan + 8 għal Floriana); Igor Coronado (Floriana); Clayton Failla (Hibernians).

12 – Danial Mitev (Mosta).

11 – Obinna Obiefule (Mosta); Ivan Woods (Sliema W.).

10 – Jean Pierre Mifsud Triganza (Birkirkara); Jackson Lima Sequeira (Hiberrians); Alfred Effiong (Qormi); Denni Rocha dos Santos, Abubaker Bello-Osagie (Valletta + 8 għal Qormi).

9 – Haruna Shoda Shodiya (Birkirkara); Andrew Cohen (Hibernians); Moises Avila Perez (Qormi); Andre Remuldo de Souza Esposito (Tarxien R.).

8 – Pedro dos Santos Calcado (Balzan); Massimo Grima (Hamrun S.); Julian Galea (Melita); Danilo Meira Santos (Tarxien R.); William Barbosa (Valletta).

7 – Jean Paul Farrugia (Hibernians).

6 – Nikola Vukanac (Birkirkara); Terence Vella (Hamrun S.); Edison Luis dos Santos (Hibernians); Edison Bilbao Zarate (Qormi); Malcolm Licari (Rabat A. + 2 għal Balzan); Matias Muchardi, Stanley Ohawuchi (Sliema W.); Demba Toure (Valletta).

5 – Elie Moises Akui N'Dekre (Balzan); Luke Micallef (Melita); Daniel Bogdanovic (Mosta); Joseph Chetcuti (Qormi); Evaldo Silva dos Santos (Tarxien R.); Ryan Fenech, Gabriel da Silva (Valletta).

4 – Firas Aboulezz (Balzan + 2 għal Mosta), Rowen Muscat, Joselito dos Reis (Birkirkara); Steve Pisani (Floriana + 1 għal Hibernians); Aman Verma, Akanni-Sunday Wasiu (Floriana); Kris Thackray, Vincenzo Pisani (Qormi); Manuel Moral Fuster (Rabat A.); Miguel Ciantar, Alain Faccini (Sliema W.); Leonardo da Silva Almeida (Tarxien R. + 2 għal Valletta).

3 – Christian Caruana, Renato Garcia Conceicao (Balzan); Ryan Camenzuli, Paul Fenech, Edward Herrera (Birkirkara); Trevor Cilia (Floriana); Gianluca Calabretta, David Camilleri, Giacomo Favero, Roderick Fenech, Lumbila Loic (Hamrun S.); Marcelo Dias, Adrian Pulis, Andersen Mendes Ribeiro, Rodolfo Soares (Hibernians); Ferdinando Apap (Mosta); Leighton Grech, Sebastian Aurelio Siritto, Gaetan Spiteri (Qormi); Justin Felice (Rabat A.); Luigi Ruggiero, Ian Zammit (+ 2 għal Valletta (Sliema W.); Mark Tanti (Tarxien R.); Jonathan Caruana (Valletta).

2 – Gareth Sciberras (Birkirkara); Luca Casha, Gary Roberts (Floriana); Emiliano Lattes, Ryan Spiteri (Hamrun S.); Johann Bezzina (Hibernians); Daniel Cabanillis Ayllon, Manuel Ramon Sierra Camacho, Ivan Tufegdzic (Melita); Carlos Campagnoli, Ousseno Zongo (Mosta); Nerjus Astrouskas, David Azzopardi, Diego Carillo Pendas (Rabat A.); Shaun Bajada, Alex Muscat (Sliema W.); Orosco Anonam (Tarxien R.); Roderick Briffa, Luke Dimech (Valletta).

1 – Aaron Agius, Jessous Camilleri, Martin Deanov, Rennie Forace, Matthew Mendy, Jamie Pace (Balzan); Zach Muscat, Rodrigo Pereira, Joseph Zerafa (Birkirkara); Valdo Alhinho, Clyde Borg, Joseph Borg, Aaron Brown, Owen Bugeja, Francis Jeffers, Udo Nwoko, Mark Spiteri, Karl Tremarco (Floriana); Adrian Borg, Nikolay Bozhov, Terence Scerri, Angel Yoshev, Daniel Zerafa (Hamrun S.); Ryan Camilleri, Allan Kardek, Bjorn Kristensen, Zoran Levnajc, John Nwoba, Jonathan Pearson (Hibernians); Antoine Attard, Jean Pierre Attard, Alan Borg Olivier, Luke Sammut, Michael Valenzia, Jovan Vukanic (Melita); Jonathan Bajada, Steve Bezzina, Steve Chiemeko Onyii, Manolito Micallef, Bruno Chikwado Mbonu, David Maia dos Santos, Fabio Vignaroli (Mosta); Jonathan Bondin, Christian Cassar, Luke Sciberras (Qormi); Wayne Borg, Ivan Carapic, Yan Cauchi, Adam Smeir (Rabat A.); Paltemio Barbetti, Clifford Gatt Baldacchino, Omar El Ghaouti, Ariel Laudisi, Luca Martinelli, Josef Mifsud, Beppe Muscat, Branislav Timotic (Sliema W.); Roderick Bajada, Steve Bonnici, Carlo Mamo, Carl Pulo, Marco Tulio Lopez Silva (Tarxien R.); Steve Borg, Dyson Falzon, Ricardo Filho, Joseph Jojo Ogonnuppe, Jason Vanderlannoitte (Valletta).

Awto-gowls (11) – Bjorn Bondin, Stefan Giglio, Jamie Pace (Balzan); Bledjon Guga (Hamrun S.); Ivan Tufegdzic (2), George Gribbon (Melita); Ferdinand Apap (Mosta); Abubaker Bello-Osagie (Qormi); John Mintoff (Sliema W.); Jason Vanderlanoitte (Valletta).



**KLASSIFIKA FINALI**

**Championship Pool**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Birkirkara | 32 | 19 | 9 | 4 | 62 | 22 | 45 |
| Hibernians | 32 | 21 | 4 | 7 | 72 | 34 | 45 |
| Valletta | 32 | 17 | 8 | 7 | 70 | 29 | 36 |
| Sliema W. | 32 | 16 | 6 | 10 | 48 | 32 | 36 |
| Tarxien R. | 32 | 14 | 6 | 12 | 53 | 51 | 29 |
| Mosta | 32 | 11 | 2 | 19 | 45 | 72 | 18 |

**Relegation Pool**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Floriana | 32 | 14 | 10 | 8 | 48 | 38 | 38 |
| Qormi | 32 | 15 | 4 | 13 | 61 | 50 | 34 |
| Balzan | 32 | 9 | 9 | 14 | 48 | 61 | 23 |
| Rabat A. | 32 | 6 | 9 | 17 | 37 | 60 | 22 |
| Hamrun S. | 32 | 6 | 5 | 21 | 39 | 88 | 14 |
| Melita | 32 | 4 | 8 | 20 | 31 | 78 | 13 |

**Fit-tieni round, Hibernians ingħataw rebħa ta' 3-0 fuq Floriana wara protest*

** Tnaqqis ta' punti fit-Tieni Fażi - Floriana (-2); Hamrun S. (-1)*


WE ARE PROUD TO SUPPORT
YOUR LOCAL HEROES
FXDD
PLATINUM SPONSORS
FOR THE MALTESE NATIONAL FOOTBALL TEAMS
FXDD.COM
TEL: 20133103


Iċ-ċelebrazzjonijiet Karkariżi fl-aqwa tagħhom


Gareth Sciberras u Edward Herrera jiċċelebraw bit-Tazza


Il-coach Paul Zammit bit-Tazza tar-rebħ tal-Kampjonat


Jean Pierre Mifsud Triganza flimkien mal-membru tal-kumitat Manuel Bezzina


Iż-żewġ goalkeepers Akpan Ini Etim u Justin Haber flimkien mal-coach tal-goalkeepers Simon Grech

## Relegation Pool

**Logħba Nru 181 - 26.04.2013 - 18.00 hrs**

**Qormi** 5
M. Avila Perez 8 pen, 92 pen, E. Bilbao Zarate 13, K. Thackray 52, B. Bondin 78 og

**Balzan** 2
A. Agius 43, R. Darmanin 85

**HT 2-1 Hibernians Stadium**

**Qormi** – Matthew Farrugia, Kris Thackray, Matthew Bartolo (Ismael Borg 82), Alfred Effiong (Luke Sciberras 73), Moises Avila Perez, Edison Bilbao Zarate, Duncan Pisani, Jonathan Bondin, Alessio Cassar, Christian Cassar, Dylan Pirotta (Leighton Grech 68)
*Coach* – Jesmond Zerafa
**Balzan** – Frederick Tabone, Aaron Agius, Elie Moises Akui N'Dekre (Andrew Cassar 75), Bjorn Bondin (Shaun Bugeja 86), Kevin Camilleri, Christian Caruana, Ryan Darmanin, Renie Forace, Stefan Giglio, Jacob Borg, Matthew Mendy
*Coach* – Riccardo Tumiatti
**Referee** – Chris Lautier
**Assistenti** – Edward Spiteri, Thomas Debono
**Raba' Uff.** – Trustin Farrugia Cann
**Ammoniti** – C. Caruana (B); L. Sciberras (Q)

## Relegation Pool

**Logħba Nru 182 - 26.04.2013 - 20.00 hrs**

**Melita** 1
J. Galea 48

**Rabat Ajax** 4
J. L. Armaro Negrin 41 pen, D. Carrillo Pendas 68, 86, M. Licari 89

**HT 0-1 Hibernians Stadium**

**Melita** – Philip Schranz, Luke Bianco, Ivan Tufegdzic, George Gribbon, Julian Galea, Daniel Cabanillas Ayllon, Luke Micallef (Luke Sammut 69), Rudi Alhinho (Andrew Caruana Scicluna 78), Alan Borg Olivier (Antoine Attard 46), Karl Vella Petroni, Manuel Sierra Camacho
*Coach* – Patxi Salinas
**Rabat A.** – Sean Mintoff, Ivan Carapic, Joseph Caruana, Jose Luis Armario Negrin (Malcolm Licari 80), Manuel Moral Fuster, Dylan Falzon, Patrick Borg (Clive Brincat 73), Diego Carrillo Pendas, Yan Cauchi, David Azzopardi (Gaetano Gesuladi 82), Clifford Gauci
*Coach* – Silvio Vella
**Referee** – Adrian Azzopardi
**Assistenti** – Alan Camilleri, Albert Borg Cardona
**Raba' Uff.** – Andre Arciola
**Ammoniti** – I. Tufedgzic, L. Bonnici, J. Galea, L. Bianco, G. Gribbon (M); C. Gauci, C.

## Championship Pool

**Logħba Nru 183 - 17.04.2013 - 15.00 hrs**

**Tarxien Rainbows** 3
A. Esposito 1, D. Bueno 70, 76

**Sliema Wanderers** 4
S. Ohawuchi 2, 23, 59, 83

**HT 1-2 National Stadium**

**Tarxien R.** – Nicky Vella, Orosco Anonam, Justin Grioli, Daniel Mariano Bueno, Steven Sadowski, Mark Tanti, Manuel Caruana, Andre Reinaldo de Souza Esposito, Andrew Agius, Branislav Timotic (Ryan Sammut 73), Gianluca Calabretta (Leandro Da Silva Almeida 46)
*Coach* – Clive Mizzi
**Sliema W.** – Glenn Zammit, Clifford Gatt Baldacchino, Josef Mifsud, Mark Scerri (Ryan Dalli 80), Paltemio Barbetti, John Mintoff (Andrew Decesare 75), Shaun Bajada (Beppe Muscat 72), Stanley Ohawuchi, Matias Muchardi, Stefano Bianciardi, Luca Martinelli
*Coach* – Alfonso Greco
**Referee** – Esther Azzopardi
**Assistenti** – Sammy Attard, Emanuel Grech
**Raba' Uff.** – Clayton Pisani
**Ammoniti** – G. Calabretta, O. Anonam, A. Agius (TR)

## Championship Pool

**Logħba Nru 184 - 27.04.2013 - 17.00 hrs**

**Birkirkara** 1
J. P. Mifsud Triganza 36

**Valletta** 0

**HT 1-0 National Stadium**

**Birkirkara** – Justin Haber, Rodrigo Pereira, Nikola Vukanac, Alejandro Mendoza, Joseph Zerafa (Ryan Camenzuli 75), Rowen Muscat, Gareth Sciberras, Paul Fenech, Edward Herrera, Jean Pierre Mifsud Triganza (Ryan Scicluna 67), Haruna Shola Shodiya (Jhonnattann Benitez de Conceicao 67)
*Coach* – Paul Zammit
**Valletta** – Yenz Cini, Jonathan Caruana, Ian Azzopardi, Ryan Fenech, Edmond Agius (Roderick Briffa 49), Michael Mifsud (Demba Toure 80), William Barbosa, Abubakar Bello-Osagie (Daniel Bogdanovic 72), Denni Rocha Dos Santos, Jason Lee Vandelannoite, Luke Dimech
*Coach* – Mark Miller
**Referee** – Mario Apap
**Assistenti** – Mitchell Scerri, Peter Abela
**Raba' Uff.** – Alan Mario Sant
**Ammoniti** – R. Fenech (V); J. Zerafa, G. Sciberras (B)

## Relegation Pool

**Logħba Nru 185 - 28.04.2013 - 15.00 hrs**

**Floriana** 3
I. Coronado 20, L. Casha 54, 67

**Hamrun Spartans** 1
M. Grima 31

**HT 1-1 National Stadium**

**Floriana** – Jonathan Debono, Carl Tremarco, Owen Bugeja, Gary Roberts, Kane Farrugia, Clyde Borg (Thomas Paris 76), Joseph Borg, Sacha Borg, Trevor Cilia (Luke Scorfna 86), Igor Coronado, Udo Nwoko (Luca Casha 46)
*Coach* – Iain Brunskill
**Hamrun S.** – Andrea Cassar, Glenn Azzopardi, David Camilleri, Bledjon Guga, Terence Scerri, Ryan Spiteri (Ayrton Micallef 60), Giacomo Favero (Roderick Fenech 60), Emiliano Lattes, Massimo Grima, Adrian Borg, Luke Grech (Rodney Refalo 72)
*Coach* – Stefan Sultana
**Referee** – Clayton Pisani
**Assistenti** – William Debattista, Paul Apap
**Raba' Uff.** – Mario Apap
**Ammoniti** – U. Nwoko (F), M. Grima (H)
**Tkeċċa** – R. Fenech 80 (HS)

## Championship Pool

**Logħba Nru 186 - 28.04.2013 - 17.00 hrs**

**Hibernians** 6
A. Cohen 14, E. L. Dos Santos 19, 39, C. Failla 52, J. P. Farrugia 80, J. Bezzina 89

**Mosta** 0

**HT 3-0 National Stadium**

**Hibernians** – Mario Muscat, Ryan Camilleri, Jonathan Pearson, Rodolfo Soares, Andrew Cohen (Johann Bezzina 56), Bjorn Kristensen, Jackson Di Lima Sequeira, Clayton Failla (Ayrton Azzopardi 55), Obinna Obiefule (Allan Kardeck Dos Santos 60), Luis Edison Dos Santos, Jean Paul Farrugia
*Coach* – Michael Woods
**Mosta** – Jeffrey Farrugia (Noel Attard 63), Ferdinando Apap, Tyrone Farrugia, Bryan Agius (Kurt Zammit 77), Mano Micallef, Steve Bezzina, Ryan Grech (Bruno Chikwado Mbonu 46), Jonathan Bajada, Kurt Magro, Alex Cini, Fabio Vignaroli
*Coach* – Danilo Doncic
**Referee** – Andrè Arciola
**Assistenti** – Roberto Vella, Luke Portelli
**Raba' Uff.** – Malcolm Spiteri
**Ammoniti** – B. Agius (M)

## Relegation Pool

**Logħba Nru 187 - 02.05.2013 - 18.00 hrs**

**Balzan** 0

**Rabat Ajax** 5
J. Felice 45, J. L. Negrin 62, 65, 82, 87

**HT 0-1 Victor Tedesco Stadium**

**Balzan** – Frederick Tabone (Matthew Camilleri 78), Aaron Agius, Matthew Mendy, Stefan Giglio, Shaun Bugeja (Matthew Mifsud 68), Jacob Borg, Bjorn Bondin, Firas Aboulezz, Christian Caruana (Shaun Spiteri 55), Kevin Camilleri, Ryan Darmanin
*Coach* – Riccardo Tumialti
**Rabat A.** – Sean Mintoff, Ivan Carapic, Joseph Caruana, Justin Felice (Malcolm Licari 72), Josè Luis Armaro Negrin, Dylan Falzon, Patrick Borg, Diego Carrillo Pendas, Yan Cauchi (Shaun Gauci 46), David Azzopardi (Aidan Azzopardi 82), Clifford Gauci
*Coach* – Silvio Vella
**Referee** – Rui Miguel Maciel De Queiros (Andorra)
**Assistenti** – Hugo Pereira, Robert Gonzales (Andorra)
**Raba' Uff.** – Chris Lautier
**Ammoniti** – P. Borg (RA); F. Tabone, M. Mendy, S. Giglio, F. Aboulezz (B)

## Relegation Pool

**Logħba Nru 188 - 03.05.2013 - 18.00 hrs**

**Floriana** 1
C. Tremarco 43

**Qormi** 0

**HT 1-0 Hibernians Stadium**

**Floriana** – Anthony Warner, Clyde Borg, Owen Bugeja, Sacha Borg (Luca Casha 55), Trevor Cilia (Brooke Farrugia 71), Kane Farrugia, Carl Tremarco, Igor Coronado, Gary Roberts, Steve Pisani, Joseph Borg
*Coach* – Iain Brunskill
**Qormi** – Steve Sultana, Jonathan Bondin, Joseph Chetcuti (Matthew Bartolo 74), Roderick Sammut, Kris Thackray, Matthew Gauci, Edison Bilbao Zarate, Moises Avila Perez, Alfred Effiong, Christian Cassar (Triston Caruana 74), Duncan Pisani
*Coach* – Jesmond Zerafa
**Referee** – Ed Janssen (Olanda)
**Assistenti** – Ingmar Spiteri, Roberto Vella
**Raba' Uff.** – Mario Apap
**Ammoniti** – O. Bugeja, J. Borg (F), K. Thackray (Q)

## Championship Pool

**Logħba Nru 189 - 03.05.2013 - 20.00 hrs**

**Siema Wanderers** 4
S. Bajada 64, B. Muscat 68, S. Ohawuchi 90, F. Apap 92 o.g.

**Mosta** 1
S. Bezzina 29

**HT 0-1 Hibernians Stadium**

**Sliema W.** – Glenn Zammit, Alex Muscat, Stanley Ohawuchi, Paltemio Barbetti, John Mintoff, Mark Scerri (Shaun Bajada 26), Clifford Gatt Baldacchino (Dylan Kokavessis 66), Alain Faccini (Luigi Ruggiero 51), Josef Mifsud, Beppe Muscat, Stefano Bianciardi
*Coach* – Alfonso Greco
**Mosta** – Noel Attard, Fernando Apap, Tyrone Farrugia, Bryan Agius (Kurt Zammit 54) (Adrian Farrugia 83), Mano Micallef, Steve Bezzina, Ryan Grech, Jonathan Bajada (Samuel Kehinde 73), Kurt Magro, Alex Cini, Fabio Vignaroli
*Coach* – Danilo Doncic
**Referee** – Clayton Pisani
**Assistenti** – Thomas Debono, Peter Abela
**Raba' Uff.** – Marco Borg
**Ammoniti** – J. Mintoff, S. Bajada (SW); A. Cini, K. Magro (M)

## Relegation Pool

**Logħba Nru 190 - 04.05.2013 - 15.00 hrs**

**Hamrun Spartans** 3
G. Favero 20, 41, M. Grima 81 pen

**Melita** 5
J. P. Attard 56, M. Valenzia 67 pen, M. R. Sierra Camacho 70 pen, J. Galea 87, 91

**HT 2-0 National Stadium**

**Hamrun S.** – Andrea Cassar, Melvin Busuttil (Glenn Azzopardi 63), David Camilleri, Ayrton Micallef (Anthony Curmi 73), Terence Scerri, Giacomo Favero, Emiliano Lattes, Massimo Grima, Adrian Borg, Luke Grech, Cesar Catalan Clemente (Ryan Spiteri 69)
*Coach* – Stefan Sultana
**Melita** – Andrew Abela, Karl Vella Petroni (Luke Sammut 46), Luke Bianco (Alan Borg Olivier 61), Rudi Alhinho, Manuel Ramon Sierra Camacho, Michael Valenzia, Andrew Caruana Scicluna, Matthew Borg, Julian Galea, Daniel Cabanillas Ayllon (Jean Pierre Attard 46), Luke Micallef
*Coach* – Patxi Salinas
**Referee** – Paul McLoughin (Irlanda)
**Assistenti** – Emmet Dynan, Robert Clarke (Irlanda)
**Raba' Uff.** – Trustin Farrugia Cann
**Ammoniti** – G. Favero (HS); D. Cabanillas Ayllon, A. Abela (M)
**Tkeċċa** – A. Cassar 71 (HS)

## Championship Pool

**Logħba Nru 191 - 04.05.2013 - 17.00 hrs**

**Birkirkara** 1
H. Shola Shodiya 79

**Tarxien Rainbows** 0

**HT 0-0 National Stadium**

**Birkirkara** – Justin Haber, Edward Herrera, Nikola Vukanac, Alejandro Mendoza, Joseph Zerafa (Ryan Camenzuli 68), Rodrigo Pereira (Jhonnattann Benites De Conceicao 73), Rowen Muscat, Gareth Sciberras, Paul Fenech, Jean Pierre Mifsud Triganza (Zach Muscat 80), Shodiya Haruna Shola
*Coach* – Paul Zammit
**Tarxien R.** – Nicholas Vella, Carlo Mamo, Manuel Caruana, Andrè Reinaldo De Souza Esposito, Leandro Da Silva Almeida, Ryan Sammut (Steve Sadowski 58), Mark Tanti (Justin Grioli 46), Daniel Mariano Bueno, Branislav Timotic, Orosco Anonam (David Fenech 86), Steve Bonnici
*Coach* – Clive Mizzi
**Referee** – Adrian Azzopardi
**Assistenti** – Alan Camilleri, Sammy Attard
**Raba' Uff.** – Andrè Arciola
**Ammoniti** – J. Zerafa (B), A. Reinaldo De Souza Esposito, S. Sadowski (TR)
**Tkeċċa** – B. Timotic 62 (TR)

## Championship Pool

**Logħba Nru 192 - 05.05.2013 - 17.00 hrs**

**Valletta** 1
L. Dimech 29

**Hibernians** 2
C. Failla 5, J. L. Sequiera 48

**HT 1-1 National Stadium**

**Valletta** – Yenz Cini, Ian Azzopardi (Michael Mifsud 59), Ryan Fenech, Denni Rocha Dos Santos (Abubakar Bello Osagie 75), Roderick Briffa, Jonathan Caruana, Dyson Falzon, Edmond Agius (Joao Gabriel Da Silva 59), Demba Toure, Luke Dimech, Jason Lee Vandelannoite
*Coach* – Mark Miller
**Hibernians** – Mario Muscat, Jean Paul Farrugia, Clayton Failla, Marcelo Dias (Obinna Obiefule 73), Bjorn Kristensen, Jonathan Pearson, Rodolfo Soares, Zoran Levnaic (Jackson Lima Sequeira 46), Andrew Cohen, Luis Edison Dos Santos, Ryan Camilleri
*Coach* – Michael Woods
**Referee** – Kevin Azzopardi
**Assistenti** – William Debtattista, Paul Apap
**Raba' Uff.** – Alan Mario Sant
**Ammoniti** – Denni, R. Briffa, D. Falzon (V); Z. Levnaic (H)



# Naxxar L. jirbħu l-logħba deċiżiva kontra Vittoriosa S.

Naxxar Lions jiċċelebraw

**26.04.13**

**Gudja U. v St. Andrew's...1-1**
*Joseph Farrugia (SA); Alan Abela (GU)*

**Marsaxlokk v Dingli S......4-1**
*Douglas da Silva Silveira 2, Rupert Mangion, Omar Borg (M); Isaac Bawuah (DS)*

**26.04.13**

**Mqabba v Birżebbuġa SP.1-5**
*Thiago Dos Santos Mazitelli 3, Martin Deanov, Michael Camilleri (BSP); David Azzoopardi (M)*

**Zejtun C. v Gzira U............1-2**
*Sunny Ogbemudia, Aaron Xuereb (GU); Adrian Carabott (ZC)*

**Naxxar L. v Lija A..............2-0**
*Anthony Ewurum 2 (NL)*

**Pietà H. v Vittoriosa S.......4-1**
*Gary Muir (VS); Raphael Alain Kooh Solna 2, Larson Mallia, David Senior (PH)*

**26.04.13**

**Championship Decider**
**Vittoriosa S. v Naxxar L. ...1-2**
*Lydon Micallef (VS); Darren Falzon, Anthony Ewurum (NL)*




Il-captain ta' Naxxar Lions, Victor Bellia, ippreżentat bit-Tazza mit-Teżorier tal-MFA, Antoine Portelli

**Klassifika Finali**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Vittoriosa S. | 22 | 13 | 5 | 4 | 41 | 28 | 44 |
| Naxxar L. | 22 | 13 | 5 | 4 | 47 | 22 | 44 |
| Pietà H. | 22 | 13 | 4 | 5 | 46 | 22 | 43 |
| Lija A. | 22 | 13 | 3 | 6 | 42 | 30 | 42 |
| St. Andrew's | 22 | 11 | 5 | 6 | 43 | 32 | 38 |
| Marsaxlokk | 22 | 9 | 5 | 8 | 38 | 44 | 32 |
| Gudja U. | 22 | 8 | 6 | 8 | 35 | 36 | 30 |
| Gzira U. | 22 | 5 | 9 | 8 | 26 | 29 | 24 |
| B'Buġa SP | 22 | 6 | 5 | 11 | 38 | 43 | 23 |
| Zejtun C. | 22 | 5 | 6 | 11 | 21 | 35 | 21 |
| Dingli S. | 22 | 4 | 4 | 14 | 21 | 50 | 16 |
| Mqabba | 22 | 1 | 5 | 16 | 24 | 51 | 8 |



Azzjoni tal-partita bejn Naxxar Lion
u Vittoriosa Star


KEUNE GEL FORTE
KEUNE
GEL
ULTRA FORTE
200 ml 6.8 FL.OZ
• HOLD FACTOR 20+
• MULTI VITAMIN COMPLEX
• UV FILTER
• CRUNCHY OR WET LOOK
For trade enquiries contact: JR Enterprises Ltd. St. Michael Street, Iklin. Tel: 21434636


VIRTUFERRIES
FOOTBALL TRAINING CAMPS/
TOURNAMENTS IN SICILY
JEAN DE LA VALETTE
VIRTU FERRIES
PRICES STARTING FROM: ADULT €324 / CHILDREN €270
Price includes catamaran crossing, transfers, 3 nights accommodation FB, Excursions and training sessions under the watchful eyes of Carmel Buzu Busuttil.
For a detailed program call on 22069022 or visit www.virtuferries.com


Zebbug Rangers jiċċelebraw ir-rebħ tal-Kampjonat

# Zebbug *Rangers*

## jiċċelebraw


Il-coach ta' Zebbug Rangers Jesmond Zammit (fin-nofs) flimkien mal-assistenti Bruce Genovese u Joe Carbonaro

### Klassifika Finali

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Zebbug R. | 26 | 19 | 5 | 2 | 66 | 25 | 62 |
| Msida SJ | 26 | 15 | 7 | 4 | 51 | 29 | 52 |
| Zurrieq | 26 | 14 | 8 | 4 | 43 | 26 | 50 |
| St. George's | 26 | 13 | 10 | 3 | 51 | 25 | 49 |
| San Gwann | 26 | 12 | 8 | 6 | 49 | 34 | 44 |
| Fgura U. | 26 | 12 | 5 | 9 | 49 | 39 | 41 |
| Pembroke | 26 | 10 | 7 | 9 | 42 | 30 | 37 |
| Siggiewi | 26 | 8 | 5 | 13 | 40 | 48 | 29 |
| Mellieħa | 26 | 7 | 7 | 12 | 28 | 44 | 28 |
| Kirkop U. | 26 | 7 | 6 | 13 | 26 | 43 | 27 |
| St. Patrick | 26 | 8 | 2 | 16 | 26 | 43 | 26 |
| Għargħur | 26 | 5 | 7 | 14 | 3 | 49 | 22 |
| Mgarr U. | 26 | 3 | 8 | 15 | 25 | 55 | 17 |
| St. Venera L. | 26 | 4 | 5 | 17 | 34 | 73 | 17 |

**19.04.2013**

**Mgarr U. v Zurrieq............0-2**
*Johann Briffa, Daniel Zammit (Z)*

**20.04.2013**

**St. George's v St. Patrick....3-0**
*Steve Agius, Gary Inguanez, Osi Lucky Agboebina (SG)*

**St. Venera L. v Kirkop U....1-1**
*Albert Busuttil (KU); Jeffrey Zammit (SVL)*

**Għargħur v Msida SJ..........0-3**
*Lesley Cassar, Ronnie Celeste, Mauro Griolo (MSJ)*

**Fgura U. v Zebbug R. ........3-0**
*Philip Chircop, Gilbert Martin, Josef Dalli (FU)*

**Siggiewi v San Gwann ........1-5**
*Matthew Asciak, Shaun Vella 2, Ryan Zammit 2 (SG); Kim Buhagiar (S)*

**Msida SJ v St. Venera L. .....3-1**
*Fernando de Andrade 2, Ronnie Celeste (M); Vesko Petrovic (SVL)*

**26.04.2013**

**Mellieħa v St. Venera L.......1-2**
*Eddie Wileman 2 (SVL); Jonathan Muscat (M)*

**28.04.2013**

**Kirkop U. v Mgarr U..........3-1**
*Michael Abdilla 2, Bryan Falzon (KU), Mark Deguara (MU)*

**Zebbug R. v Pembroke A.. 2-1x**
*Mauricio Rodriguez Brito, Miguel Francica (ZR); Carmelo Farrugia (PA)*

**Zurrieq v Siggiewi..............2-0**
*Karl Magro, Daniel Zammit (Z)*

**St. Patrick v Fgura U. .........2-1**
*Jean Claude Cesare, Alex Ellul (SP); Josef Dalli (FU)*

**San Gwann v Msida SJ .......0-2**
*Ronnie Celeste 2 (MSJ)*

**St. George's v Għargħur .....7-1**
*Mauro Brincat, Osi Lucky Agboebina 4, Gary Inguanez, Quincy Bregman (SG); Ryan Debattista (Għ)*


Senglea Athletic jiċċelebraw ir-rebħ tat-titlu



Il-captain ta' Senglea A., Simon Aquilina, jirċievi t-Tazza mingħand is-Segretarju Parlamentari, Stefan Buontempo

# Senglea *Athletic* Champions

**21.04.2013**

**Kalkara v Swieqi U.....................0-1**
*Fabien Debono (SU)*

**Għaxaq v Santa Lucia..............1-1**
*Franridge Schembri (Għ); Johann Micallef (SL)*

**Attard v Senglea A...................0-5**
*Trevor Thomas 3, Timmy Thomas 2 (SA)*

**Mdina K. v Qrendi...................0-1**
*Claudio Gatt (Q)*

**Marsaskala v Sirens .................2-0**
*Andy Portelli 2 (M)*

**Xgħajra T. v Marsa...................0-2**
*Kevin Scerri, Dylan Agius (M)*

**27.04.2013**

**Swieqi U. v Sirens....................0-3**
*Colin Vella, Adam Debattista, Lee Joe Schembri (S)*

**Santa Lucia v Marsaskala ........0-3**
*Marko Milutinovic 2, Jurgen Gerada (M)*

**Ta' Xbiex v Attard ....................3-2**
*Adrian Dominicus 3 (TX); Daniel Mizzi 2 (A)*

**Marsa v Għaxaq.........................3-0**
*Malcolm Tirchett 2, Yusif Abdullahi (M)*

**Senglea A. v Xgħajra T............1-0**
*Trevor Thomas (SA)*

**28.04.2013**

**Qrendi v Mtarfa.........................3-3**
*Luke Portelli, Francesco Azzopardi, Alan Zahra (M); Chris Farrugia 2, Sandro Sammut (Q)*

**Luqa SA v Mdina K. ................3-5**
*Adrian Gatt 4, Andrea Muscat (MK); Greg Marney 2, Malcolm Coleiro (LSA)*

**05.05.2013**

**Mdina K. v Kalkara ..................3-1**
*Robert Southward, Ayrton Buhagiar, Luke Busuttil (MK); Matthew Cassar (K)*

**Mtarfa v Luqa SA.....................2-0**
*Haruna Doda, Paul Azzopardi (M)*

**Attard v Qrendi .......................5-0**
*Julian Iweuke, Rosen Filipov, Nigel Spiteri, Michael Mangion, Matthew Scerri (A)*

**Għaxaq v Senglea A. ................0-3**
*Timmy Thomas, Trevor Thomas 2 (SA)*

**Marsaskala v Marsa .................0-0**

**Xgħajra T. v Ta' Xbiex ............1-0**
*Darren Galea*

## Klassifika Finali

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Senglea A. | 27 | 21 | 5 | 1 | 87 | 21 | 68 |
| Mdina K. | 27 | 21 | 0 | 6 | 55 | 24 | 63 |
| Marsaskala | 27 | 18 | 6 | 3 | 63 | 16 | 60 |
| Marsa | 27 | 19 | 2 | 6 | 65 | 25 | 59 |
| Xgħajra T. | 27 | 15 | 6 | 6 | 54 | 20 | 51 |
| Sirens | 27 | 14 | 2 | 11 | 42 | 33 | 44 |
| Mtarfa | 27 | 10 | 6 | 11 | 35 | 47 | 36 |
| Attard | 27 | 9 | 6 | 12 | 35 | 48 | 33 |
| St. Lucia | 27 | 8 | 6 | 13 | 40 | 54 | 30 |
| Kalkara | 27 | 8 | 5 | 14 | 29 | 43 | 29 |
| Swieqi U. | 27 | 8 | 4 | 15 | 18 | 46 | 28 |
| Għaxaq | 27 | 6 | 8 | 13 | 24 | 44 | 26 |
| Qrendi | 27 | 4 | 5 | 18 | 29 | 72 | 17 |
| Luqa SA | 27 | 3 | 6 | 18 | 24 | 65 | 15 |
| Ta' Xbiex | 27 | 4 | 1 | 22 | 20 | 67 | 13 |

MINN JOE MICALLEF - SEGRETARJU ĠENERALI YFA

# Tibdil fil-Kampjonati u Festivals tal-Youth FA mill-istaġun 2013/14










Wara li f'dawn l-aħħar snin kellna diversi tibdil fil-formati tal-Kampjonati u l-festivals organizzati mill-Youth FA, issa jmiss li ssir l-aħħar bidla neċessarja biex naċċertaw li jiżdied l-element ta' kompetittività bilanċjata, fil-proċess li nsaħħu l-logħba u jkun hemm aktar kompetizzjoni sana. Dawn ir-riformi ser jidħlu fis-seħħ mill-istaġun 2013/14. Biex waslna għal dan it-tibdil ma kinetx xi ħaġa faċli, iżda saru diversi laqgħat maċ-Ċentru Tekniku, kif ukoll smajna opinjonijiet ta' coaches u amministraturi, dan biex komplejna saħħaħna t-teorija tagħna, kif ukoll aċċertajna li din ir-riforma, tkun ukoll lejn is-suċċess li nixtiequ nkomplu naraw, żvilupp fil-qasam tal-Youth Football f'pajjiżna. Ħarisna fid-dettal fil-klassifiċi finali ta' dawn l-aħħar staġuni, fejn urewna li hemm differenzi bejn il-faxxa ta' timijiet in-naħa ta' fuq u dawk fin-naħa t'isfel, ħadna wkoll konsiderazzjoni ta' kampjonati f'pajjiżi komparati magħna u finalment studjajna dak li huwa l-aħjar għal Malta. Il-verità kollha hi li t-timijiet it-tajbin għandhom jilagħbu ma' xulxin filwaqt li dawk anqas jilagħbu fi grupp għalihom. B'hekk nassiguraw li l-kompetizzjoni tkun aktar bilanċjata fejn it-tajbin iridu jkunu dejjem u kontinwament ippreparati, filwaqt li dawk anqas, ma jiġux skoraġġuti minn riżultati negattivi ta' skors kbar, li pjuttost jagħmlu ħsara lill-players aktar milli ġid. B'dan il kunċett quddiema, inkunu qed inħallu lok miftuħ, biex dawk ta' fuq u dawk fin-naħa t'isfel tal-klassifika, jibqgħu jissiltu sal-aħħar ġranet tal-Kampjonati.

**Minn staġun 2013/14 Kampjonati U/15 – U/17**

**Sezzjoni A:**

- 10 timijiet bl-ewwel fażi fuq round wieħed.
- L-ewwel ħames timijiet li jispiċċaw fil-klassifika wara l-ewwel round, ikomplu l-kumplament tal-Kampjonati, fiż-żona ta' fuq biex minn hemm joħroġ it-timijiet rebbieħ tas-sezzjoni.
- l-aħħar ħames timijiet jilagħbu fiż-żona t'isfel tal-klassifika għar-relegation.
- Il-punti miksuba mit-timijiet fl-ewwel round jinżammu għat-tieni fażi .
- Għall-istaġun 2013/14 minħabba l-impenn tal-UEFA U/17 Championships f'Malta, it-tieni fażi tkun fuq round wieħed, filwaqt li mill-istaġun 2014/15, it-tieni fażi tkun fuq żewġ rounds. L-aħħar żewġ timijiet miż-żona Relegation jiġu relegati f'Sezzjoni B.

**Sezzjoni B:**

- 10 timijiet bl-ewwel fażi fuq round wieħed .
- L-ewwel ħames timijiet li jispiċċaw fil-klassifika wara l-ewwel round, ikomplu l-kumplament tal-Kampjonati fiż-żona ta' fuq biex minn hemm joħroġ it-team rebbieħ tas-Sezzjoni.
- L-aħħar ħames timijiet jilagħbu fiż-żona t'isfel tal-klassifika għar-relegazzjoni.
- Il-punti miksuba mit-timijiet fl-ewwel round jinżammu għat-tieni fażi .
- Għall-istaġun 2013/14, minħabba l-impenn tal-UEFA U/17 Championship f'Malta, it-tieni fażi tkun fuq round wieħed, filwaqt li mill-istagun 2014/15, it-tieni fażi tkun fuq żewġ rounds. L-aħħar żewġ timijiet miż-żona Relegation jiġu relegati f'Sezzjoni C
- F'din is-sezzjoni s-sistema tkun l-istess fil-każ ta' Sezzjoni A, bid-differenza li jiġu promossi żewġ timijiet għal Sezzjoni A u jiġu relegati żewġ timijiet għal Sezzjoni C.

**Sezzjoni C:**

- Tkun maqsuma fuq żewġ sezzjonijiet C1 u C2, bejn it-timijiet parteċipanti. (Previsti bejn 24/26 tim) 12/13-il tim f'kull sezzjoni, u kull tim mistenni jilgħab 11/12-il logħba fl-ewwel fażi. L-ewwel żewġ timijiet minn kull sezzjoni jgħaddu għaż-żona Champions fejn bejniethom jilagħbu round wieħed, bl-ewwel żewġ timijiet jiġu promossi għal Sezzjoni B. Dan il-format ta' din is-sezzjoni jibqa' jgħodd sakemm il-Kunsill tal-Youth FA, joħroġ xi tibdil ieħor.

**Introduzzjoni ta' format ġdid ta' kompetizzjoni K.O. U/15 – U/17**

- Din il-kompetizzjoni tibda mill-bidu tal-kampjonati (Awwissu/Settembru) u tibqa' sejra sal-aħħar tal-istaġun (Mejju/Ġunju) u tieħu post dik eżistenti.
- Fl-ewwel fażi, it-timijiet f'Sezzjoni A ma jidħlux fil-polza komuni iżda l-ewwel fażi tkun miftuħa għat-timijiet ta' Sezzjoni B u C. Il-logħob ikun fuq bażi ta' logħba waħda u mhux home/away.
- Ir-rebbieħa tal-ewwel fażi jidħlu f'polza oħra ma' dawk ta' Sezzjoni A li dawn tal-aħħar ma jistgħux jiltaqgħu f'din it-tieni fażi. Il-kumplament tal-logħob jibqa' fuq logħba waħda f'polza komuni sal-finali.
- B'dan il-format tan-K.O., it-timijiet kollha minn Sezzjoni C 'il fuq qed jingħataw iċ-ċans li jistgħu jibqgħu javvanzaw sal-finali filwaqt li jilagħbu aktar logħob b'seħħ ta' dan il-format ġdid tan-K.O.

**U/13 Inħobb il-Futbol/ Festivals U/13.**

- Jitkompla kif sar f'dan l-aħħar staġun bid-differenza, li dawk it-timijiet li jkollhom team jikkompeti fl-U/13 "Inħobb il-Futbol", ikunu fi grupp għalihom fil-Festivals U/13.

**U/11 Events**

- Dawn l-events jingħata dimensjoni ġdida.
- Festa ta' futbol fejn il-parteċipazzjoni u l-inklużjoni ta' Kunsilli Lokali, ġenituri, sponsors flimkien ma' entitajiet edukattivi ikunu partners fl-Event.
- Tinħareġ sejħa għal dawk li jixtiequ jorganizzaw Event, fuq skala ta' żoni bil-parteċipazzjoni ta' numru ta' timijiet.
- Irid jiġi żgurat li l-faċilitajiet ikunu tajbin biex jilqgħu dawn l-events u skond it-termini mitluba miċ-Ċentru Tekniku f'dak li huma grounds etc.

Kollox ma' kollox, il-Youth FA bħal ma għamlet tul dawn l-aħħar 30 sena, dejjem kienet miftuħa għal kull tibdil. Dan it-tibdil mhux xi ħaġa kosmetika, biex jingħad li sar xi ħaġa, iżda huwa riformi li jagħtu sens akbar lill-Kampjonati tal-Youth FA. Kulħadd għandu jifhem li dan qed isir mhux biex jiġi vvantaġġat xi ħadd, imma biex flimkien man-nurseries, insaħħu l-progress li tant nixtiequ. Dak li forsi kien tajjeb sa ftit staġuni ilu, illum jista' m'għadux jgħodd, u għaldaqstant ir-riformi ma jkunu qed jagħmlu xejn ħażin, għajr li mill-ġdid isaħħu dak li rridu nibdlu għall-futur.

Bla dubju ta' xejn, fil-gimgħat li ġejjin il-Youth FA, flimkien mal-MFA, iridu jkomplu jaħdmu biex iwettqu riformi oħrajn li żgur jibbenefikaw minnhom mhux biss il-players, coaches u l-amministratturi, iżda l-football Malti in ġenerali.

# Jiltaqa' l-bord il-ġdid tad-diretturi tal-KMS

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt



*L-ewwel laqgħa tal-Bord il-ġdid tad-Diretturi*



*Is-Segretarju Parlamentari, Stefan Buontempo, jindirizza lill-Bord il-ġdid tad-Diretturi*

Il-Bord il-ġdid tad-Diretturi tal-Kunsill Malti għall-iSport (il-KMS) iltaqa' għall-ewwel darba fl-uffiċċju ċentrali tal-Kunsill, fil-Kottonera, fil-preżenza tas-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport, Stefan Buontempo.

Dr Buontempo awgura li l-bord jaħdem bla heda biex jitwettqu l-proposti tal-Gvern fil-qasam sportiv, bil-għan li l-isport iservi ta' katalist għal soċjetà iktar inklużiva. Qal li huwa l-ħsieb tal-Gvern li l-faċilitajiet sportivi kollha fil-pajjiż, inklużi dawk fl-iskejjel, jinfetħu għall-komunitajiet.

Iċ-chairman il-ġdid tal-KMS, Jonathan Barbara, appella lill-membri tal-bord biex jaħdmu flimkien sabiex tkompli tissaħħaħ il-kultura sportiva f'Malta.

Huwa qal li l-KMS irid jaħdem ma' kulmin għandu rieda tajba, u se jkun impenjat biex jaħdem id f'id anki ma' assoċjazzjonijiet sportivi li fil-passat kien hemm xi diżgwid magħhom.

Il-bord tal-KMS huwa kompost minn Dunstan Attard, Alfred Cachia, Christopher Cocker, Nicholai Gauci u Keith Bartolo, flimkien ma' Mark Cutajar f'isem il-Kumitat Olimpiku Malti u Joe Caruana Curran f'isem il-qasam tal-isport mhux Olimpiku.



*Mix-xellug - Henry Brincat, Sandro Micallef, Dr Stefan Buontempo, Charles Camenzuli, Nigel Mifsud u Clinton Buhagiar*

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

# L-Għaqda Ġurnalisti Sports tiltaqa' mas-Segretarju Parlamentari għall-Isport

Il-Kumitat Eżekuttiv tal-Għaqda Ġurnalisti Sports, il-bieraħ, iltaqa' mas-Segretarju Parlamentari għall-Innovazzjoni, Riċerka u Sport, Dr Stefan Bountempo, għall-ewwel darba sa minn mindu Dr Bountempo ingħata din il-kariga f'din il-leġiżlatura.

Id-delegazzjoni tal-Għaqda Ġurnalisti Sports, immexxija mill-President Charles Camenzuli, ħadet l-opportunità li tispjega l funzjoni tagħha fi ħdan il ġurnalisti u reporters lokali li jsegwu l-isport dometiku.

Fost it-temi li ġew diskussi kien hemm ir-relazzjoni futura u għajnuna mis-Segretarjat lejn l-GħĠS, il-futur tal-iSportivi Nazzjonali, is-sehem tal-GħĠS fi ħdan strutturi tal-Kunsill Malti għall-iSport kif ukoll inizjattivi favur l-introduzzjoni ta' iktar korsijiet fl-istituzzjonijiet edukattivi bħal MCAST u l-Università mmirati speċifikament lejn il-ġurnaliżmu sportiv.

Min-naħa tiegħu, Dr Stefan Bountempo faħħar id-diversi inizjattivi tal-Għaqda Ġurnalisti Sports fosthom l-introduzzjoni ta' diversi seminars organizzati għall-membri tal-GħĠS.

Huwa faħħar ukoll is-sehem tal-ġurnalisti u tar-reporters tal-isport favur it-tkabbir u aktar suċċess għall-isport Malti.

Huwa sostna wkoll li l-kritika kostruttiva tal-ġurnalisti hija vitali biex min jieħu d-deċiżjonijiet f'dan il-qasam jinduna meta forsi jkun qed jonqos jew ma jkunx qed jagħmel biżżejjed u għalhekk stieden lill-ġurnalisti biex jiskrutinjaw kontinwament ħidmet il-Gvern f'dan il-qasam.



*Is-Segretarju Parlamentari, Stefan Buontempo, waqt il-laqgħa mal-Għaqda Ġurnalisti Sports*

Dr Bountempo kellu wkoll kliem ta' tifħir għall-amministrazzjoni preżenti tal-GħĠS li għandha taħlita ta' rappreżentanza ta' esperjenza imħallta ma' element żagħżugħ fit-tmexxija tagħha.

Finalment, Dr Bountempo, irringrazzja lill-Għaqda Ġurnalisti Sports talli matul dawn l-aħħar snin dejjem onorat lil pajjizna permezz ta' parteċipazzjoni proattiva f'diversi laqgħat barra minn Malta, b'referenza diretta għall-Kungressi Internazzjonali ta' kull sena organizzati mill-AIPS: *L'Association International de la Press Sportive.*



*Is-Segretarju Parlamentari, Stefan Buontempo, jara b'għajnejh l-istat ta' telqa fil-Pixxina Nazzjonali*

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

# Jibda l-proċess biex tiġi rriġenerata l-pixxina nazzjonali

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport, Stefan Buontempo, qal li fi żmien qasir se jiġi kkummissjonat rapport tekniku dwar il-qagħda tal-Pixxina Nazzjonali, f'Tal-Qroqq.

Huwa ħabbar dan waqt żjara li għamel fil-faċilità biex jara b'għajnejh x'hemm bżonn li jsir biex titwettaq il-wegħda elettorali tal-Gvern li dan il-Kumpless jiġi rriġenerat. Malli dan ir-rapport jitlesta, jibda minnufih l-ippjanar tax-xogħol li jista' isir.

Dr Buontempo qal li daqskemm huwa ta' sodisfazzjon kbir li tara daqstant nies li jgawdu mill-faċilitajiet offruti f'Tal-Qroqq, daqstant ieħor huwa ta' tħassib il-fatt li matul is-snin il-post tħalla fi stat dilapidat.

Waqt iż-żjara tiegħu, huwa ra b'għajnejh doċċi abbandunati għax jekk jintużaw l-ilma minnhom jispiċċa fl-impjant tat-tisħin tal-pixxina; l-art ta' madwar il-pixxina li faċli tagħtik gambetta, b'madum nieqes u b'irqajja' mdaqqsin mimlijin bis-siment; tagħmir li ma jiffunzjonax, imkisser jew fi stat ħażin ħafna; nuqqas ta' manutenzjoni u stat ta' telqa f'ċerti partijiet; barrieri perikolużi għat-tfal u nuqqas ta' aċċess faċli għall-persuni bi problemi ta' mobbiltà f'partijiet bħall-klinika.



Dan kollu jfisser periklu u inkonvenjenza kbira kemm għal min juża l-faċilitajiet tal-pixxina kif ukoll għall-ispettaturi tal-logħbiet tal-waterpolo.

Dr Buontempo qal li jrid jaħdem id f'id mal-Kunsill Malti għall-Isport u mat-tmexxija u l-istaff tal-pixxina biex, mill-aktar fis possibbli, dawk kollha li jagħmlu użu mill-post jibdew jingħataw servizz f'ambjent li verament jixraq lil pajjiż Ewropew. Il-pixxina tiswa lill-Gvern madwar €1.7 miljun fis-sena.

Is-Segretarju Parlamentari ġie mdawwar mal-faċilitajiet mill-Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Malti għall-Isport, Colin Calleja, mill-Manager tal-Faċilità, Charles Muscat, u mill-Uffiċjal għas-Saħħa u s-Sikurezza tal-KMS, Elke Sghendo.

Is-Segretarju Parlamentari kellu wkoll l-okkażjoni li jiltaqa' mal-ħaddiema tal-Pixxina Nazzjonali.

# Impenn biex l-Iskola Nazzjonali tal-Isport tkompli tirnexxi

kunsill malti
għall-isport
www.sportmalta.org.mt



*Ir-ritratti juru lis-Segretarju Parlamentari, Stefan Buontempo, flimkien mal-Kap tal-iskola Nazzjonali tal-Isport, George Micallef, jattendu għal attivitajiet differenti*





Waqt żjara li għamel lill-Iskola Nazzjonali tal-Isport, f'Ħal Kirkop, is-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport, Dr Stefan Buontempo, esprima l-impenn tal-Gvern biex din l-iskola tkompli tirnexxi u tinkoraġġixxi kultura sportiva fil-pajjiż.

L-Onorevoli Buontempo faħħar il-professjonalità u l-attenzjoni individwali li jikkaratterizzaw lil dan l-istabbiliment edukattiv.

Dr. Buontempo tkellem ukoll mal-istudenti dwar id-dixxiplina sportiva tagħhom u dwar is-suġġetti akkademiċi li qed jistudjaw.

F'din l-iskola jattendu 38 student li jkollhom il-lezzjonijiet obbligatorji tal-kurrikulu bħall-bqija, iżda mas-suġġetti akkademiċi jkollhom ukoll ħin dedikat speċifikament għall-isport.

Il-ħinijiet tal-lezzjonijiet huma flessibbli biżżejjed biex jakkomodaw l-impenji ta' kompetizzjonijiet internazzjonali u tat taħriġ sportiv, li wkoll isir waqt il-ħin tal-iskola.

Għas-sena skolastika li jmiss, l-iskola irċeviet 155 applikazzjoni u bħalissa qed issir valutazzjoni tal-istudenti dwar l-abbiltajiet sportivi tagħhom. Fil-bidu ta' Lulju, huwa ppjanat li jsiru l-intervisti biex jintgħażlu l-istudenti li se jiġu ammessi.

L-Iskola Nazzjonali tal-Isport hija mmexxija mis-Sur George Micallef.

# Organizzat festival taż-żfin għall-iskejjel primarji u sekondarji

kunsill malti
ghall-isport
www.sportmalta.org.mt




Is-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport Stefan Buontempo, matul dan ix-xahar attenda għall-festival taż-żfin għall-iskejjel primarji u sekondarji li sar fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera.

Dan il-festival, ġie organizzat mill-iSports Promotion Unit fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Isport, mis-Sra Natasha Galea, Kap tad-Dipartiment tal-PE Catholic Education Secretariat, u mis-Sra Annie Cassar, President tal-Malta Dance Sport Association.

Għal dan il-festival, li sar fuq jumejn, attendew mas-700 tifel u tifla u kien jinkludi workshops u esebizzjoni ta' żfin differenti.

F'indirizz li għamel qabel ma qassam iċ-ċertifikati lill-istudenti li pparteċipaw, is-Segretarju Parlamentari Buontempo faħħar lill-għalliema li ħadu din l-inizjattiva u ħeġġeġ lill-istudenti biex jieħdu sehem f'dan il-festival.

Is-Segretarju Parlamentari ħeġġeġ lill-istudenti biex jipparteċipaw f'dawn l-attivitajiet għax l-eżercizzju fiżiku jgħin lill-bniedem ikun aktar b'saħħtu kemm fiżikament kif ukoll mentalment.

Dr Buontempo kompla jgħid li permezz tal-isport it-tfal jibnu karattru sod, ikunu aktar soċjevoli, u jkunu aktar esposti għal dak li jkun qed jiġri madwarhom.



*Is-Segretarju Parlamentari, Stefan Buontempo, jindirizza lill-istudenti li attendew għall-Festival taż-żfin. Fir-ritratti l-oħrajn jidhru studenti waqt iż-żifna tagħhom*














*Ir-ritratti juru l-Segretarju Parlamentari, Stefan Buontempo, waqt l-inawgurazzjoni tal-Kampjonat tal-Boċċi ta' din is-sena*





# Il-Gvern se jgħin biex titwaqqaf nursery tal-Boċċi

Is-Segretarju Parlamentari Dr Stefan Buontempo, ħabbar li fi ftit żmien ieħor il-Kunsill Malti għall-Isport għandu l-ħsieb li jagħti bidu għal nursery għat-tfal li jkunu interessati jitgħallmu din il-logħba tradizzjonali tal-boċċi.

F'indirizz qasir li għamel lid-dilettanti ta' din il-logħba, għall-ftuħ tal-Kampjonat Premier 2013 li sar fil-Klabb tal-Boċċi, l-Imsida, Dr Buontempo qal li din il-logħba hija parti mit-tradizzjoni ta' Malta u għalhekk huwa mportanti li din tiġġedded biex b'hekk ma tintilifx.

Din il-logħba tifforma parti minn kullana ta' attrazzjonijiet kulturali li pajjiżna jista' juża biex itejjeb u jsaħħaħ it-turiżmu kulturali lejn pajjiżna.

Il-President tal-Federazzjoni Klabb tal-Boċċi, is-Sur Giovanni Fabri, qal li huwa unur li għal dan il-ftuħ tal-Kampjonat attenda s-Segretarju Parlamentari u jemmen li dan il-Gvern ser jgħin biex din il-logħba ma tintilifx.




*Is-Segretarju Parlamentari, Stefan Buontempo, fid-diskors tiegħu waqt il-35 edizzjoni tal-Weightlifting għall-Pajjiżi ż-Żgħar Ewropej*

# Sforzi biex jitjiebu l-iskemi li bihom jiġi attirat turiżmu sportiv

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

Il-gvern jinsab kommess li jgħin lill-għaqdiet involuti fl-isport minuri għax dawn ukoll qed jikkontribwixxu lejn it-tkabbir ekonomiku speċjalment meta jiġu organizzati kompetizzjonijiet internazzjonali bħal dawn.

Dan qalu s-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport, Stefan Buontempo, meta matul dan ix-xahar żar il-kompetizzjoni internazzjonali tal-Weightlifting li saret fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera.

Waqt li kien qed jinawgura l-ftuħ ta' din il-kompetizzjoni, is-Segretarju Parlamentari qal, li l-Gvern irid itejjeb l-iskemi li diġà jeżistu biex jiġu attirati kompetizzjonijiet lejn Malta biex b'hekk pajjiżna jsaħħaħ it-turiżmu sportiv speċjalment fix-xhur tax-xitwa.

Il-klima xitwija ta' Malta tippermettilna biex f'pajjiżna nkomplu nattiraw aktar timijiet barranin kemm għall-kompetizzjonijiet kif ukoll għat-taħriġ.

F'din il-kompetizzjoni ħadu sehem parteċipanti minn madwar 10 pajjiżi differenti, fosthom l-Ingilterra, l-Isvizzera, Cipru, il-Lussemburgu u San Marino.




*Parteċipant fl-azzjoni waqt l-edizzjoni tal-weightlifting*

# Aktar taħriġ lit-tiraturi żgħar li jippromettu fl-isparar

kunsill malti
għall-isport
www.sportmalta.org.mt

L-isparar hu sport kompetittiv li jinvolvi testijiet ta' proficjenza li jeħtieġu konċentrazzjoni, dixxiplina u koordinament muskolari. Fil-Kumpless Sportiv tal-KMS Skolasport f'Ħal Kirkop, il-coaches tal-isparar iħarrġu parteċipanti żgħar f'eżerċizzji ta' rutina bil-għan li jiżvilippaw kemm il-preċiżjoni, ir-reazzjoni fil-pront, jibnu l-istamina meħtieġa, kif ukoll jaħdmu fuq il-qagħda korretta u l-konċentrazzjoni.

Angelo Mirabella, il-coach tat-tiraturi ma' KMS Skolasport, qal li "Kuntrarju għal dak li hu normalment maħsub, l-isport tat-tiraturi hu fil-fatt sport li jirrekjedi taħriġ fiżiku. Għalkemm tingħata iktar importanza lill konċentrazzjoni, it-taħriġ fiżiku hu dak li jagħmel id-differenza bejn atleta promettenti u ieħor. It-tiraturi jeħtieġu jħarrġu kemm l-imħuħ tagħhom kif ukoll jagħmlu eżerċizzju fiżiku biex iwettqu wirja tajba anki f'kondizzjonijiet stressanti li jikkaratterizzaw il-kompetizzjoni tal-isparar."

Kull nhar ta' Sibt filgħodu f'Ħal Kirkop, grupp ta' parteċipanti żgħażagħ jipprattikaw għadd ta' sports differenti, inkluż l-isparar. Is-sessjonijiet tal-isparar isiru fuq simulatur speċjali mħaddem minn fuq kompjuter, u jirreplika sitwazzjonijiet reali bħalma wieħed isib f'*shooting range*. Matul kull sessjoni, il-parteċipanti jipprattikaw diversi attivitajiet li jinkludu sparar fuq mira fissa u miri li jiċċaqilqu, u l pożizzjonijiet differenti bħal *prone*, *kneeling* u *standing* li normalment huma attribwiti ma' dan l-isport.

Għall-parti l-kbira ta' dawn il-parteċipanti żgħar, din hi l-ewwel esperjenza tagħhom fl-isport tal-isparar.

Il-KMS Skolasport tipprovdi lill-parteċipanti bl-aħjar espożizzjoni u gwida f'għadd ta' dixxiplini sportivi li toffri. Mill-bidu ta' dan il-programm, f'Ottubru 2012, għaxar parteċipanti għażlu li jkomplu t-taħriġ tagħhom f'dan l-isport u rreġistraw fil-KMS Skolasport Shooting Academy. Il-lezzjonijiet isiru kull nhar ta' Erbgħa.

Bħalissa l-parteċipanti tal-KMS Skolasport qed iħejju għall-avveniment tant mistenni tal-aħħar tas-sena. Għal iktar tagħrif dwar l isport tal isparar jew kull dixxiplina sportivi oħra li toffri KMS Skolasport, wieħed jista' jikkuntattja lill-Kunsill Malti għall-iSport fuq tel. 21660658/9, jew bl-email programmes@sportmalta.org.mt jew iżur il-website ta' KMS www.sportmalta.org.mt.





*Ir-ritratti juru parteċipanti żgħar mgħejjuna mill-coach tal-isparar tagħhom, Angelo Mirabella, waqt sessjoni ta' taħriġ fil-Kumpless Sportiv ta' KMS Skolasport f'Ħal Kirkop.*

# Insaħħu t-turiżmu sportiv f'Malta








Dan il-gvern hu kommess li jsaħħaħ it-turiżmu sportiv f'Malta. Dan qalu s-Segretarju Parlamentari Stefan Buontempo meta attenda għall-ftuħ tal-kompetizzjonijiet Ewropej tal-Judo li saru fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera. Dawn il-kompetizzjonijiet ġew organizzati mill-Federazzjoni Maltija tal-Judo

Huwa kompla jgħid li Malta għandha faċilitajiet sportivi ta' livell nazzjonali u l-Gvern irid jgħin l-isport minuri biex atleti f'dixxiplini differenti ta' sport minuri jkunu jistgħu jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet internazzjonali.

F'dawn il-kampjonati ħadu sehem 19-il pajjiż fosthom il-Finlandja, l-Ingilterra, ir-Russja u l-Ġermanja.





***Ir-ritratti juru lis-Segretarju Parlamentari, Stefan Buontempo, mal-parteċipanti rebbieħa u waqt id-diskors tiegħu***

kunsill malti
għall-isport
www.sportmalta.org.mt

Dr Kirill Micallef Stafrace



# The Science in Sports





I have had the opportunity throughout my career to work with an number of top sports scientists and sports physiologists. Initially during my training in London then when I managed the Maltese Olympic Committee's Functional Diagnostic Laboratory and for the past few years when while working with the Emirati Military. In fact these now I work much more in hands on aspect of sports science, and not just what goes on in a lab.

We sometimes visualize sports science and exercise physiology as having our athletes tested and prodded in labs by scientists wearing white coats . Although this is a vital aspect of the preparation of an athlete the reality is that sports science is mainly an in-the-field profession. Coaches regularly utilize sports science in their training, they might call it by other names such as interval training, threshold training, plyometrics or what have you, but these are all fundamentally scientific methods that have been adapted to the sport so as to be more practical.

I will enter into a long winded discussion of whether the coaching methods led to the discovery of scientific methods, or vice versa. What is important is that sports science and coaching work hand in hand and it is to the detriment of all if this is not applied. I remember the hardest part of my job when working in the MOC laboratory was translating the results obtained from the lab into practical information for the coaches. Thankfully in the past decade Maltese coaches have progressed immensely in this respect. Mostly due to their own perseverance and personal sacrifices but also through the help of their parent association, clubs and more recently the KMS and Institute for Physical Education and Sport at the University.

In the beginning of my career as a sports and exercise medicine doctor I used to attempt to learn everything possible related to sports, from nutrition to coaching to psychology. This aided my own personal development but realistically this was forced upon me by the harsh reality that there were few other sports science professionals at that time. Nowadays we are blessed by an ever increasing number of individuals who have taken the path of sports science and ancillary sports professions as a career. Over the next few articles I will be introducing a number of them. Many are former students or work colleagues of mine or athletes and coaches I have crossed paths with repeatedly in our small sporting community. Some take the sports science route, others concentrate more on general or sport specific coaching while others are professionals in their own right but have decided to concentrate on the sports element e.g. in nutrition and psychology. All are fundamental in optimizing the care of an athlete, of whatever level. Maltese sport needs many more of these individuals and I am glad the current sporting authorities in Malta seem set on expanding on the groundwork undertaking by their predecessors. There is so much to be done but for the first time I see light at the end of the tunnel.

Dr. Kirill Micallef-Stafrace is a Sports and Exercise Medicine Consultant and a Senior Lecturer in Sports Science.
*sportmedicinedoc@gmail.com*

JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 35 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt

## Football

# Kerċem jirbħu l-BOV GFA Cup għat-tieni darba



**Kerċem Ajax rebħu l-finali tal-40 edizzjoni tal-BOV GFA Cup meta għelbu liċ-champions Nadur Youngsters, bl-iskor ta' 1-0, b'goal fl-aħħar ħinijiet tal-ħin barrani.**

B'hekk huma akkwistaw dan it-tieni l-ikbar unur għat-tieni darba fl-istorja tagħhom. Minkejja li huma lagħbu għal bosta ħin bi player iktar huma kellhom jitħabtu kontra l-avversarji Nadurin fejn wara li sforzaw il-ħin baranni fl-aħħar ħinijiet, huma kellhom ukoll jistennew sal-aħħar ħinijiet tal-ħin barrani biex akkwistaw dan l-unur u b'hekk ukoll neħħew kull possibbiltà liċ-champions li setgħu reb ħu kollox f'dan l-istaġun. Madankollu Kerċem niżlu motivati li wara l-kampjonat ferm pożittiv li kellhom, huma wkoll kienu determinati li jirbħu xi unur prinċipali. Protagonista għalihom kien l-attakkant Malcolm Vella li skorja l-aħħar żewġ goals tagħhom.

Min-naħa l-oħra, Nadur Youngsters b'diversi players neqsin minħabba injuries u sospensjonijiet, kienu konxji mid-diffikultajiet li kienu se jiffaċjaw. Minkejja dan fejn ukoll wara biss seba' minuti sfaw bil-goalkeeper tagħhom imkeċċi, u anke sabu ruħhom minn taħt, huma wrew is-solitu karattru qalbieni biex irnexxielhom ukoll jidħlu jistrieħu fil-vantaġġ. Imbagħad fit-tieni taqsima huma għarfu jikkontrollaw tajjeb iżda m'għarfux ukoll jieħdu ċ-ċansijiet li ġewhom.

Nadur ħarġu aħjar iżda kienu Kerċem li ħolqu l-ewwel azzjoni denja meta wara seba' minuti logħob minn pass ta' Xuereb, Sakaliev daħal fil-kaxxa fejn spiċċa mal-art f'kuntatt mal-goalkeeper avversarju u kien ordnat penalty favur Kerċem u wara t-tkeċċija tal-goalkeeper Mark Grima, Stoyko Sakaliev għeleb lis-sostitut goalkeeper Victor Agius mill-ħdax il-metru biex poġġa lil Ajax minn fuq. Nadur wettqu reazzjoni fejn kisbu d-draw fid-19-il minuta b'xutt mill-isbaħ minn barra l-kaxxa ta' Brian Meilaq wara azzjoni ferm elaborata.

Huma komplew jinsistu fejn fl-24 minuta minkejja li bi player inqas irnexxielhom idawru r-riżultat meta minn corner insidjuż ta' Stojanovic, Joseph Portelli bir-ras xeħet ġewwa minkejja l-attentat tad-difiża Kerċmija li tikklerja l-ballun.

Imbagħad fil-41 minuta Kerċem kisbu d-draw meta xutt ta' Ian Xuereb ma kienx miżmum minn Agius, bil-ballun jasal għand Jean Paul Mizzi li b'xutt fil-baxx xeħet fir-rokna. Minuta fuq il-ħin, Nadur ġew mogħtija penalty wara foul ta' Joseph Azzopardi fuq Milos Stojanovic biex mill-ħdax-il metru Anthony Portelli daħħal liċ-champions jistrieħu fil-vantaġġ.

Għat-tieni taqsima Kerċem ħarġu jfittxu li jerġgħu jiksbu d-draw iżda mal-ħin kienu l-Youngsters li ħolqu l-aħjar okkażjonijiet li fihom setgħu għalqu l-partita.

Kien imbagħad fit-38 minuta li Kerċem kisbu d-draw permezz ta' xutt mill-viċin tal-iżmarkat Malcolm Vella biex b'hekk ikkastigaw lill-avversarji taċ-ċansijiet mitlufa.

Bil-logħba tidħol fil-ħin barrani, iż-żewġ naħat għamlu li setgħu nbiex jiksbu l-goal tar-rebħa minkejja li l-għejja bdiet tħalli l-effetti tagħha fuq bosta players. Meta kollox kien jindika li l-partita ser tkun deċiża bil-penalties, Kerċem ħasbu mod ieħor għax tliet minuti mit-tmiem huma kisbu l-goal deċiżiv meta minn cross mix-xellug tas-sostitut Andrew Mizzi, Malcolm Vella daħal tajjeb fil-kaxxa biex minn qagħda tajba għeleb lil Agius biex kiseb doppjetta personali. Minuta wara, Nadur ferm viċin id-draw meta wara freekick ta' Stojanovic, daqqa ta' ras ta' Sandro Muller kienet salvata għal corner minn Mercieca mgħejjun mill-mimduda. Fl-aħħar sekondi Sabri Rais tkeċċa għal Kerċem wara li kien muri t-tieni karta safra biex iż-żewġ naħat spiċċaw b'għaxar players kull wieħed.

Fi tmiem il-finali Jack Thewma, Manager għal Għawdex tal-BOV u Alvin Grech President tal-GFA, assistiti minn Joe Bajada u George Cini, Segretarju Ġenerali u Teżorier rispettivament tal-GFA, ippreżentaw it-tazzi u l-midalji lil Jean Paul Mizzi u Sabri Rais, captain u viċi captain ta' Kerċem Ajax fost iċ-ċelebrazzjonijiet tal-partitarji li komplew jifirħu bil-benjamini tagħhom.

MINN JOE BAJADA

# Il-Ġinnastika: Sport ġdid f'Għawdex





**Illum kulħadd jaf kemm huwa ta' ġid għat-tfal l-isport in ġenerali. Nafu li t-tfal għandhom bżonn sagħtejn eżerċizzju fiżiku kuljum. Dan l-eżerċizzju jista' jieħu kull forma ladarba dak li jkunu jagħmlu fuq bażi ta' kuljum. Permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet fiżiċi, it-tfal u ż-żgħażagħ iżommu ruħhom f'saħħithom u jkunu mentalment kapaċi jlaħħqu mal-istudji tagħhom. Barra minn hekk permezz ta' dawn l-eżerċizzji li jagħmlu, isaħħu l-muskoli u l-għadam tagħhom.**

### Dixxiplina sportiva ġdida

Il-ġinnastika hija dixxiplina sportiva ġdida għal Għawdex. Gymnastics Gozo hija organizzazzjoni sportiva żgħira li ilha mwaqqfa ħames snin. L-għan prinċipali tagħha huwa sabiex jintroduċu u jgħallmu lit-tfal Għawdxin il-ġinnastika, skond l-istandards professjonali. Il-coaches tal-club huma Ms Emily, Ms Sarah u Ms Deborah li kollha huma coaches ikkwalifikati mill-British Gymnastics. L-istudenti jingħataw ċertifikati maħruġa mill-British Gymnastics.

Il-ġinnastika ħafna jsiru jafu biha permezz tat-televiżjoni meta jkunu jaraw l-Olimpjadi. Hawn l-idea żbaljata li l-ġinnastika huwa sport perikoluż u mhux addatat għal tfal żgħar. Barra minn hekk ħafna jaħsbu li tkun trid xi saħħa speċjali biex tagħmel il ġinnastika.

Għalhekk l-ewwel sfida li l-club sab ma' wiċċu kienet prinċipalment in-nuqqas ta' interess fil-ġinnastika f'Għawdex u n-nuqqas ta' għarfien dwar ġinnastika b'mod ġenerali fost il-ġenituri u anke fost it-tfal tal-iskola. Għalhekk saru diversi stediniet u laqgħat mal-ġenituri u l-istudenti nfushom fejn kull min jitħajjar jista' jmur mat-tfal tiegħu u jarahom jipprovaw dan l-isport ġdid. Jekk dan jogħġobhom, il-ġenituri jkunu jistgħu jattendu wkoll biex jaraw lit-tfal jipprattikaw. Hija policy tal-club li għalliema jżommu kuntatt kontinwu mal-ġenituri u jżommuhom mgħarrfa dwar l-progress tat-tfal tagħhom matul it-term kollu.

### L-Importanza tal-ġinnastika

Il-ġenituri ta' spiss jistaqsu dwar l-importanza tal-ġinnastika. Huma spiss jgħidu, "Imma t-tifel jew tifla tiegħi mhux se jsir ġinnasta" ... jew xi ħaġa simili. Ħafna drabi le, imma jista' jekk irid ... dawn jistgħu jitgħallmu wkoll biex jagħmlu l-cartwheel jew il-handstand għax, minbarra li dawn huma *skills* sbieħ fihom infushom, il-ġinnastika in ġenerali hija tajba għax tgħin biex it-tfla jiżviluppaw il-muskoli tagħhom. Dan huwa eżempju tipiku ta' diversi dubji li għall-ewwel dawn il-ġenituri jkollhom dwar il-programm tal-ġinnastika. Il-coaches jieħu gost iwieġbu dawn il-mistoqsijiet u jinvolvu ruħhom biex jispjegaw dak kollu li l-ġenituri jkunu jridu jafu.

### Il-Ġinnastika tajba għas-saħħa tat-tfal ....

Tajjeb li wieħed isemmi d-diversi raġunijiet għaliex il-ġinnastika hija tajba għas-saħħa tat-tfal tagħna. L-obeżità fit-tfal u l-adolexxenti hija fuq livell ta' epidemija madwar id-dinja kollha u f'Għawdex 20% tat-tfal u adolexxenti għandhom piż żejjed. Din il-figura hija ogħla mill-medja li nsibu fl-Ewropa. Ir-raġunijiet prinċipali huma li ħafna tfal joqogħdu bogħod mil-logħob quddiem it-televiżjoni jew il-kompjuter u jieklu ħafna ikel mhux addattat.

Ir-riċerka turi li tfal li jagħmlu eżerċizzju regolari u li jnaqqsu l-konsum ta' kaloriji filwaqt li l-ġenituri tagħhom jinvolvu ruħhom fl-attivitajiet fiżiċi ta' uliedhom, ikollhom iktar ċans li jipprevjenu u jnaqqsu l-obeżità u jnaqqsu ċ-ċans ta' mard kroniku tal-qalb u ċ-ċirkulazzjoni fil-futur. Il-ġinnastika hija forsi waħda mill-aktar sport komprensiv li jipprovdi programmi ta' eżerċizzju u stil ta' ħajja addattata għat-tfal, għax il-ġinnastika tinkorpora fiha s-saħħa muskolari, il-flessibbiltà, il-veloċità, il-bilanċ, il-koordinazzjoni, l-enerġija u d-dixxiplina.

### ... u anke dik mentali

Studji juru li t-tfal itejbu l-ħiliet konjittivi b'mod aktar effettiv meta jipprattikaw sport fl-ambjent li jinkludi l-ġisem kif ukoll il-moħħ . Programm ta' ġinnastika minn kmieni fit-tfulija hija direttament attribwita għall-iżvilupp aħjar tan-nervituri tal-istudenti u l-promozzjoni ta' riflessi iktar ħfief u moħħ li jaħdem aħjar. Għalhekk programm ippjanat ta' ġinnastika jkun qed jgħin biex iħejji l-istudenti għall-esperjenzi ta' success fl-iskola u fil-ħajja.

Tfal li ħadu sehem f'attivitajiet ta' edukazzjoni tal-moviment ikollhom firxa ta' attenzjoni itwal, żieda fil-ħiliet ta' komunikazzjoni, u jkunu kapaċi jsolvu problemi ġenerali u jkollhom iktar kunfidenza fihom infushom. Nafu minn studji li hemm relazzjoni pożittiva bejn l-attività fiżika u s-*self-esteem* tat-tfal. L-aktar effetti pożittivi li kienu rraportati kien fl-etajiet tat-tfal ta' bejn 10-16. Riċerkaturi Ewropej sabu li l-kapaċità fiżika fit-tfal hija relatata ma' riskju mnaqqas tal-ażżma li tista' tiżviluppa matul l-adolexxenza.

*Nota*: Kull min huwa interessat fil-ġinnastika jew jixtieq iktar informazzjoni jista' jikkuntattja lil Ms Emily Saliba fuq 99874533 jew 21553730.


Il-preżentazzjoni tar-rebħ tal-Kampjonat tax-xitwa lil Neptunes mill-president tal-ASA, Joe Caruana Curran

# Neptunes champions tax-xitwa

**Fil-Kampjonat tal-waterpolo tax-xitwa, din is-sena ħadu sehem seba' timijiet , flimkien mat-team tal-ASA Youths, li l-logħbiet tagħhom ma kienux jgħoddu għall-fini tar-rebħ tal-Kampjonat u l-klassifika.**

**Intlagħab round wieħed ta' logħob biex eventwalment kollox baqa' inċert sal-aħħar mumenti.**

**Infatti, kellha tkun id-differenza ta' goals li ddeċidiet dan il-Kampjonat meta tliet timijiet spiċċaw indaqs imma l-partiti ta' bejniethom taw ir-raġun lil Neptunes Emirates li spiċċaw +3, u qabżu lil San Giljan Sir Alex bi, +1 u Sliema McDonalds, -1.**

**Neptunes, b'hekk waqqfu erba' snin ta' dominanza Slimiża biex issa tellgħu t-total ta' rebħ ta' dan il-Kamwpjonat għal tmien darbiet.**

**Marsaxlokk ............................ 5**
**ASA U/17 ............................ 16**
(2-3, 0-3, 1-4, 2-6)
M'Xlokk: 2 K. Grech, 1 M. Asciak, 1 K. Mock, 1 A. Galea
ASA U/17: 4 A. Bugeja, 2 M. Grech, 2 B. Plumpton, 2 N. Bugelli, 2 M. Magri, 1 M. Lanzon, 1A. Galea, 1 K. Navarro
Referis: A. DeRaffaele, P. Giordano

**Sliema McDonalds ................ 9**
**San Giljan Sir Alex................. 6**
(1-1, 2-2, 3-2, 3-1)
Sliema: 2 M. Meli, 2 D. Paolella, 1 J. Gabarretta, 1 N. Lubrano, 1 J. Brownrigg, 1 E. Aquilina, 1 M. Spiteri Staines
San Giljan: 3 P. Fava, 2 A. Bianchi, 1 B. Rath
Referis: M. Dalli, S. Licari

**Neptunes Emirates .............. 10**
**Exiles Ferretti ........................ 4**
(1-1, 3-2, 3-1, 3-0)
Neptunes: 4 N. Lanzon, 3 M. Stellini, 1 Z. Mizzi, 1 G. Pace, 1 C. Mercieca
Exiles: 2 P. Borg, 1 J. Rizzo Naudi, 1 M. Paris
Referis: M. Angileri, R. Spiteri

**Sirens Ritter Sport ............... 14**
**Valletta United ...................... 7**
(2-1, 5-2, 4-3, 3-1)
Sirens: 4 A. Attard, 4 D. Cutajar, 2 P. Micallef, 2 C. Zammit, 1 A. Zarb Cousin, 1 A. Camenzuli
Valletta: 4 R. Mock, 2 F. Cutajar, 1 R. Scerri
Referis: A. DeRaffaele, P. Giordano

**Valletta United ...................... 5**
**Sliema McDonalds .............. 18**
(1-1, 1-7, 2-4, 1-6)
Valletta: 3 R. Mock, 1 R. Calleja, 1 R. Scerri
Sliema: 5 J. Brownrigg, 3 J. Soler, 2 M. Meli, 2 E. Aquilina, 2 E. Meli, 1 N. Lubrano, 1 D. Paolella, 1 M. Spiteri Staines, 1 M. Agius
Referis: M. Angileri, S. Licari

**ASA U/17.............................. 1**
**San Giljan Sir Alex............... 17**
(0-5, 0-4, 2-4, 0-4)
ASA: 1 M. Lanzon, 1 M. Grech
San Giljan: 5 JC Cutajar, 4 C. Spiteri DeBarro, 3 A. Bianchi, 2 K. Galea, 1 K. Dowling. 1 Ke. Galea, 1 P. Fava
Referis: P. Balzan, R. Spiteri

**Exiles Ferretti ..................... 21**
**Marsaxlokk........................... 8**
(6-2, 8-2, 5-1, 2-3)
Exiles: 8 J. Spiteri Staines, 3 K. Grixti, 3 S. Vassallo, 2 D. Pace Lupi, 2 D. Borg, 1 N. Portelli, 1 P. Borg, 1 R. Bencini
M'Xlokk: 5 K. Mock, 2 C. Bugeja, 1 G. Zammit
Referis: A. DeRaffaele, S. Licari

**Neptunes Emirates............... 10**
**Sirens Ritter Sports................ 7**
(3-1, 3-1, 1-4, 3-1)
Neptunes: 4 N. Lanzon, 3 T. Agius, 2 J. Camilleri, 1 B. Lanzon
Sirens: 3 D. Zammit, 1 A. Sammut, 1 J. Borg, 1 D. Cutajar, 1 C. Zammit
Referis: M. Angileri, P. Giordano

**Sirens Ritter Sport ................. 9**
**Exiles Ferretti ...................... 10**
(4-2, 2-0, 1-3, 2-5)
Sirens: 3 J, Borg, 3 C. Zammit, 2 D. Zammit, 1 D. Cutajar
Exiles: 4 P. Borg, 4 K. Lanzon, 1 J. Rizzo Naudi, 1 J. Spiteri Staines
Referis: M. Dalli, P. Balzan

**Sliema McDonalds............... 26**
**ASA U/17.............................. 4**
(7-1, 4-1, 8-1, 7-1)
Sliema: 5 M. Meli, 5 J. Brownrigg, 3 N. Lubrano, 3 J. Soler, 3 E. Aquilina, 2 D. Paolella, 2 M. Spiteri Staines, 1 T. Sullivan, 1 C. Cluett
ASA: 1 M. Lanzon, 1 A. Galea, 1 B. Plumpton, 1 M. Zammit
Referis: R. Spiteri, P. Giordano

**San Giljan Sir Alex.............. 19**
**Valletta United ...................... 4**
(4-3, 4-0, 7-1, 4-0)
San Giljan: 7 K. Galea, 3 M. Zammit, 3 P. Fava, 2 JC Cutajar, 2 A. Bianchi, 1 C. Spiteri DeBarro, 1 Ke. Galea
Valletta: 2 R. Mock, 1 1 S. Cachia, 1 R. Scerri
Referis: A. DeRaffaele, P. Balzan

**Marsaxlokk .......................... 2**
**Neptunes Emirates............... 25**
(0-6, 1-6, 1-8, 0-5)
M'xlokk: 1 A. Bajada, 1 C. Bugeja
Neptunes: 5 N. Lanzon, 4 B. Lanzon, 4 Z. Mizzi, 3 M. Stellini, 3 G. Pace, 3 J. Camilleri, 1 K. Debattista, 1 S. Gravina, 1 T. Agius
Referis: M. Angileri, S. Licari

**San Giljan Sir Alex................. 9**
**Neptunes Emirates.................. 5**
(0-1, 2-3, 3-1, 4-0)
San Giljan: 4 M. Zammit, 2 K. Galea, 1 JC Cutajar, 1 K. Dowling, 1 C. Gialanze
Neptunes: 3 N. Lanzon, 2 C. Mercieca

Referis: M. Angileri, P. Balzan

**ASA U/17 .............................. 4**
**Sirens Ritter Sports................ 7**
(0 1, 1 3, 1 0, 2 3)
ASA: 1 A. Galea, 1 B. Plumpton, 1 M. Fenech, 1 N. Bugelli
Sirens: 4 A. Attard, 1 J. Napier, 1 A. Zarb Cousin, 1 D. Zammit
Referis: R. Spiteri, P. Giordano

**Valletta United .................... 11**
**Marsaxlokk............................ 6**
(2-0, 4-0, 4-3, 1-3)
Valletta: 3 R. Scerri, 2 A. Arrigo, 1 S. Meli, 1 R. Calleja, 1 K. Szilagyi, 1 S. Cachia, 1 R. Mock, 1 M. Cordina
M'xlokk: 2 C. Bugeja, 1 A. Bajada, 1 K. Mock, 1 A. Galea, 1 T. Camilleri
Referis: S. Licari, M. Angileri

**Exiles Ferretti......................... 5**
**Sliema McDonalds .............. 20**
(1-4, 1-4, 1-3, 2-9)
Exiles: 2 P. Borg, 1 J. Spiteri Staines, 1 N. Paris, 1 D. Borg
Sliema: 3 J. Gabarretta, 3 M. Meli, 3 J. Soler, 2 C. Cluett, 2 E. Aquilina,

2 E. Meli, 1 N. Lubrano, 1 T. Sullivan, 1 D. Paolella, 1 J. Brownrigg,
1 N. Bugelli
Referis: A. DeRaffaele, R. Spiteri

**Marsaxlokk ........................... 5**
**San Giljan Sir Alex............... 27**
(1-6, 2-9, 0-5, 2-7)
M'xlokk: 2 K. Grech, 2 K. Mock, 1 A. Galea
San Giljan: 7 M. Zammit, 6 K. Galea, 4 B. Plumpton, 2 JC Cutajar, 2 A. Galea,

2 K. Dowling, 2 Ke. Galea, 1 P. Fava. 1 J. Galea
Referis: S. Licari, M. Dalli

**ASA U/17 ............................. 6**
**Exiles Ferretti ...................... 15**
(3-6, 2-3, 1-3, 0-3)
ASA: 3 A. Galea, 2 N. Bugelli, 1 A. Mifsud
Exiles: 4 K. Grixti, 3 J. Rizzo Naudi, 3 P. Borg, 2 J. Spiteri Staines, 1 R. Bencini,
1 N. Portelli, 1 D. Borg
Referis: M. Dalli, R. Spiteri

**Neptunes Emirate................ 12**
**Valletta United ...................... 7**
(5-2, 1-0, 5-1, 1-4)
Neptunes: 4 N. Lanzon, 2 G. pace, 2 T. Agius, 1 M. Stellini, 1 Z. Mizzi, 1 B. Lanzon, 1 C. Mercieca
Valletta: 4 M. Cordina, 1 S. meli, 1 K. Szilagyi, 1 S. Cachia
Referis: P. Giordano, S. Licari

**Sliema McDonalds............... 13**
**Sirens Ritter Sports ............... 6**
(3-1, 4-2, 3-1, 3-2)
Sliema: 3 J. gabarretta, 3 J. Soler, 3 E. Aquilina, 2 J. Brownrigg, 1 D. Paolella, 1 C. Cluett
Sirens: 3 D. Zammit, 1 J. Borg, 1 D. Cutajar, 1 A. Attard
Referis: M. Angileri, P. Balzan

**Sirens Ritter Sports.............. 23**
**Marsaxlokk ........................... 6**
(8-1, 4-2, 3-2, 8-1)
Sirens: 6 D. Zammit, 5 A. Attard, 3 J. Borg, 3 A. Zarb Cousin, 2 P. Micallef,
1 J. Napier, 1 A. Sammut, 1 D. Cutajar, 1 S. Micallef
M'Xlokk: 2 T. Camilleri, 1 K. Grech. 1 K. Mock, 1 A. Galea, 1 C. Bugeja
Referis: M. Angileri, S. Licari

**Valletta United .................... 13**
**ASA U/17.............................. 3**
(2-1, 2-0, 2-1, 7-1)
Valletta: 5 R. Scerri, 3 R. Mock, 2 S. Cachia, 2 C. Zammit, 1 S. Meli
ASA: 1 M. Grech, 1 M. Fenech, 1 N. Bugelli
Referis: M. Angileri, S. Licari

**Sliema McDonalds ................ 5**
**Neptunes Emirates............... 12**
(1-2, 1-3, 1-4, 2-3)
Sliema: M. Spiteri Staines 3, J. Soler 1, C. Cluett 1
Neptunes: S. Camilleri 3, N. Lanzon 2, M. Stellini 2, S. Gravina 2, C. Mercieca 2, J. Camilleri 1
Referis: M. Dalli, P. Balzan

**San Giljan Sir Alex............... 15**
**Exiles Ferretti ........................ 8**
(2-2, 6-1, 2-3, 5-2)
San Giljan. K. Kalea 5, M. Zammit 3, M. Pisani 2, A. Galea 1, K. Dowling 1,
Bianchi 1, C. Spiteri DeBarro 1, P. Fava 1
Exiles: J. Spiteri Staines 3, J. Rizzo Naudi 1, D. Pace Lupi 1, M. Magri 1, P. Borg 1, K. Lanzon 1
Referis: R. Spiteri, A. DeRaffaele

**Exiles Ferretti ........................ 7**
**Valletta United ....................... 4**
(1-0, 2-2, 2-2, 2-0)
Exiles: 4 D. Pace Lupi, 1, J. Spiteri Staines, 1 M. Paris, 1 K. Lanzon
Valletta: 2 K. Szilagyi, 1 R. Scerri, 1 C. Debono
Referis: A. DeRaffaele, P. Balzan

**Neptunes Emirates .............. 13**
**ASA U/17 ............................. 3**
(6-0-, 2-1, 3-0, 3-2)
Neptunes: 3 J. Camilleri, 3 B. Lanzon, 2 S. Gravina, 2 C. Mercieca, 1 N. Lanzon, 1 M. Stellini, 1 Z. Mizzi, 1 K. Debattista, 1 T. Agius
ASA: 1 G. Mizzi, 1 N. Paris, 1 A. Mifsud
Referis: S. Licari, A. DeRaffaele

**Marsaxlokk............................ 1**
**Sliema McDonalds .............. 14**
(0-3, 0-5, 0-1, 1-5)
M'xlokk: K. Mock
Sliema: 5 M. Spiteri Staines, 3 C. Cluett, 2 E. Meli, 2 N. Bugelli, 1 D. Paolella, 1 M. Agius
Referis: P. Giordano, R. Spiteri

**Sirens Riotter Sports.............. 6**
**San Giljan Sir Alex................. 9**
(0-2, 1-2, 1-4, 4-1)
Sirens: 2 D. Zammit, 1 J. Borg, 1 D. Cutajar, 1 A. Attard, 1 A. Zarb Cousin
San Giljan: 3 M. Zammit, 2 K. Galea, 2 C. Spiteri DeBarro, 1 JC Cutajar, 1 K. Dowling
Referis: M. Dalli, P. Balzan

## Klassifika

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Neptunes E. | 6 | 5 | 0 | 1 | 74 | 34 | 15 |
| San Giljan S. A. | 6 | 5 | 0 | 1 | 85 | 37 | 15 |
| Sliema McD. | 6 | 5 | 0 | 1 | 79 | 35 | 15 |
| Exiles Ferretti | 6 | 3 | 0 | 3 | 55 | 66 | 9 |
| Sirens R. Spts. | 6 | 2 | 0 | 4 | 65 | 55 | 6 |
| Valletta Utd. | 6 | 1 | 0 | 5 | 38 | 76 | 3 |
| Marsaxlokk | 6 | 0 | 0 | 6 | 28 | 121 | 0 |

## L-AĦJAR SKORERS

| | |
|---|---|
| Karl Galea, San Giljan Sir Alex | 22 |
| Niki Lanzon, Neptunes Emirates | 22 |
| Matthew Zammi, San Giljan Sir Ale | 20 |
| Dino Zammit, Sirens Ritter Sports | 16 |
| James Spiteri Staines, Exiles Ferretti | 14 |
| Alex Attard, Sirens Ritter Sports | 11 |
| Peter Borg, Exiles Ferretti | 10 |
| Ryan Mock, Valletta United | 10 |
| John Soler, Sliema McDonalds | 10 |
| Michael Spiteri Staines, Sliema McDonalds | 10 |

## REBBIEĦA KAMPJONAT TAX-XITWA

| | |
|---|---|
| 1994 | Neptunes |
| 1995 | San Giljan |
| 1996 | Sliema |
| 1997 | Sirens |
| 1998 | Sliema |
| 1999 | Sliema |
| 2000 | Neptunes |
| 2001 | Sirens |
| 2002 | Neptunes |
| 2003 | Neptunes |
| 2004 | Neptunes |
| 2005 | ma sarx |
| 2006 | Neptunes |
| 2007 | Sirens |
| 2008 | Neptunes |
| 2009 | Sliema |
| 2010 | Sliema |
| 2011 | Sliema |
| 2012 | Sliema |
| 2013 | Neptunes |





*Players, dirigenti u partitarji ta' Floriana jiċċelebraw ir-rebħ tal-ewwel titlu fl-istorja tal-club*

# Floriana champions għall-ewwel darba

## - Depiro jirbħu l-Kampjonat tan-Nisa

L-istaġun tal-basketball ġie fi tmiemu bir-rebħ tal-aħħar żewġ unuri maġġuri, meta saru l-Play-offs deċiżivi.

Fil-Kampjonat Nazzjonali BOV tal-Ewwel Diviżjoni tal-Irġiel, iż-żewġ Play-offs marru sal-aħħar ħames logħba.

Fil-finali ltaqgħu Floriana Francesco Fenech, rebbieħa fuq Siggiewi (fis-semi-finali) filwaqt li AtoZ Electronics Athleta kellhom imorru sal-ħin barrani kontra Pavi Depiro, biex baqgħu jiddefendu t-titlu li rebħu fis-sentejn ta' qabel.

Il-finali marret għall-ħames logħbiet kollha, bi Floriana darbtejn jieħdu vantaġġ u Athleta jikupraw u jippareġġjaw fir-rebħ.

Il-ħames finali pproduċiet rebbieħa ġodda tal-Kampjonat, hekk kif Floriana akkwistaw l-ewwel unur maġġur tagħhom u l-ewwel Kampjonat għalihom mal-kbar, wara taqtiegħa milgħuba quddiem l-akbar folla li attendiet f'dawn l-aħħar numru ta' snin, li mliet il-Padiljun f'Ta Qali.

Fil-kategorija tan-Nisa, Depiro għelbu lil Luxol wara li rebħu tliet Play-offs għat-tnejn li rebħu Luxol.

### Kampjonat l-Ewwel Diviżjoni

**Finali 1**
**Floriana Francesco Fenech....111**
**AtoZ Electronics Athleta....106**
(wara tliet ħinijiet barranin)
(20-22, 20-9, 16-17, 19-27)
– (11-11) – (14-14) – (11-6)
Referis: B. Vassallo, E. Mangani, J. Abeng

**Finali 2**
**AtoZ Electronics Athleta....80**
**Floriana Francesco Fenech....69**
(14-18, 19-14, 16-18, 31-19)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, A. Carbonaro

**Finali 3**
**Floriana Francesco Fenech....84**
**AtoZ Electronics Athleta....69**
(16 21, 19 21, 25 11, 24 16)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, C. Terribile

**Finali 4**
**AtoZ Electronics Athleta....91**
**Floriana Francesco Fenech....82**
(27-25, 16-11, 29-18, 19-28)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, E. Mangani

**Finali 5**
**Floriana Francesco Fenech....74**
**AtoZ Electronics Athleta....71**
(13-18, 16-18, 25-17, 20-18)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, A. Carbonaro

### Kampjonat l-Ewwel Diviżjoni (Nisa)

**Finali 1**
**Luxol....54**
**Pavi Depiro....76**
(6-20, 14-18, 15-18, 19-20)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, C. Terribile

**Finali 2**
**Pavi Depiro....61**
**Luxol....67**
(15-14, 17-22, 17-15, 12-16)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, L. Camilleri

**Finali 3**
**Luxol....62**
**Pavi Depiro....48**
(14-21, 14-13, 16-8, 18-6)
Referis: E. Mangani, C. Terribile, L. Camilleri

**Finali 4**
Pavi Depiro....75
Luxol....56
(25-17, 23-6, 8-7, 19-26)
Referis: B. Vassllo, E. Mangani, C. Terribile

**Finali 5**
Luxol....58
Pavi Depiro ....72
(16-16, 18-12, 6-22, 18-22)
Refereis: B. Vassallo, E. Mangani, A. Carbonaro




ENJOYNEERING

# BRIGHT THINKING.

Driving at night, it's nice to have some assistance for that extra piece of mind. That's why the new Leon is the fi rst family hatchback to feature SEAT Full LED lights, guiding you through the dark as if it were day. It's also why it includes High Beam Assist: automatically adjusting headlight intensity so you give the road your full attention. Plus with EasyConnect, linking the on-board entertainment with your smartphone playlist, you'll be grooving all the way. ENJOYNEERING means the SEAT Leon is now just as bright as it is beautiful. THE NEW SEAT LEON. TECHNOLOGY TO ENJOY.

FOLLOW US ON: SEAT.COM.MT

Continental Cars Ltd, Testaferrata Street, Ta' Xbiex XBX1407 | Sales: 23476 342 / 350 | Mobile: 7900 7147 / 7942 5868 | E-Mail: seat@ccl.mizzi.com.mt
Mizzi Motors Ltd, Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo GSM9016 | Sales: 2155 6942 | Mobile: 9978 2000 | E-Mail: jcassar@mizzimotors.com.mt




KAMPJONAT NAZZJONALI 2013

# Duncan Bezzina champion Malti għat-tieni darba ... u Gary Carr fil-Premier għall-ewwel darba




Alex Borg





Ronnie O'Sullivan bit-Tazza tad-Dinja tas-snooker flimkien mat-tifel tiegħu

## KAMPJONAT TAD-DINJA 2013

# Ronnie O'Sullivan jirbaħ it-titlu għall-ħames darba

**Ronnie O'Sullvan rebaħ it-titlu Mondjali għall-ħames darba fil-karriera tiegħu meta fil-final huwa għeleb lil Barry Hawkins 18-12 biex rebaħ ukoll il-premju ta' £250,000. F'din il-logħba, Sullivan irnexxielu jagħmel sitt 'breaks' fuq il-100, xi ħaġa li l-ebda player ma rnexxielu jirreġistra qabel.**

O'Sullivan sar it-tielet l-aktar player li rebaħ Kampjonati Mondjali, mill-1990, wara Stephen Hendry li rebħu seba' darbiet u Steve Davies li rebaħ il-Kampjonat sitt darbiet.

Tliet players żgħażagħ li diġà kisbu fama mondjali irnexxielhom jiksbu post fil-Fażi Finali għall-ewwel darba. Dawn huma Jack Lisowski, Ben Woollaston u Michael White, b'tal-aħħar jikseb post fil-kwarti-finali fejn tilef 13-6 kontra Barry Hawkins biex rebaħ is-somma ta' £24,000. Il-finalist tellief, Barry Hawkins rebaħ is-somma ta' £125,000.

Wara l-final, O'Sullivan, li issa għandu 37 sena, iddikjara li mhux beħsiebu jkompli jittrenja ħamsa jew sitt sigħat kuljum imma ftit sigħat fil-ġimgħa biss biex ikollu aktar ħin liberu mal-familja tiegħu.

Il-player Malti Tony Drago, li llum għandu 47 sena, irnexxielu jgħaddi l-ewwel żewġ rounds fil-logħob preliminari iżda safa eliminat fit-tielet round. Fl-ewwel round, Drago għeleb lill-player Eġizzjan, Mohamed Khairy, 10-3. Fit-tieni round huwa għeleb lil Andy Hicks 10-7. Hicks kien għamel numru ta' snin mal-aqwa 32 tad-dinja u wasal sas-semi-finali fil-Kampjonat tad-Dinja, fl-1995. Fit-tielet round, il-player Malti tilef kontra l-player Ingliż, David Gilbert, 10-8. Drago rebaħ ukoll is-somma ta' £4,600. Tony Drago għamel numru ta' snin mal-aqwa 16 tad-dinja fejn l-aqwa pożizzjoni tiegħu kienet, fl-1998, meta kien in-numru 10. Illum huwa jinsab fit-82 post wara li sa sena ilu kien jokkupa l-65 post.



Gary Carr

Duncan Bezzina

**Duncan Bezzina rebaħ il-Kampjonat Malti għat-tieni darba meta fil-final għeleb lil Alex Borg 6-2 fil-147 Snooker Hall. Fis-semi-finali, Bezzina għeleb lil Joe Grech 5-4 filwaqt li Borg għeleb lil Mario Muscat 5-2.**

Gary Carr rebaħ l-Ewwel Diviżjoni u tela' fil-Premier League għall-ewwel darba meta fil-final għeleb lil Chris Peplow 5-1, fl-Anglo-Maltese. Fis-semi-finali, Carr rebaħ lil Philip Ciantar 4-0 filwaqt li Peplow, li huwa ċ-champion tal-U/21, għeleb lill-player veteran Pullu Grech 4-1. Peplow ikkwalifika wkoll biex jilgħab fil-Premier League fl-istagun li ġej.

L-ex-player tal-Premier, Salvu Brignone rebaħ it-Tieni Diviżjoni wara nuqqas ta' snin ma jilgħabx meta fil-final huwa għeleb lil Kevin Schembri 4-1. Fis-semi-finali, Brignone rebaħ lil Nicky Spiteri 3-0 filwaqt li Schembri għeleb lil Robert Mangion 3-2. L-erba' players ikkwalifikaw biex mill-istaġun li ġej jilagħbu fl-Ewwel Diviżjoni.

Ir-Raba' Ranking tal-istaġun intrebaħ minn Alex Borg meta fil-final għeleb lil Mario Brincat 5-1. Fis-semi-finali, Borg għeleb lil Simon Zammit 4-2 filwaqt li Brincat għeleb lil Clayton Castaldi 4-1.

## Iċ-champions tad-Dinja mill-1990

| | |
|---|---|
| 1990 - Stephen Hendry v Jimmy White | 18-12 |
| 1991 - John Parrott v Jimmy White | 18-11 |
| 1992 - Stephen Hendry v Jimmy White | 18-14 |
| 1993 - Stephen Hendry v Jimmy White | 18-5 |
| 1994 - Stephen Hendry v Jimmy White | 18-17 |
| 1995 - Stephen Hendry v Nigel Bond | 18-9 |
| 1996 - Stephen Hendry v Peter Ebdon | 18-12 |
| 1997 - Ken Doherty v Stephen Hendry | 18-12 |
| 1998 - John Higgins v Ken Doherty | 18-12 |
| 1999 - Stephen Hendry v Mark Williams | 18-11 |
| 2000 - Mark Williams v Mathew Stevens | 18-16 |
| 2001 - Ronnie O'Sullivan v John Higgins | 18-14 |
| 2002 - Peter Ebdon v Stephen Hendry | 18-17 |
| 2003 - Mark Williams v Ken Doherty | 18-16 |
| 2004 - Ronnie O'Sullivan v Graeme Dott | 18-8 |
| 2005 - Shaun Murphy v Mathew Stevens | 18-16 |
| 2006 - Graeme Dott v Peter Ebdon | 18-14 |
| 2007 - John Higgins Mark Selby | 18-13 |
| 2008 - Ronnie O'Sullivan v Ali Carter | 18-8 |
| 2009 - John Higgins v Shaun Murphy | 18-9 |
| 2010 - Neil Robertson v Graeme Dott | 18-13 |
| 2011 - John Higgins v Judd Trump | 18-15 |
| 2012 - Ronnie O'Sullivan v Ali Carter | 18-11 |
| 2013 - Ronnie O'Sullivan v Barry Hawkins | 18-12 |



*T.X. Zoogood misjuq minn Clint Vassallo*

# Jingħata bidu għall-Kampjonat Franċiż

Matul dan ix-xahar ingħata bidu għall-Kampjonat Franċiż, b'diversi heats, fejn minn dawn ikkwalifikaw numru ta' żwiemel għall-fażi tas-semi finali. Spikkat ukoll it-tiġrija ta' Klassi Premier, fejn f'din ħadu sehem numru sabiħ ta' żwiemel li mhumiex Franċiżi, fejn f'din assistejna għal wirja ferm pożittiva tal-Isvediż T.X. Zoogood, misjuq minn Clint Vassallo, b'dan rebaħ għall-ewwel darba f'pajjiżna.

T.X. Zoogood, li għandu 10 snin, huwa żiemel tat-trott magħruf ħafna fl-Isvezja li għandu rebħ t'a SEK1, 504, 207, miksuba permezz ta' 13-il rebħa u diversi pjazzamenti. Huwa għandu l-aħjar ħin fost id-debuttanti kollha f'Malta din is-sena ta' 1'11'13, irreġistrat f'Tingsryd fuq 1,609 metru, f'Ġunju, 2011. Bejn l-2010 u l-2012, huwa rreġistra l-aħjar ħin u kiseb tliet rebħiet u 24 pjazzament fl-ewwel ħamsa, inklużi xi wħud f'tiġrijiet bi premjijiet għoljin.

## Il-Ġimgħa, 19 ta' April, 2013

**Race 1 – (3140m) – Class Copper Autostart**
1. Royal Pointer (Darren Mizzi) – Ħin: 1'20"3
2. Cocos Kaos (Jean Paul Aquilina)
3. Andri Boko (Tony Demanuele)

**Race 2 – (3140m) – Class Bronze Autostart**
1. Paradise Begonla (Mario Fenech) – Ħin: 1'20"6
2. Obelix Blue (Salvu Vella)
3. Tornado Hornline (Carl Caruana)

**Race 3 – (3140m) – Class Bronze Autostart**
1. Lys de l'Oasis (Julian Farrugia) – Ħin: 1'19"3
2. Quattro de Tratas (Charlo Debono)
3. Noe de Loudat (Kevin Sciberras)

**Race 4 – (3140m) – Class Bronze Autostart**
1. Ocean Brillouard (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'19"2
2. Lonshults Erik (Charles Camilleri)
3. Cross Country (Marc Debono)

**Race 5 – (3140m) – Class Gold Autostart**
1. Skars Hanna (Jeffrey Said) – Ħin: 1'19"2
2. Oscar Indien (Anthony Camilleri)
3. L'Ideal de Fersan (Carl Caruana)

**Race 6 – (3140m) – Class Silver Autostart**
1. Hulot (Jason Vassallo) – Ħin: 1'18"7
2. Prince November (Marvin Cauchi)
3. Mint Sprint (Frank Portelli)

**Race 7 – (3140m) – Class Premier Autostart**
1. Sultan November (Shaun Portelli) – Ħin: 1'17'6
2. Simb Mark (Noel Baldacchino)
3. Mark de Chamant (Michael Seychell)

**Race 8 – (3140m) – Class Gold Autostart**
1. Super Qui (Matthew Sammut) – Ħin: 1'18'8
2. Nophenio de Lune (Charles Farrugia)
3. Jerry Eme (Noel Baldacchino)

## Il-Ħadd, 21 ta' April, 2013

**Race 1 – (3140m) – Class Bronze Autostart**
1. New Look des Mots (Josef Farrugia) – Ħin: 1'20"0
2. Ywema's Pine (Rodney Gatt)
3. Jet Starline (Mario Fenech)

**Race 2 – (3140m) – Class Silver Autostart**
1. Obiscus del Fa (Julian Farrugia) – Ħin: 1'18"5
2. Pile Ou Face (Joe Schembri)
3. Ostheo D'Havetot (Andrew Farrugia)

**Race 3 – (3140m) – Class A Flat Race**
1. Kimberley Downs (Michael Sultana) – Ħin: 2'22"36
2. Ollie Fliptrik (Sarah Borg)
3. Cheeky Jack (Demis Zammit)

**Race 4 – (3140m) – Class Bronze Autostart**
1. Super Spot (Rodney Gatt) – Ħin: 1'20"8
2. Marco Barbes (Kevin Sciberras)
3. Judon de Cap Vert (Charles Camilleri)

**Race 5 – (3140m) – Class Gold Autostart**
1. Nobleness Dubrio (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'18"3
2. Max Galbe (Redent Magro)
3. Troubadour S. (Charles Farrugia)

**Race 6 – (3140m) – Class Silver Autostart**
1. Manuel Jet (Carl Caruana) – Ħin: 1'18"4
2. Nasdaq de Closet (Eugenio Zerafa)
3. Nobel Pasmarick (Noel Baldacchino)

**Race 7 – (3140m) – Class Premier Autostart**
1. Fire (Marco Refalo) – Ħin: 1'16"6
2. Oran (Carmelo Farrugia)
3. Poppes Fighter (Charles Camilleri)

**Race 8 – (3140m) – Class Silver Autostart**
1. Que Je t'Aime Rush (Herman McKay) – Ħin: 1'18"9
2. Quartz de Lupin (Jeffrey Said)
3. Lutan Villetot (Eman Attard)

## Il-Ħadd, 28 ta' April, 2013

**Race 1 – (2140m) – Class Copper Autostart**
1. Claude Carnevale (Raymond Clifton) – Ħin: 1'18"2
2. Minou de Perdriat (Charles Farrugia)
3. Esmeralda Run (Redent Magro)

**Race 2 – (2140m) – Class Bronze Autostart**
1. Pittacos (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'16"2
2. Narcus de Roc (Rodney Gatt)
3. Willesden Hanover (Wayne Farrugia)

**Race 3 – (2140m)**
**– Class Copper Autostart**
1. Andri Boko (Tony Demanuele) – Ħin: 1'17"9
2. Royal Qui (Ivan Bilocca)
3. Jiblio de Terme (Ramon Briffa)

**Race 4 – (2140m)**
**– Class Silver Autostart**
1. Panda des Fleches (Chris Cassar) – Ħin: 1'16"7
2. Bankir Zon (Noel Baldacchino)
3. Zandina Boshoeve (Shaun Formosa)

**Race 5 – (2140m)**
**– Class Gold Autostart**
1. Phenix de la Roque (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'16"7
2. Hulot (Jason Vassallo)
3. Niky de Memartin (Jonathan Zammit)

**Race 6 – (2140m)**
**– Class Silver Autostart**
1. Pirate d'Urzy (Eugenio Bondin) – Ħin: 1'16"4
2. Simb From Abroad (Clive Gerada)
3. Paolin de Bannes (Noel Baldacchino)

**Race 7 – (2140m)**
**– Class Premier Autostart**
1. Argus Hanover (Charles Camilleri) – Ħin: 1'14"6
2. Olry Meslois (Emmanuel Fenech)
3. Celebrity Photo (Marvin Cauchi)

**Race 8 – (2140m)**
**– Class Gold Autostart**
1. Power Night Star (Rodney Gatt) – Ħin: 1'16"6
2. Happiness Photo (Julian Farrugia)
3. Orage de Pont (Charles Camilleri)

**L-Erbgħa, 1 ta' Mejju, 2013**

**Race 1 – (2140m)**
**– Class Bronze Autostart**
1. Ywema's Pine (Rodney Gatt) – Ħin: 1'16"8
2. Loulou de la Rose (Carl Caruana)
3. Louise Wood (Mark Desira)

**Race 2 – (2140m)**
**– Class Bronze Autostart**
1. Above Roland (George Attard) – Ħin: 1'17"0
2. Navaroso de Khepri (Kevin Mifsud)
3. Roger Qui (Marco Refalo)

**Race 3 – (2140m)**
**– Class A Flat Race**
1. Cheeky Jack (Charles Vella) – Ħin: 1'13"77
2. Henderlik (Demis Zammit)
3. Darielle (Ramon Grima)

**Race 4 – (2140m)**
**– Class Bronze Autostart**
1. Quindici (Patrick Spiteri) – Ħin: 1'15"8
2. Marchallach (Rodney Gatt)
3. Lys de l'Oasis (Julian Farrugia)

**Race 5 – (2140m)**
**– Class Gold Autostart**
1. Xray Hornline (Rodney Gatt) – Ħin: 1'16"0
2. Udice Boko (Tony Cauchi)
3. Paleo de la Dives (Sam Cassar)

**Race 6 – (2140m)**
**– Class Silver Autostart**
1. Number One of Max (Tony Demanuele) – Ħin: 1'16"7
2. Quingen de Bussy (Brian Hili)
3. Big Hit (Charlo Debono)

**Race 7 – (2140m)**
**– Class Premier Autostart**
1. Simb Mark (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'15"7
2. Olympien Major (Anthony Spagnol)
3. Of Course Ramble (Eric Bezzina)

**Race 8 – (2140m)**
**– Class Silver Autostart**
1. Queen Streamline (Rodney Gatt) – Ħin: 1'17"3
2. Olifant de Pouy (Tony Tanti)
3. Quid de Belle Vue (Charles Camilleri)

**Il-Ħadd, 5 ta' Mejju, 2013**

**Race 1 – (2140m)**
**– Class Copper Autostart**
1. Lemon Solo (Etienne Farrugia) – Ħin: 1'17"9
2. Zmaj Boko (Rodney Gatt)
3. Hulegardens Fllur (Mario Falzon)

**Race 2 – (2140m)**
**– Class Bronze Autostart**
1. Numpheta de Bisoir (Redent Magro) – Ħin: 1'16"8
2. Sjohultets Tigra (Rodney Gatt)
3. Owens Kin (Noel Baldacchino)

**Race 3 – (2140m)**
**– Class Silver Autostart**
1. Quo Vadis Phedo (Cliferty Calleja) – Ħin: 1'16"4
2. Nasdaq du Closet (Eugenio Zerafa)
3. Cal Win (Shaun Portelli)

**Race 4 – (2140m)**
**– Class Premier Autostart**
1. Ohime Mag (Ronald Cassar) – Ħin: 1'14"6
2. Sultan November (Shaun Portelli)
3. Ofackevo (Julian Farrugia)

**Race 5 – (2140m)**
**– Class Silver Autostart**
1. Cross County FC (Salvu Vella) – Ħin: 1'16"6
2. Newman (Kevin Sciberras)
3. Norfolk de Gouerie (Cliferty Calleja)

**Race 6 – (2140m)**
**– Class Premier Autostart**
1. Mars (Rodney Gatt) – Ħin: 1'14"7
2. Okilalbo (Julian Farrugia)
3. Arnie Sensation (Jean Pierre Farrugia)

**Race 7 – (2140m)**
**– Class Gold Autostart**
1. Blizzard AD (Francis Cassar) – Ħin: 1'16"0
2. Pepone de Castelet (Charles Camilleri)
3. Baron GL (Clint Vassallo)

**Il-Ħadd, 12 ta' Mejju, 2013**

**Race 1 – (2640m)**
**– Class Bronze Autostart**
1. Roger Qui (Marco Refalo) – Ħin: 1'20"0
2. Maiden Flash (Josef Farrugia)
3. Robin Lou (Charles Camilleri)

**Race 2 – (2140m)**
**– Class Bronze Autostart**
1. Marchallah (Rodney Gatt) – Ħin: 1'18"8
2. Navaroso de Khepri (David Ellul)
3. Noli de Marray (Patrick Spiteri)

**Race 3 – (2140m)**
**– Class Bronze Autostart**
1. Mezio Josselyn (Victor Fenech) – Ħin: 1'19"5
2. Lucky d'Hercia (Cliferty Calleja)
3. Napol de Mai (Ronald Cassar)

**Race 4 – (2140m)**
**Class Silver Autostart**
1. Quingen de Bussy (Charles Camilleri) – Ħin: 1'17"4
2. Panda des Fleches (Christopher Cassar)
3. Ogor (Francis Cassar)

**Race 5 – (2140m)**
**– Class Silver Autostart**
1. Quozek Prior (Emmanuel Buhagiar) – Ħin: 1'18"4
2. Quraki de Drochon (France Tanti)
3. Oscar des Racques (Clint Vassallo)

**Race 6 – (2140m)**
**– Class Bronze Autostart**
1. Quindici (Patrick Spiteri) – Ħin: 1'18"7
2. Lys de l'Oasis (Julian Farrugia)
3. Obscur de Busset (Shaun Portelli)

**Race 7 – (2140m)**
**– Class Gold Autostart**
1. Pepone de Castelet (Charles Camilleri) – Ħin: 1'17"1
2. Phenix de la Roque (Noel Baldacchino)
3. Noble d'Ete (Raymond Clifton)

**Race 8 – (2640m)**
**– Class Premier Autostart**
1. TX Zoogood (Clint Vassallo) – Ħin: 1'16"9
2. Sultan November (Shaun Portelli)
3. Poppes Fighter (Noel Baldacchino)

**Race 9 – (2640m)**
**– Class Gold Autostart**
1. Nitesco d'Antomy (David Ellul) – Ħin: 1'17"1
2. Prince Gaillard (Charles Camilleri)
3. Podium (Julian Farrugia)

**Race 10 – (2640m)**
**– Class Silver Autostart**
1. Obiscus Del Fa (Julian Farrugia) – Ħin: 1'16"9
2. Que Je T'Aime Rush (Herman McKay)
3. Partisan de Bouere (Brian Hill)



*Fire misjuq minn Marco Refalo*

## KAMPJONAT 1956-57

# Ħames players imkeċċija bejn Sliema W. u Hibernians

**It Tieni Ġurnata**

**19-10-1957:**
**Sliema Wdrs. FC – Hibernians FC 3-0**
**H.T 1-0**
**Att: 4,550**
**Skurjaw: S. Nicholl (S) 40' u 88' u C. Mattocks (S) 90'.**
**Referee: George Bonello.**

*Sliema Wdrs. FC*: Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Salvinu Schembri, Salvu Bonnici, Alex Gollcher, Maurice Walsh, Louis Borg, Ġulinu Muscat, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

*Hibernians FC*: Edwin Gili, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Fred Barry, Maurice Vella Borg, Louis Theobald, Sunny Anastasi, Leli Sultana, Godwin Camilleri, Fredu Church, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

1. Sliema Wanderers kienu qed jilagħbu mingħajr Robbie Buttigieg minħabba li kien marid bl-influwenza filwaqt li Hibernians kienu mingħajr Charles Schembri li kien qed jiskonta partita sospensjoni.

2. Louis Borg kien qed jiddebutta għal Sliema Wanderers. Huwa kien ġie akkwistat mingħand Gżira United fis-sajf.

3. Fil-65 minuta tal-partita qam l-inkwiet fost il-partitarji ta' Hibernians meta huma pprotestaw bl-aħrax wara li ma ngħatawx penalty għal handsball ta' Salvinu Schembri. F'dak il-ħin huma kienu goal minn taħt. Biex tikkalma l-irjus sħan, il-pulizija użat għall-ewwel darba il-Fire Engine biex ixxarrab il-folla rrabjata iżda b'riżultati diżastrużi. Malli ġiet ippuntata l-manka tal-ilma lejn in-nies din inqasmet u l-ilma ma ħariġx. Ġiet ippuntata manka oħra iżda wara ftit sekondi anke din inqasmet u l-ilma ħareġ ftit u ma wassal għal imkien. Meta, fl-aħħar, l-ilma beda ġej dan spiċċa bi żball fuq in nies li kienu fl-Enclosure u li ma kellhomx x'jaqsmu mal-inkwiet. Il-ġurnal *Leħen is-Sewwa* b'ironija kiteb li r-reklam li hemm fl-Enclosure 'Refreshment of Friendship' dak il-ħin vera kienu floku.

4. Fil-ground l-inkwiet ma kien xejn inqas meta fl-istess ħin tal-protesti fuq il-penalty tkeċċa, Fredu Church li deher ixejjer bis-sieq lil Salvinu Schembri. Church irrifjuta li joħroġ u kien wara erba' minuti li ħareġ mill-ground bil-Pulizija. Ftit wara tkeċċew flimkien Ċikku Xuereb ta' Hibernians u Salvu Bonnici ta' Sliema li ġew fl-idejn u ftit wara kienu l-players Ġużi Ciantar u Leli Sultana, it-tnejn ta' Hibernians li tkeċċew minuta wara xulxin għal fouls koroh. Hibernians spiċċaw il-partita b'seba' players u Sliema Wanderers b'għaxra.

5. Il-Bord tad-Dixxiplina, fit-30 ta' Ottubru, 1957, ħareġ b'dawn id-deċiżjonijiet. Fredu Church ġie sospiż sal-aħħar ta' Diċembru 1957, Leli Sultana ġie sospiż sal-aħħar ta' Novembru 1957, Ċikku Xuereb weħel tliet logħbiet u multa ta' 18-il xelin filwaqt li Salvu Bonnici ta' Sliema Wanderers weħel żewġ logħbiet. Ġużi Ciantar ħeles minn sospensjoni minħabba li r-rapport tar-referee ma kienx ċar fuqu.

**20-10-1957:**
**Ħamrun Sp. FC – Valletta FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Att: 5,519**
**Skorja: F. Borg (Ħ) 85'.**
**Referee: Joe M. Cassar Naudi.**

*Ħamrun Sp. FC*: Johnnie Chetcuti, Freddie Falzon, Leli 'It-Tirjule' Borg, George Jones, Louis Bonello, Effie Borg, Ġużi 'Iz-Zizell' Psaila, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Freddie Borg, Romeo Psaila.

*Valletta FC*: Pawlu Montebello, Joe Attard, Walter Bone, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Joe Cilia, Karm Borg, Silvio Rapinett, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Frankie Zammit, Freddie 'Il-Waniż Borg.

1. Gejtu Psaila 'Il-Ħaċċa' irritorna mal-Ispartans. Huwa ma kienx lagħab fl-istaġun ta' qabel l-ewwel minħabba li kien għamel operazzjoni fl-irkoppa u wara minħabba differenzi mal-club fejn flimkien ma ħuh Romeo xtaqu jsieħbu club ieħor.

2. Ken Everest ta' Valletta reġa' telaq lejn l-Ingilterra wara partita waħda magħhom. Huwa kien diġà lagħab mal-Beltin sentejn qabel.

3. Valletta pprotestaw kontra r-riżultat tal-partita meta sostnew li d-difensur Ħamruniż, Freddie Falzon, suppost li kien sospiż u ma kienx eliġibbli għal din il-partita. Madankollu l-MFA informathom li l-protest tagħhom ma ġiex milqugħ minħabba li l-player kien ilu fuq il-kotba tal-Ispartans mill-11 ta' Ġunju 1957 u għalhekk kien diġà skonta s-sopensjoni. Peress li Valletta appellaw minn din is-sentenza, l-MFA tathom permess iressqu l-Appell tagħhom quddiem l-FA Ingliża. Wara ħafna stennija, il-każ instema fil-Headquarters tal-FA, 22 Lancaster Gate, Londra, fejn f'Bord kompost minn Sir Leslie Bowker u s-Sinjuri J.W. Bowers u S. A Donaldson, kulħadd baqa' b'xiber imnieħer meta minflok is-sentenza ngħatat ċanfira lill-MFA. Dan il-Bord fis-17 ta' Frar, 1958 (ftit granet qabel il-partita mit-Tieni Round bejn l-istess żewġ timijiet), iddeċieda li l-MFA ma mxietx sewwa meta rreferiet il-każ lill-FA Ingliża minħabba li ma kienx kompitu tagħha li tidħol fuq deċiżjoni tal-MFA fuq partita tal-kampjonat tagħha. Il-Bord tal-FA Ingliża ordna li l-MFA tħallas kemm il-flus tal-Appell kif ukoll l-ispejjeż tar-rappreżentant ta' Valletta Robert Borg Olivier, president tal-club. Preżenti f'Londra kien hemm ukoll Eugenio Bonello, Segretarju tal-MFA, u anke l-President tal-Ispartans l-Avukat R. Conti li mar bħala osservatur.

**02-11-1957:**
**Birkirkara FC – St.George's FC 2-0**
**H.T 0-0**
**Att: 2,911**
**Skurjaw: T. Caruana (B) 75' u J. Camilleri (B) 90'.**
**Referee: William (Billy) Mock.**

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Frans Cassar, Johnnie Gatt, George Dalli, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Lolly Borg, Toni Caruana, Stephen Samut Tagliaferro, Johnnie Camilleri, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

*St. George's FC*: A. Busuttil, Karmenu Frendo, Willie Scerri, Peppi Delceppo, F. Sultana, Bertu Schreiner, Pace, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Salvu 'Scotch' Scicluna, Leli Stivala.

1. Fid-disa' minuta, Birkirkara fallew penalty meta Frans Cassar ixxuttja barra. Il-penalty kien ingħata wara li Sultana salva b'idejh daqqa ta' ras ta' Frans Bonnici destinata għal ġox-xibka.

2. Ir-referee Billy Mock reġa' kkontrolla partita tal-kampjonat Malti wara nuqqas ta' iktar minn ħames snin. L-aħħar partita li kkontrolla kienet tas-26 ta' Jannar, 1952, fid-draw ta' 1-1 bejn Hibernians u Sliema Wanderers.

**03-11-1957:**
**Valletta FC – Hibernians FC 2-0**
**H.T 0-0**
**Att: 1,947**
**Skurjaw: S. Rapinett (V) 52' u J. Urpani (V) 77'.**
**Referee: Jos. F. Galea**

Valletta FC: Pawlu Mon-

tebello, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe Attard, Joe Cilia, Karm Borg, Silvio Rapinett, Josie Urpani, Frankie Zammit, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Freddie 'Il-Waniż' Borg.

Hibernians FC: Edwin Gili, Colin Tabone, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Joe 'Puskas' Muscat, Louis Theobald, Sunny Anastasi, Joe Ebejer, Godwin Camilleri, Charlie 'Kinnie' Schembri, Maurice Vella Borg, Joe 'Il-Felli' Ciantar.

1. Joe Ebejer, li fl-istaġun ta' qabel lagħab ma' Ħamrun Spartans, għamel id-debutt tiegħu ma' Hibernians. Fil-fatt l-Ispartans kienu ppruvaw iwaqqfuh milli jsieħeb lil Hibernians meta daħħlu rapport quddiem l-MFA li fih sostnew li l-player kien tħallas xi flus mill-club tal-Ispartans u għalhekk kien tilef l-istatus tiegħu ta' amateur player. L-MFA ma kinetx laqgħet it-talba tal-Ispartans minħabba nuqqas ta' provi.

2. Minbarra Ebejer, Hibernians daħħlu wkoll lil Colin Tabone, Joe Muscat u Charles Schembri wara li kellhom erba' players sospiżi minħabba li tkeċċew fl-inkwiet li nqala' fl-aħħar ħarġa tagħhom kontra Sliema Wanderers.

3. Skond il-ġurnal 'Leħen is-Sewwa' ir-referee ta' din il-partita kien Carmel Galea.

4. Il-partita intlagħbet fl-10.15 a.m minħabba l-festa ta' Kristu Re.

Floriana u Rabat FC lagħbu partita inqas. Valletta u Hibernians FC lagħbu partita iktar.

Klassifika: Ħamrun Sp. FC u Sliema Wdrs. FC 4 pti.; Floriana FC, Valletta FC, Birkirkara FC u Rabat FC 2 pti.; St. George's FC u Hibernians FC 0 pti.

L-Aqwa Skorers: S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 5 goals; T. Cauchi (Floriana FC) 2 goals.

## It-Tielet Ġurnata

**09-11-1957: Floriana FC – Rabat FC 4-2**
**H.T 2-1**
**Att: 2,949**
**Skurjaw: T. Cauchi (F) 36', P. Demanuele (F) 37', P. Said (R) 43', P. Demanuele (F) 51', Peter Micallef (R) 65' u P. Demanuele (F) pen. 80'.**
**Referee: Joseph F. Galea**

*Floriana FC:* Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Lolly Debattista, Pullu Mousu', Eddie Bonnett, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Frankie Bonello, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Rabat FC:* Muscat, John Calleja, Frank Camenzuli, Romeo 'Il-Mosti' Agius, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Charlie Theuma, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Johnnie 'Iz-Zikzokk' Azzopardi, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Peter 'Il-Glorja' Micallef.

1. Frank Camenzuli ta' Rabat u Eddie Bonnett ta' Floriana tkeċċew fil-55 minuta wara li ġew fl-idejn. Huma ġew sospiżi żewġ logħbiet kull wieħed mill-Bord tad-Dixxiplina.

2. Il-goalkeeper Muscat kien qed jagħmel l-unika dehra tiegħu ma' Rabat. Huwa kien ġie akkwistat fit-trasferimenti tas-sajf mingħand Birkirkara.

**10-11-1957:**
**Ħamrun Sp. FC – Sliema Wdrs. FC 2-1**
**H.T 1-1**
**Att: 6,570**
**Skurjaw: S. Schembri (S) 23', G. Psaila (Ħ) 26', o.g N. Calleja (Ħ) 74'.**
**Referee: Albert R. Strong (R.A.F)**

*Ħamrun Sp. FC:* Johnnie Chetcuti, Freddie Falzon, Leli 'It-Tirjule' Borg, George Jones, Louis Bonello, John Cutajar, Twanny Cassar, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Gejtu 'Il-Ħacca' Psaila, Freddie Borg, Franġisku 'Il-Mutu' Formosa.

*Sliema Wdrs. FC:* Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Salvinu Schembri, Ninu Calleja, Alex Gollcher, Frank Pace, Robbie Buttiġieg, Ġulinu Muscat, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

1. Sliema Wanderers kienu qed jilagħbu mingħajr il-player Maurice Walsh li weġġa' ftit ġranet qabel il-partita waqt it-training. Minfloku ddebutta ż-żagħżugħ Frank Pace.

2. Sliema Wdrs daħħlu protest kontra r-riżultat tal-partita minħabba żball tekniku tar-referee. Huma sostnew li kellhom free-kick favur tagħhom li fih il-player Salvinu Schembri darbtejn waqaf fil-ġirja meta kien ser jagħtih minħabba li l-barriera bil-players tal-Ispartans kull darba bdiet tersaq 'il quddiem. Ir-referee Albert Strong minflok ikkoreġa lill-players Ħamruniżi iddeċieda li jagħti l-freekick favur l-Ispartans. Sliema Wanderers sostnew li r-referee Strong kien żbaljat fid-deċiżjoni tiegħu minħabba li f'dak il-ħin il-logħob kien wieqaf u għalhekk ir-referee ma setax jagħti freekick favur Ħamrun. Sliema Wanderers sostnew li r-referee kien qed jikser Rule 13. Il-protest tagħhom ma ġiex milqugħ.

3. Ir-referee Albert Strong kien qed jirritorna minn sospensjoni ta' tliet ġimgħat wara xi żbalji li kien wettaq fl-ewwel partita ta' dan il-kampjonat bejnSliema Wanderers u Valletta FC (4-1).

4. Il-goal tar-rebħa Ħamruniża, skond il-ġurnal il-*Berqa*, ġie skorjat minn Gejtu Psaila li minn azzjoni ta' corner tefa' l-ballun fix-xibka bil-ballun jaħbat ma' difensur Slimiż. Il-ġurnal *Leħen is-Sewwa* jispeċifika li Psaila ndirizza l-ballun għal ġewwa u Calleja fit-tentattiv li jikklerja xeħet birras fix-xibka tiegħu stess.

5. Sliema Wanderers sofrew telfa fil-kampjonat wara sena u tmien xhur. L-aħħar darba li ġew megħluba kien fl-10 ta' Marzu 1956 meta kienu sfaw megħluba minn Floriana 3-2.

**16-11-1957: Birkirkara FC – Rabat FC 2-1**
**H.T 1-0**
**Att: 1,953**
**Skurjaw: G. Dalli pen. (B) 36', Ġ. Pisani (B) 48' u R. Agius (R) 72'.**
**Referee: George Degiorgio**

*Birkirkara FC:* Lolly Rizzo, Frans Cassar, Johnnie Gatt, George Dalli, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Lino Lanzon, Toni Caruana, Stephen Samut Tagliaferro, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Lolly Borg, Frans 'Il-Lula' Bonnici

*Rabat FC:* Edward 'Teddy' Borg, Johnnie Calleja, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Romeo 'Il-Mosti' Agius, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Charlie Theuma, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo, Johnnie 'Iz-Zikzokk' Azzopardi, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Peter 'Il-Glorja' Micallef.

**17-11-1957:**
**Floriana FC – St. George's FC 9-1**
**H.T 3-1**
**Att: 3,419**
**Skurjaw: L. Stivala (St.Geo.) 8', T. Cauchi (F) 22' u 27', B. Dalli (F) 43', F. Bonello (F) 55', T. Cauchi (F) 56', L. Borg (F) 60', P. Demanuele (F) 62' u B. Dalli (F) 75' u 85'.**
**Referee: Salvu Pirotta.**

*Floriana FC:* Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Lolly Debattista, Pullu Mousu', Johnnie Bugeja, Charlie 'In-Nossa' Brincat, Freddie Vella James, Billy Dalli, Frankie Bonello, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*St. George's FC:* A. Busuttil, Bertu Schreiner, Willie Scerri, Peppi Delceppo, Freddie Sultana, Magro, Freddie Delia, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Pace, Salvu 'Scotch' Scicluna, Leli Stivala.

1. Sa dak iż-żmien din kienet l-ikbar rebħa fil-kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni minn wara l-gwerra.

2. L-iskor seta' kien ikbar iżda Tony Cauchi kellu żewġ goals imħassra mil-linesman Cassar Naudi minħabba offsides.

3. Billy Dalli, li skorja tliet goals f' din il-partita, jiġi ħu Tony (ta' Floriana) u George Dalli (ta' Rabat).

*Klassifika*: Floriana FC u Ħamrun Sp. FC 6 pti.; Sliema Wdrs. FC u Birkirkara FC 4 pti.; Rabat FC u Valletta FC 2 pti.; St. George's FC u Hibernians FC 0 pti.

*L-Aqwa Skorers:* T. Cauchi (Floriana FC) 6 goals; S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 5 goals; P. Demanuele (Floriana FC) 4 goals; B. Dalli (Floriana FC) 3 goals u P. Said (Rabat FC) 2 goals.

# It-Tiġrija tal-Vitorja (1990 -1999)

## Il-Ħmistax-il Parti





*Xena komuni ħafna f'kull Regatta - Taqtiegħa ħarxa għar-rebħ tal-palju - Id-dgħajjes ta' bl-Erbgħa ta' Bormla*

Fl-1996, dan il-palju ntrebaħ mid-distrett tal-Marsa bl-ekwipaġġ ifformat minn Ronnie Zammit, Martin Mifsud, George Zammit u Ġelardu Camilleri. Qabel ma bdiet ir-Regatta ħafna dilettanti bdew ibassru li x-Shield ta' din l-edizzjoni kienet se tintrebaħ fl-aħħar tiġrija peress li d-dgħajjes tal-Marsa, l-Isla u Bormla kienu tal-istess livell, iżda dan it-tbassir ma seħħx kif se naqraw f'din is-silta sportiva. '... *l-aħħar tiġrija – dik tad-dgħajjes b'erbat imqadef li skond it-tradizzjoni tkun il-qofol ta' kull edizzjoni tar-Regatta, il-bieraħ kienet biss formalità għaliex wara r-raba' tiġrija tal-Kajjikki, is-Sengleani matematikament kienu rebbieħa tax-Shield. Il-Marsa deċiżi li ma jiddiżappuntawx lill-partitarji tagħhom, fetħu tajjeb fir-raba' korsija bejn Bormla u l-Isla , fejn sal-400 metru mit-tmiem anke l-Kalkara u Marsamxett/ Valletta dehru li jistgħu jinsidjaw biex fl-aħħar 200 metru spissjaw biex fl-aħħar ftit metri spiċċaw quddiem Bormla u l-Isla rispettivament...*' Il-ħin mhux uffiċjali ta' din it-tiġrija hu ta' 5 minuti u 40 sekonda.

Interessanti hu l-kumment minn qaddief Marsi wara li ntemmet t-tiġrija ta' bl-Erbgħa: '... *aħna rbaħna l-palju ta' bl-Erbgħa bl-unuri kollha minkejja li kellna sfida qawwija mill-Isla u Bormla li bħalna kienu armati tajjeb. Qabel it-tiġrija kulħadd kien qed jibża' li l-Isla kienu se jkaxkru kollox, iżda aħna konna nafu li bl-ekwipaġġ li kellna stajna nwaqqfuhom milli jwettqu x-xewqa tagħhom ... nirringrazzja lill-partitarji tagħna li meta rawna fuq quddiem tawna appoġġ kbir bl-għajjat li jtarrax ... f'dak il-waqt, jien u sħabi rrealizzajna li konna fuq quddiem u bi ftit sforz ieħor stajna nirbħu l-palju ....*'

Fl-1997, dan il-palju reġa' ntrebaħ mid-distrett tal-Marsa għat-tieni sena nfila bl-ekwipaġġ ifformat minn Pawlu Grech, John Martin Mifsud, George Zammit u Ġelardu Camilleri. Għalkemm qabel bdiet din it-tiġrija, ħafna dilettanti bassru li x-Shield setgħet tintrebaħ mill-Marsa peress li fil-klassifika ġenerali wara t-tiġrija tal-Kajjikki kienet qed tgħaddi lill-Isla b'20 punt, madankollu, il-Marsa setgħet titlef ix-Shield jekk fit-tiġrija ta' bl-Erbgħa d-dgħajsa Marsija ma tipplejsjax fit-tiġrija u dik tal-Isla tidħol fl-ewwel post. Iżda ċ-ċansijiet li l-Marsa titlef ix-Shield kienu remoti ħafna, għax anke jekk id-dgħajsa tagħhom ma tipplejsjax fit-tiġrija u l-Isla jidħlu fit-tieni jew fit-tielet post, xorta waħda l-Marsin jirbħuha. Silta qasira sportiva tkellimna dwar andament ta' din it-tiġrija. '... *id-dgħajjes tal-Isla, il-Marsa, Bormla u l-Kalkara kellhom ħruġ tajjeb u sa nofs il-korsa kienu għadhom telgħin flimkien bid-dgħajsa tal-Isla b'nofs tul fuq quddiem. Kif id-dgħajjes qabżu l-Ponta ta' l-Isla, il-qaddiefa Marsin bdew iżidu fil-qdif, laħqu lid-dgħajsa tal-Isla u bejniethom bdiet taqtiegħa qalila min minnhom jidħol fl-ewwel post. Il-palju rebħuh il-Marsa f'ħin ta' 5 minuti u 27 sekonda u miegħu rebħu wkoll l-Aggregate Shield. Warajhom daħlu l-Isla u l-Kalkara...*'

Fl-1998 dan il-palju ntrebaħ mid-distrett tal-Marsa għat-tielet darba konsekuttiva bl-ekwipaġġ ifformat minn Paul Grech, John Martin Mifsud, George Zammit u Ġelardu Camilleri . Din it-tiġrija kienet deċiżiva bejn l-Isla u l-Marsa. Kif jgħidu, l-istorja tirrepeti ruħha! Fil-fatt, kollox kien għadu nċert meta qabel ma bdiet it-tiġrija ta' bl-Erbgħa, id-differenza ta' punti bejn l-Isla u l-Marsa kienet ta' 15-il punt, u peress li r-rebbieħ ta' din it-tiġrija jieħu 24 punt, il-Marsa kienu għadhom biċ-ċans li jirbħu s-Shield jekk jidħlu l-ewwel u l-Isla jidħlu fit-tielet post. Silta qasira sportiva iżda informattiva ħafna tagħtina stampa ċara kif żvolġiet din it-tiġrija: '... *mas-sinjal, il-Marsa , l-Isla u Bormla qabżu fuq quddiem, bil-Marsa tieħu vantaġġ ta' nofs tul ta' dgħajsa. Hekk baqgħu d-dgħajjes għall-parti kbira tat-tiġrija, meta f'daqqa waħda l-ekwipaġġ Marsi deher iżid fil-qdif u ħallew lill-Isla u lill-Bormla jissieltu bejniethom għat-tieni post li litteralment daħlu flimkien. Tħabbar ir-riżultat uffiċjali, bl-ewwel post lill-Marsa jirbħu l-palju, it-tieni post ingħata lill-Isla u t-tielet lil Bormla...*' Il-ħin uffiċjali ta' din it-tiġrija kien ta' 5 minuti u 53 sekonda.

Fl-1999, dan il-palju ntrebaħ mill-Isla bl-ekwipaġġ ifformat minn Ronnie Zammit, John Martin Mifsud, George Zammit u Joseph Pace. Din it-tiġrija kienet ikkontestata mid-distretti protagonisti ta' din ir-Regatta Bormla, l-Isla u l-Marsa, u bħas-soltu kienet tiġrija deċiżiva! Peress li d-differenza ta' punti bejn l-Isla u Bormla kienet ta' 16-il punt, iż-żewġ distretti daħlu biċ-ċans li jirbħuha, għalkemm l-Isla, fuq il-karti dehret favorita peress li kellha 16-il punt vantaġġ. Bormla setgħet tirbaħ ix-Shield, jekk tidħol l-ewwel u l-Isla ma tipplejsjax, u setgħet ukoll tirbaħ ix-Shield ma' l-Isla (b'punti ndaqs), jekk tidħol l-ewwel u l-Isla tidħol fit-tielet post. Ovvjament l-Isla setgħet tirbaħ ix-Shield jekk tidħol l-ewwel jew fit-tieni post. Silta qasira meħuda minn rapport sportiv tkellimna dwar l-andament ta' din it-tiġrija li ġiet deskritta bħala l-isbaħ waħda ta' din l-edizzjoni: '... *bid-dgħajjes tal-Isla u Bormla*

*johorġu b'saħħithom mill-bidunett tat-tiġrija u jibqgħu flimkien sa tmiemha. Kienet tiġrija li qajmet entużjażmu kbir fost il-partitarji taż-żewġ clubs, deher ċar ir-rivalità kbira li għadha ħajja fost il-qaddiefa avversarji, iżda minkejja l-pika li tispikka f'dawn it-tiġrijiet, finalment rebaħ l-ispirtu sportiv, meta l-qaddiefa resqu lejn xulxin u ferħu flimkien...'* Il-ħin uffiċjali ta' din it-tiġrija kien ta' 5 minuti u 15-il sekonda.

L-inqas ħin irrekordjat fir-Regatta Nazzjonali (Kategorija Open) bejn l-1990 u l-1999 kien dan:

*Korsa tad-dgħajjes tal-Midalji 'A'* - Isla (1995) - 4 minuti u 32 sekonda

*Korsa tal-Frejgatini* - Isla (1995) – 6 minuti u 14-il sekonda

*Korsa tad-dgħajjes tal-Pass b'Żewġt Imqadef 'A'* - Bormla (1995) – 5 minuti u 29 sekonda

*Korsa tal-Kajjikki* - Bormla (1990) u Isla (1995) – 6 minuti u 20 sekonda

*Korsa tad-dgħajjes tal-Pass b'Erbat Imqadef 'B'* - Isla (1993/1995/1999) – 5 minuti u 15-il sekonda

Mill-1990 sa l -1999 l-Aggregate Shield (Kategorija Open) intrebħet hekk:

1990 - Bormla; 1991 – L-Isla; 1992 – Isla; 1993 - Isla; 1994 - Bormla; 1995 - Isla; 1996 - Isla; 1997 - Marsa; 1998 - Isla; 1999 - Isla.

Kif nafu, fl-1991, id-distretti bdew jipparteċipaw b'opra waħda f'kull tiġrija. Mill-1990 sa l-1992 saru xi tiġrijiet għall qaddiefa żgħażagħ (bla punti). Bejn l-1993 sal-1995 saru tliet tiġrijiet (bil-punti) u d-distrett rebbieħ beda jingħata trofew (Challenge Cup). Bejn l-1996 u l-1999 it-tiġrijiet minn tlieta żdiedu għall-erbgħa (bil-punti) u ġiet introdotta 'Shield' ġdida għall-Kategorija 'Reserves'. B'hekk fit-Tiġrija tal-Vitorja (u wara anke fit-Tiġrija ta' Jum il-Ħelsien) kellna żewġ kategoriji ta' tiġrijiet tad-dgħajjes 'Open' (il-kbira) u 'Reserves' (wara Kategorija 'B').

Mill-1990 sal-1999 dawn il-kategoriji ta' tiġrijiet intrebħu minn dawn id-distretti:

**1990 - Dwana Cup (Taħt it-21 sena)**

*Dgħajjes ta' bl-Erbgħa 'B'*: 1- Isla (5 minuti u 34 sekonda); 2 - Bormla; 3 - Marsa

**1991 - Żewġ Tiġrijiet (mhux għall-punti)**

*Dgħajjes tal- Midalji 'A'* (Taħt il-21 sena);1- Isla (6 minuti u 15-il sekonda); 2- Kalkara; 3 - Birgu.

*Dgħajjes ta' bl-Erbgħa 'B'* (Taħt il-25 sena); 1- Isla (6 minuiti u 10 sekondi); 2 - Birgu; 3 – Marsamxett.

**1992 - Żewġ Tiġrijiet (mhux għall-punti)**

*Dgħajjes tal- Midalji 'A'*: (Taħt il-21 sena); 1 - Bormla (5minuti u 22 sekonda); 2 - Isla; 3 - Kalkara

Dgħajjes ta' bl-Erbgħa 'B' (Taħt il-25 sena); 1- Isla (5 minuti u 53 sekonda); 2 - Bormla; 3 - Kalkara.

**1993 - Challenge Cup (tliet tiġrijiet – bil-punti)**

*Dgħajjes tal- Midalji 'A'* (Taħt il-21 sena) 1 - Kalkara ( 5 minuti u 22 sekondi); 2 - Marsamxett; 3 – Birgu.

*Kajjikki* (Taħt il-25 sena) 1 - Birgu (6 minuti u 33 sekonda); 2 - Isla; 3 - Kalkara

*Dgħajjes ta' bl-Erbgħa 'B'* (Taħt il-25 sena); 1– Bormla (5 minuti u 20 sekonda); 2 - Isla; 3 Marsa.

**1994 - Challenge Cup (tliet tiġrijiet – bil-punti)**

*Dgħajjes tal- Midalji 'A'* (Taħt il-21 sena): 1 Bormla (5 minuti u sekonda - mhux uffiċjali); 2 - Isla; 3 - Birgu

*Kajjikki*: 1 – Marsa (6 minuti u 40 sekonda – mhux uffiċjali) 2 – Birgu; 3 - Isla

*Dgħajjes ta' bl-Erbgħa 'B'Ta' Bl-Erbgħa*: 1 – Bormla (5 minuti u 57 sekonda – mhux uffiċjali) 2 – Birgu ; 3 - Isla

**1995 - Aggregate Shield (taħt il-21 sena)**

*Dgħajjes tal- Midalji 'A'*: 1-Isla (4 minuti u 40 sekonda) 2 - Bormla; 3 - Birgu

*Frejgatini*: 1 – Isla (6 minuti u 45 sekonda); 2 – Marsa; 3- Bormla

*Kajjikki*: 1 – Marsa (6 minuti u 20 sekonda): 2 – Bormla; 3 - Isla

*Dgħajjes ta' bl-Erbgħa 'B'*; 1 – Bormla (6 minuti u 26 sekonda) 2 – Isla; 3 - Kalkara

**1996 - Aggregate Shield (Taħt il-21 sena)**

*Dgħajjes tal- Midalji 'A'*: 1 - Bormla (5 minuti u 16 -il sekonda); 2 - Kalkara; 3 - Isla

*Frejgatini*: 1 - Isla (7 minuti u 36 sekonda); 2 - Bormla; 3 - Kalkara

*Kajjikki:* 1 - Marsa (6 minuti 56 sekonda); 2- Bormla; 3 - Kalkara

*Dgħajjes ta' bl-Erbgħa 'B':* 1 - Bormla (5 minuti u 52 sekonda) 2 - Isla; 3 - Kal-kara

**1997 - Aggregate Shield (Taħt it-23 sena)**

*Dgħajjes tal- Midalji 'A'*: 1 - Isla (5 minuti u 5 sekondi); 2 - Bormla; 3 - Kalkara

*Frejgatini*: 1 - Bormla (7 minuti u 6 sekondi); 2 - Kalkara; 3 - Isla.

*Kajjikki:* 1 - Isla (6 minuti u 58 sekonda); 2 - Bormla; 3 - Marsamxett

*Dgħajjes ta' bl-Erbgħa 'B'Ta' Bl-Erbgħa*: 1 - Bormla (5 minuti u 37 sekonda); 2 - Isla; 3 - Kalkara

**1998 - Aggregate Shield (Taħt it- 23 sena)**

*Dgħajjes tal- Midalji 'A'*: Bormla (5 minuti u 11-il sekonda); 2 - Isla; 3 - Marsamxett

*Frejgatini*: 1 - Isla (7 minuti u 26 sekonda); 2 - Bormla; 3 - Kalkara

*Kajjikki*: 1 - Isla (6 minuti u 33 sekonda) 2 - Bormla; 3 - Kalkara

*Dgħajjes ta' bl-Erbgħa 'B'*: 1 - Kalkara (5 minuti u 55 sekonda) (Isla/Bormla/Marsamxett - skwalifikati )

**1999 – Aggregate Shield (Taħt it-23 sena )**

*Dgħajjes tal- Midalji 'A'*: 1 - Bormla (4 minuti u 44 sekonda); 2 - Birgu; 3 – Marsamxett.

*Frejgatini*: 1 - Isla (6 minuti u 51 sekonda); 2 - Bormla; 3 - Marsamxett.

*Kajjikki:* 1 – Isla (6 minuti u 17-il sekonda); 2 - Birgu; 3 – Marsamxett.

*Dgħajjes ta' bl-Erbgħa 'B'*: 1 - Bormla (5 minuti u 19-il sekonda); 2 - Marsamxett; 3 – Birgu.

Tiġrija (qaddiefa 'l fuq minn 45 sena)

*Dgħajjes ta' bl-Erbgħa 'B'*: 1 - Bormla (5 minuti u 45 sekonda); 2 – Marsa; 3 – Birgu.

L-inqas ħinijiet irrekordjati fil-Kategorija 'Reserves' bejn l-1996 u l-1999 kienu dawn:

*Korsa tad-dgħajjes tal-Midalji 'A'* – Bormla (1999) - 4 minuti u 44 sekonda

*Korsa tal-Frejgatini* - Isla (1995) - 6 minuti u 45 sekonda

*Korsa tal-Kajjikki* - Isla (1999) - 6 minuti u 17-il sekonda

*Korsa tad-dgħajjes tal-Pass b'Erbat Imqadef 'B'* - Bormla (1999) - 5 minuti u 19-il sekonda

Rebbieħa 'Challenge Cup' (Taħt- il 21 sena)

1993 – Bormla / Isla / Kalkara ; 1994 - Bormla

Mill-1995 sal-1999 l-Aggregate Shield (Kategorija Reserve) intrebħet hekk:

1995 – Isla ; 1996 - Bormla ; 1997 - Bormla; 1998 - Bormla/Isla ; 1999 - Bormla.

*ikompli f'ħarġa oħra*

ISLA MARSA MARSAMXETT BORMLA BIRGU KALKARA BIRŻEBUĠĠA




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Real Madrid

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Mejju, 2013

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Real Madrid ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

Malta's Leading Sports & Casual Shops

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 73

Ir-Rebbieħa tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 73 huwa:

Alfred Micallef - San Gwann





IRBAĦ €150 VOUCHER MA'

TeamSport

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Mejju, 2013

**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

Isem ____________

Indirizz ____________

Email ____________

# SPORTIV Tisliba

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 72

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| F | L | Y | E | R | S | | F | | B | | O |
| E | | A | | A | | P | L | U | M | P | T |
| R | O | N | | I | | | O | | X | | T |
| G | | | E | D | W | A | R | D | | G | E |
| U | N | C | L | E | | | I | | E | | R |
| S | | R | | R | I | P | A | R | D | | S |
| O | W | E | N | S | | | N | | G | O | |
| N | | M | | | H | | A | L | A | N | |
| | C | O | U | S | I | N | | I | R | W | I |
| C | | N | | | L | | A | | | A | |
| A | R | A | B | | A | I | G | N | E | R | |
| R | | | O | R | R | | I | | | D | A |
| O | L | R | Y | | Y | O | U | T | H | S | |
| L | | I | S | A | | | S | | C | | O |

Ir-rebbieħ tal-Ħarġa Nru. 73 ta' April 2013 huwa: Ian Borg Cutajar - Siggiewi

**MIMDUDIN**

1) Klabb tal-Voleyball Ball Femminili f'Malta (6)
8) Ben, atleta Junior ta' San Ġiljan ASC u tal-ASA Under-17 (8)
9) Dennis, chairman tal-McLaren fil-Formula Wieħed (3)
10) Herrera, għen ħafna lil B'Kara FC biex isiru champions (6)
11) "The ....", il-laqam ta' Glasgow Rangers FC (4)
12) "..... Kemp", żiemel Finlandiż ta' 7 snin (5)
15) Sebastian, kollega ta' Benji Borg fl-Ibburdjar Malti (6)
16) Iċ-ċirkwit Belġjan tal-Formula Wieħed (3)
17) Jessie, 4 midalji tad-deheb fl-Olimpjadi 1936 (5)
18) u 23) Frans "...." Zammit, karriera twila ma' Luqa SA FC (4)
21) Zammit, atleta 'veteran' Malti fil-100 metres (4)
23) Ara 18 Mimdudin
24) Neil Zarb ......, coach ta' Mdina Knights FC (6)
25) Denis, 368 partita fid-difiża ta' Man Utd (5)
29) Siraj u Samir, kienu b'self ma' Vittoriosa Stars FC (4)
31) Gerhard, Segretarju Ġenerali tal-UEFA 1989-2003 (6)
32) u 40) FC ...., l-eks klabb Svizzeru ta' Gennaro Gattuso (4)
33) Karl Grech ..., plejer Malti ta' li Squash (3)
34) Fraser, eks-għawwiema Awstraljana illum politikanta (4)
35) ".... Meslois", żiemel Franċiż ta' 11-il sena (4)
37) Balzan ......, klabb tal-Premier Malti tal-Futbol (6)
39) Industries Soccer Association (1,1,1)
40) Ara 32 Mimdudin

**WEQFIN**

1) Sir Alex, (8)
2) Cauchi, difensur ta' Rabat Ajax FC (3)
3) Champions tat-Tieni Diviżjoni tal-Futbol tan-Nisa (7)
4) Champions tal-Ewwel Divizjoni tal-Basketball tal-Irġiel (8)
5) Sport taċ-Ċiklisti, popolari ħafna f'Malta (1,1,1)
6) Klabb tal-Waterpolo minn Għawdex (6)
7) Mauro, rebbieħ tal-Bowling Masters 2012 f'Malta (8)
10) Stephan .. Shaarawy, il-'Farauni' Milanist (2)
13) Massimo, champion veteran Malti fit-Table Football (7)
14) Gili, wieħed mill-fundaturi tal-Malta Judo Federation (5)
19) "....... Star", żiemel Franċiż ta' 11-il sena (7)
20) Fr. ...... Tagliaferro, il-moħħ wara l-Youth Nuseries f'Malta (6)
22) Na, tennista professjonali Ċiniża (2)
23) L-inizjali ta' kunjomijiet Karl, plejer ta' Exile WPC (1,1)
26) Curmi, bl-ewwel midalja tad-deheb fit-Tennis fl-1987 (5)
27) Edward, atleta Malti fli Special Olympics (5)
28) "Bet...", kumpanija multi-nazzjonali tal-imħatri (3)
30) Is-supporters 'imqarbin' ta' Inter FC (4)
32) ".... League", lig tal-Futbol taħt l-awspiċi tal-MFA (4)
36) Cha Du-.., right-back tal-Korea t'Isfel (2)
38) Henry Calleja, ġurnalist sportiv Malti (1,1)




Dun Karm Psaila Street, Iklin
t: +356 2142 1383

TeamSporT®

NIKE adidas Reebok lotto DIADORA macron Sixtus uhlsport asics UMBRO





# BOV Premier League MasterCard Prepaid Card

BOV Premier League 2012-2013

Ħu l-opportunità biex takkwista BOV Premier League MasterCard Prepaid Card f'edizzjoni limitata. Jekk trid iżżomm il-kard bħala rikordju, tagħtiha bħala rigal, tħallas online, tixtri jew tiekol barra, il-BOV Premier League MasterCard Prepaid Card hija mod faċli u konvenjenti biex tħallas.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV CARDS**

Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

**2131 2020 | bov.com**

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c. 58, Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta

BOV
Bank of Valletta

BIRKIRKARA F.C.
1950

# Birkirk




SPORTIV

## Premier League

CISK
LAGER
FINEST QUALITY
LAGER BEER
ENJOY RESPONSIBLY
drinkawaremalta.com
for the facts

# ara F.C.

BIRKIRKARA F.C.
1950




# Champions 2012/2013

BOV PREMIER LEAGUE
2012-2013


CISK
LAGER
FINEST QUALITY
LAGER BEER
Find us on:
facebook